DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1191

tal-21 ta' Frar 2025

dwar l-Għajnuna mill-Istat SA. 33769 — C/2015 (ex NN/2015) (ex CP/2011) implimentata mir-Rumanija għall-Ajruport Târgu Mureş tat-Transilvania

(notifikata bid-dokument C(2025) 1127)

(It-test Rumen biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1), il-punt (a), tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni msemmija hawn fuq [1] u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Proċedimenti dwar l-allegat finanzjament pubbliku lill-Ajruport ta' Târgu Mureş tat-Transilvania fil-perjodu 2007-2009

(1) Fis-17 ta' Mejju 2010, ir-Rumanija nnotifikat lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat" jew "TFUE"), skema ta' għajnuna li tipprevedi appoġġ pubbliku favur ajruporti reġjonali żgħar inkluż l-Ajruport ta' Târgu Mureş tat-Transilvania ("l-Ajruport ta' Târgu Mureş", "TMA" jew l-"Ajruport"). In-notifika ġiet irreġistrata taħt il-kawża numru N 185/2010.

(2) Permezz ta' ittra datata l-24 ta' Mejju 2011, il-Kummissjoni infurmat lir-Rumanija li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE, bin-numru tal-każ SA.30931 (2011/C), (id-"Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2011") [2] fir-rigward tal-iskema notifikata għall-finanzjament pubbliku biex jiġi sostnut l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-ajruporti f'ajruporti reġjonali żgħar, kif ukoll il-finanzjament pubbliku biex jiġi kopert it-telf operatorju mogħti lill-ajruporti reġjonali matul il-perjodu 2007-2009 li nġieb għall-attenzjoni tal-Kummissjoni mir-Rumanija matul il-fażi ta' valutazzjoni preliminari tan-notifika. Sussegwentement, il-Kummissjoni adottat rettifika għal din id-deċiżjoni fit-23 ta' Ġunju 2011.

(3) Permezz ta' ittra datata l-25 ta' Lulju 2011, ir-Rumanija rtirat in-notifika tagħha. Konsegwentement, fil-31 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni għalqet l-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-miżura notifikata. Il-proċedura ta' investigazzjoni formali baqgħet miftuħa fir-rigward tal-finanzjament pubbliku mogħti lill-ajruporti reġjonali Rumeni fil-perjodu 2007 – 2009 biex ikopri t-telf operatorju.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni SA.33769 (2015/C) (ex 2015/NN) (ex 2011/CP) — ir-Rumanija — Allegata għajnuna lill-Ajruport ta' Târgu Mureto Transylvania, Wizz Air, Ryanair u linji tal-ajru oħra (ĠU C 104, 18.3.2016, p. 45), (kif ikkoreġuta mill-Kummissjoni permezz ta' Rettifika adottata fit-23 ta' Ġunju 2011) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) dwar l-għajnuna mill-Istat SA.30931 (11/C) (ex N 185/10) implimentata mir-Rumanija għall-ajruporti reġjonali Rumeni (ĠU C 207, 13.7.2011, p. 3).

[2] ĠU C 207, 13.7.2011, p. 3.

(4) Permezz ta' deċiżjoni pożittiva finali tas-27 ta' Settembru 2016 (id- "Deċiżjoni Finali tal-2016"), ([3]) il-Kummissjoni għalqet l-investigazzjoni fil-każ SA.30931 fir-rigward tal-ajruporti kollha kkonċernati, bl-eċċezzjoni tal-Ajruport "Avram Iancu" fi Cluj ("l-Ajruport ta' Cluj" jew "CNIA") u TMA.

(5) Konsegwentement, l-investigazzjoni tal-finanzjament pubbliku biex jiġi kopert it-telf operatorju ta' TMA bejn l-2007 u l-2009 baqgħet miftuħa u se tiġi vvalutata f'din id-Deċiżjoni.

1.2. Proċedimenti dwar l-allegati miżuri ta' għajnuna lil-linji tal-ajru li joperaw fl-Ajruport ta' Târgu Mureş tat-Transilvania, lill-Ajruport ta' Târgu Mureş tat-Transilvania u lill-Maniġer tal-Ajruport tiegħu

(6) Fit-13 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni rċeviet ilment skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE, dwar l-allegata għajnuna illegali mill-Istat li tikkonċerna lil TMA. Dan l-ilment ġie rreġistrat taħt ir-referenza SA.33769. L-ilment ġie ssupplimentat b'aktar informazzjoni lill-Kummissjoni fl-14 ta' Ottubru 2011, fit-18 ta' Ottubru 2011, fit-3 ta' Novembru 2011, fl-24 ta' Novembru 2011, fl-10 ta' Jannar 2012, fit-8 ta' Novembru 2012

(7) Fl-1 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni rċeviet it-tieni lment dwar l-allegata għajnuna illegali mill-Istat mogħtija lil-linja tal-ajru Wizz Air u lil TMA. It-tieni ilmentatur ipprovda informazzjoni addizzjonali lill-Kummissjoni fit-2 ta' April 2012, fl-20 ta' April 2012, u fil-15 ta' Ottubru 2012. Dan l-ilment u l-informazzjoni supplimentari ġew irreġistrati wkoll taħt il-każ numru SA 33769.

(8) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni rċeviet it-tielet ilment dwar l-allegata għajnuna mill-Istat illegali mogħtija lil TMA. L-ilment ġie ssupplimentat b'aktar informazzjoni fis-7 ta' Diċembru 2012, fis-26 ta' Frar 2013, fis-27 ta' Frar 2013, fit-18 ta' Settembru 2013, fil-5 ta' Diċembru 2013, fit-12 ta' Frar 2015 u fit-18 ta' Frar 2015. Dan l-ilment u l-informazzjoni supplimentari ġew irreġistrati wkoll taħt il-każ numru SA 33769.

(9) Saru diversi skambji bejn il-Kummissjoni, l-awtoritajiet Rumeni u kull wieħed mill-ilmentaturi fil-perjodu 2011 - 2015.

(10) Permezz ta' ittra datata l-31 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni infurmat lir-Rumanija bid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE fir-rigward tal-imposti tal-ajruport imposti fuq il-linji tal-ajru li joperaw f'TMA, il-finanzjament pubbliku tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali (SIEĠ) mogħti lill-maniġer tal-ajruport għall-perjodi 2011-2014 u 2014-2019 u l-finanzjament pubbliku tax-xiri tal-infrastruttura tas-servizzi fuq l-art fl-2011 u tal-faċilitajiet tal-parking fit-TMA (id-"Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2015"). ([4])

(11) Permezz ta' ittra datata s-26 ta' Awwissu 2015, l-awtoritajiet Rumeni talbu l-estensjoni tal-iskadenza biex jipprovdu l-pożizzjoni tagħhom.

(12) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mir-Rumanija fit-2 ta' Ottubru 2015.

(13) Id-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2015 ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fit-18 ta' Marzu 2016. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar il-miżuri inkwistjoni fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni.

(14) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand Carpatair u l-awtoritajiet Rumeni fil-15 ta' April 2016, minn Wizz Air fit-2 ta' Mejju 2016 u mill-Ajruport ta' Cluj fit-3 ta' Mejju 2016.

(15) Il-Kummissjoni baqgħtet il-kummenti tal-partijiet terzi lir-Rumanija fit-22 ta' Awwissu 2016. Fit-22 ta' Settembru 2016, ir-Rumanija pprovdiet it-tweġiba tagħha għall-kummenti.

(16) Il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-awtoritajiet Rumeni permezz ta' ittra datata l-24 ta' Ottubru 2017. L-awtoritajiet Rumeni wieġbu fid-19 ta' Frar 2018.

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1149 tas-27 ta' Settembru 2016 dwar għajnuna mill-Istat SA.30931 (11/C) (ex N 185/10) implimentata mir-Rumanija għal ajruporti reġjonali tar-Rumanija (ĠU L 166, 29.6.2017, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/1149/oj).

([4]) Għajnuna mill-Istat — Ir-Rumanija — Għajnuna mill-Istat SA.32963 (2015/C) (ex 2012/NN) (ex 2011/CP) — Għajuna mill-Istat lil Wizz Air u lill-Ajruport ta' Cluj — Napoca — Stedina biex jitressqu kummenti skont l-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 104, 18.3.2016, p. 77).

1.3. **Passi proċedurali komuni għad-Deċiżjonijiet tal-Ftuħ tal-2011 u l-2015**

(17) Il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni addizzjonali mill-awtoritajiet Rumeni fis-26 ta' Frar 2020. Is-servizzi tal-Kummissjoni organizzaw telekonferenza mal-awtoritajiet Rumeni fit-13 ta' Marzu 2020 u bagħtu talba għal informazzjoni addizzjonali fil-5 ta' Mejju 2020. L-awtoritajiet Rumeni wieġbu fil-5 ta' Ġunju 2020.

(18) Il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-awtoritajiet Rumeni permezz ta' ittri datati l-14 ta' Frar, l-4 ta' Marzu, it-30 ta' Lulju u l-25 ta' Settembru 2024. L-awtoritajiet Rumeni wieġbu fl-24 ta' Marzu, fit-12 ta' April, fit-30 ta' Awwissu u fit-22 ta' Ottubru 2024.

2. **TÂRGU MUREŞ U L-KONTEA TA' MUREŞ**

2.1. **Ħarsa Ġenerali**

(19) Târgu Mureş hija belt ta' 116 000 abitant ([5]) fil-Kontea ta' Mureş. Din isservi bħala ċ-ċentru amministrattiv tal-kontea u titqies bħala ċentru ekonomiku suprareġjonali.

(20) Il-Kontea ta' Mureş tappartjeni għar-Reġjun Ċentrali tar-Rumanija (jew "*Centru*" bir-Rumen). Dan ir-reġjun jinkludi wkoll il-kontej ta' Alba, Brasov, Covasna, Harghita, u Sibiu. F'pożizzjoni ċentrali fir-Rumanija, ir-reġjun huwa ekwidistanti minn diversi punti ta' qsim tal-fruntiera.

2.2. **Ix-xejriet tal-popolazzjoni u l-prestazzjoni ekonomika**

(21) Matul dawn l-aħħar deċennji, il-popolazzjoni tal-Kontea ta' Mureş esperjenzat tnaqqis kostanti fil-popolazzjoni. Fl-1990, il-kontea kellha madwar 621 445 abitant. Sal-2010, dan in-numru kien naqas għal 580 672. Sal-2020, il-popolazzjoni kompliet tonqos għal 557 200, u l-projezzjonijiet jindikaw tnaqqis għal 436 600 sal-2050. Il-grupp tal-età tax-xogħol (15-61 sena) huwa mistenni wkoll li jonqos drastikament, minn 397 400 fl-2010 għal 255 300 sal-2050—tnaqqis ta' 35,8 %. ([6])

(22) Matul l-ewwel deċennju tas-seklu 21, it-tkabbir tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-Kontea ta' Mureş kien it-tieni l-aktar baxx fost il-kontej fir-Reġjun Ċentrali, li waqa' b'mod sinifikanti wara dak ta' Bucharest. ([7])

2.3. **L-infrastruttura tat-triq**

(23) F'Diċembru 2009, il-Kontea ta' Mureş kellha 2 098 kilometru ta' toroq, li jinkludu 414-il kilometru ta' toroq nazzjonali u 1 684 kilometru ta' toroq tal-kontea. Madankollu, 425 kilometru biss ġew ikklassifikati bħala infrastruttura "moderna". ([8])

(24) Fiż-żmien tal-investigazzjoni, l-infrastruttura tat-toroq fil-Kontea ta' Mureş kienet nieqsa minn konnessjonijiet veloċi mal-bqija tal-pajjiż. L-aktar rotta Ewropea sinifikanti li tgħaddi minn Târgu Mureş kienet l-E60, li tgħaqqad il-fruntiera Ungeriża f'Borş ma' bliet bħal Oradea, Cluj-Napoca, Târgu Mureş, Braşov, Ploieşti, Bucharest, u Constanţa. Il-Kontea ta' Mureş kellha wkoll aċċess għal diversi kurituri ewlenin oħra tat-trasport: l-E68 (li tgħaqqad il-fruntiera tal-Ungerija ma' Sibiu, Braşov, u bliet ewlenin oħra), l-E81 (li tgħaqqad il-Bulgarija mar-Rumanija, tgħaddi minn Bucharest, Pitesti, u Cluj-Napoca), u l-E574 u l-E58, li jgħaqqdu bliet u fruntieri ewlenin fir-reġjun. ([9])

([5]) Data tal-2021.

([6]) L-Aġenzija għall-Iżvilupp tar-Reġjun Ċentrali. Demographic Analysis of the Central Region. Geodemographic disparities. Trends and Forecasts (2010).
Disponibbli fuq 31ycx_Analiza si prognoza demografica.pdf.

([7]) Il-PDG żdied biss b'39,2 % mill-1999 sal-2007 meta mqabbel ma' 102 % tar-Reġjun ta' Alba u 84,7 % tal-Kontea ta' Sibu u taħt il-medja tar-reġjun ta' 59,9 %.
Informazzjoni mill-Aġenzija għall-Iżvilupp tar-Reġjun Ċentrali. Unemployment in the Central Region – Causes and Trends (2010).
Disponibbli fuq: pqn30_somaj.pdf.

([8]) L-Aġenzija għall-Iżvilupp tar-Reġjun Ċentrali. Transport infrastructure. Key factors in the sustainable development of the Central Region (2011).
Disponibbli fuq: Microsoft Word - Coperta studiu Infrastructura de transport.

([9]) Sustainable Urban Mobility Plan of Târgu Mureş Municipality
Disponibbli fuq: PMUD Târgu Mureş.

(25) L-iżviluppi infrastrutturali futuri kienu jinkludu dak iż-żmien l-Awtostrada tat-Transilvania A3 ippjanata (bir-Rumen *Autostrada A3*) li kellha l-għan li tgħaqqad lil Bucharest mal-fruntiera Ungeriża permezz ta' Braşov, Târgu Mureş, u Cluj-Napoca, li tgħaddi mill-Kontea ta' Mureş. Barra minn hekk, l-awtostrada ppjanata lejn il-Moldova kienet ittejjeb ir-rabtiet bejn Târgu Mureş u bliet bħal Roman, Iaşi, u l-fruntiera tal-Moldova. ([10])

(26) Fiż-żmien tal-investigazzjoni, il-flussi tat-traffiku ġġenerati mill-Ajruport ta' Târgu Mureş tat-Transilvania (TMA) ma setgħux jevitaw iċ-ċentru tal-belt ta' Târgu Mureş, li flimkien mal-kwalità fqira tas-servizzi ferrovjarji kellhom impatt negattiv fuq il-mobbiltà tal-Kontea. Barra minn hekk, f'Diċembru 2018, it-TMA kien konness biss mal-ħruġ A3.

3. L-AJRUPORT TA' TÂRGU MUREŞ

3.1. L-Ajruport

(27) L-Ajruport ta' Târgu Mureş tat-Transilvania jinsab 14-il km fil-Lbiċ ta' Târgu Mureş. Huwa infrastruttura importanti għall-konnettività reġjonali tar-reġjun ta' Transilvania, u jappoġġja bosta impjiegi konnessi mas-settur tas-servizzi tal-avjazzjoni.

(28) It-TMA jinsab 450 km ekwidistanti mill-bliet kapitali ewlenin tar-reġjun usa' – jinsab 450 km 'l bogħod minn Belgrad, Budapest, Bucharest u Chisinau. L-ajruport jaqdi reġjun li jinkludi diversi kontej, bħal Mureş, Harghita, Covasna, partijiet minn Bistrita, Brasov, Suceava u Sibiu, b'popolazzjoni totali ta' madwar 2,7 miljun persuna.

(29) L-eqreb ajruporti huma l-Ajruport ta' Cluj, li jinsab madwar 103 km 'il bogħod, jew madwar siegħa u nofs bil-karozza, u l-Ajruport Internazzjonali ta' Sibiu, li jinsab madwar 120 km 'il bogħod, jew madwar siegħa u 50 minuta bil-karozza. L-ajruporti ewlenin l-oħra kollha huma aktar minn sagħtejn 'il bogħod bil-karozza. In-numri ta' passiġġieri tat-TMA għall-perjodu 2005-2019 huma murija fit-tabella ta' hawn taħt.

Tabella 1

In-numri tal-passiġġieri fit-TMA bejn l-2005 u l-2019 ([11])

2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012
12 408	46 882	156 929	69 945	84 062	74 353	257 303	300 427

2013	2014	2015	2016	2017	2018	2019
356 656	343 521	336 694	287 412	566	63 794	179 066

(30) Bejn l-2005 u l-2019, diversi linji tal-ajru kienu qed jipprovdu titjiriet skedati mill-Ajruport. L-attivitajiet tal-linji tal-ajru ewlenin li joffru titjiriet regolari f'TMA huma deskritti fil-paragrafi li ġejjin.

(31) Wizz Air bdiet topera fl-Ajruport f'Ġunju 2006 b'rotta lejn Budapest u espandiet l-attivitajiet tagħha għal ħames rotot oħra fl-2007. F'Novembru 2007, Wizz Air waqqfet l-attività tagħha fl-Ajruport. Fl-2008, Wizz Air reġgħet bdiet topera fl-Ajruport b'ħames rotot ġodda. Fl-2009 u fl-2010, Wizz Air operat biss ir-rotta tagħha f'Budapest. Fl-2011, Wizz Air żiedet is-servizzi tagħha billi feħet mill-ġdid u żiedet rotot ġodda għal total ta' tmienja. Minn dak iż-żmien' l hawn, Wizz Air kienet attiva fl-Ajruport, u topera medja ta' bejn tmien u għaxar rotot sal-għeluq tekniku tal-Ajruport fl-2017. Wara l-ftuħ mill-ġdid tas-servizzi kummerċjali mit-TMA, Wizz Air operat erba' rotot mit-TMA fl-2018 u fl-2019.

([10]) Sustainable Urban Mobility Plan of Târgu Mureş Municipality
Disponibbli fuq: PMUD Târgu Mureş.

([11]) In-numri finali għas-snin 2007-2009 huma kemxejn differenti min-numri mid-Deċiżjoni Finali tal-2016 abbażi tal-kjarifiki pprovduti mir-Rumanija. It-tnaqqis fl-għadd ta' passiġġieri f'Novembru 2016 huwa relatat mal-għeluq temporanju tal-ajruport sabiex jirrinnova r-runway u r-rampa u kanċellazzjoni jew trasferiment tat-titjiriet kollha lejn l-Ajruport ta' Cluj. Ix-xogħol tlesta f'Ġunju 2018.
Sors: https://www.aeroportultransilvania.ro/wp-content/uploads/2014/05/Raportul-anual-al-administratorilor-cu-privire-la-bilantul-31-12-2016.pdf.

(32) Fl-2013, Ryanair operat żewġ rotot lejn Charleroi u Pisa u żammet biss ir-rotta lejn Charleroi sa nofs l-2014, meta waqqfet l-attivitajiet tagħha fl-ajruport u ilha ma topera rotot mill-2014.

(33) Malev operat rotta lejn Budapest mill-2005 sal-2012.

(34) TAROM operat rotta lejn Bucharest mill-2005 sal-2014 u fl-2018 u fl-2019.

(35) Carpatair operat konnessjoni ma' Timisoara mill-2005 sal-2008.

(36) Barra minn hekk, diversi linji tal-ajru offrew titjiriet charter fil-perjodu mill-2005 sal-2019 lejn id-Danimarka (Cimber Air u Wideroe), l-Eġittu (Air Arabia, TAROM u Air Bucharest), l-Iżrael (Sun D'Or) u t-Turkija (Corendon u TAROM).

(37) L-ebda titjira tal-merkanzija operata fl-ajruport matul il-perjodu taħt investigazzjoni. It-trasport tal-merkanzija seħħ prinċipalment permezz ta' traffiku fit-toroq fi tranżitu.

3.2. **Maniġer tal-Ajruport**

(38) Mill-1990 sal-2019, il-maniġer tat-TMA kien ir-Regia Autonomă "Aeroportul Transilvania" Târgu-Mureș. ([12]) Bħall-biċċa l-kbira tal-ajruporti fir-Rumanija, it-TMA kien parti mill-Kumpanija tal-Ajruporti Reġjonali fir-Rumanija ("RAATR, Company of Regional Airports in Romania") taħt is-superviżjoni tal-Ministeru tat-Trasport Rumen sal-1997.

(39) Skont id-Deċiżjoni tal-Gvern tar-Rumanija Nru 398/1997 (id-"Deċiżjoni tal-Gvern tal-1997"), ([13]) 13-il ajruport fi ħdan l-istruttura tar-RAATR kienu subordinati għall-awtoritajiet pubbliċi lokali, jiġifieri għall-*Consilii Județene* jew il-kunsilli tal-kontea. Dan kien jinkludi t-TMA, li kien subordinat għall-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș. Għalhekk, mis-6 ta' Awwissu 1997 sal-2019, il-Maniġer tal-Ajruport opera taħt l-awtorità tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș. ([14]) Id-Deċiżjoni tal-Gvern tal-1997 ipprevediet li l-finanzjament tal-Maniġers tal-Ajruport għandu jiġi pprovdut mis-sorsi tagħhom stess u, barra minn hekk, mill-allokazzjonijiet mill-baġit lokali tal-kunsilli tal-kontea, fil-limitu tal-ammonti approvati għal dan l-għan. ([15]) Ir-reġim finanzjarju, il-missjoni u l-attribuzzjonijiet tal-Maniġers tal-Ajruporti kollha, kienu l-istess għall-ajruporti kollha. ([16])

(40) Skont id-Deċiżjoni tal-Gvern tal-1997 ([17]), l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-ajruport ittieħdu mill-Kontea ta' Mureș fit-30 ta' Ġunju 1997. ([18]) L-assi ttrasferiti kienu jinkludu t-terminal, ir-runway, it-taxiways u l-pjattaformi tal-imbarkazzjoni u sussegwentement ġew elenkati bħala assi tal-Kontea ta' Mureș.

(41) Il-kompiti tal-Maniġer tal-Ajruport kienu li jżomm u jopera l-infrastruttura tal-ajruport. Huwa joffri servizzi tal-ajruport u lill-utenti tal-imposti (operaturi tal-avjazzjoni kummerċjali u utenti tal-"avjazzjoni ġenerali" mhux kummerċjali) għall-użu ta' tali infrastruttura.

(42) Fl-2011, it-TMA ġie inkarigat bil-forniment ta' SIEĠ (is-"SIEĠ tal-2011") bid-Deċiżjoni Reġjonali Nru 107/2011 tat-18 ta' Awwissu 2011 tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș, (id-"Deċiżjoni Reġjonali ta' Awwissu 2011" jew l-"Inkarigu tas-SIEĠ tal-2011"). Din id-Deċiżjoni kienet fis-seħħ mit-18 ta' Awwissu 2011 sat-30 ta' Ottubru 2014.

([12]) Huwa persuna ġuridika awtonoma skont l-Artikoli 2 u 3 tal-Liġi Rumena Nru 15/1990, dwar ir-riorganizzazzjoni tal-unitajiet ekonomiċi tal-Istat bħala korporazzjonijiet awtonomi u kumpaniji kummerċjali.

([13]) Id-Deċiżjoni tal-Gvern tar-Rumanija Nru 398/1997 dwar it-tranżizzjoni ta' ċerti amministrazzjonijiet awtonomi tal-ajruporti mill-awtorità tal-Ministeru tat-Trasport għall-awtorità tal-kunsilli tal-kontea.

([14]) Id-Deċiżjoni Nru 37/11.09.1997 tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș.

([15]) L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Gvern tal-1997.

([16]) L-Artikolu 3 u l-Anness II (ir-Regolament Qafas għall-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Maniġers tal-Ajruporti) tad-Deċiżjoni tal-Gvern tal-1997.

([17]) L-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni tal-Gvern tal-1997.

([18]) L-Anness 3 tad-Deċiżjoni tal-Gvern tal-1997.

(43) Il-Maniġer tal-Ajruport ġie inkarigat bit-tieni SIEĠ (is-"SIEĠ tal-2014") permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș Nru 161/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014 kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș Nru 67/2015 tat-18 ta' Ġunju 2015 (id-"Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014" jew l-"Inkarigu tas-SIEĠ tal-2014"). Din id-Deċiżjoni kienet valida sad-9 ta' Mejju 2019.

4. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-MIŻURI

(44) Ħames miżuri huma koperti minn din id-Deċiżjoni: ([19])

— Miżura 1 – Finanzjament tat-TMA fil-perjodu 2007-2009

— Miżura 2 – Finanzjament tal-infrastruttura tas-servizzi fuq l-art għat-TMA fl-2011

— Miżura 3 – Finanzjament tat-TMA taħt l-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2011 minn Awwissu 2011 sa Ottubru 2014

— Miżura 4 – Finanzjament tat-TMA taħt l-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2014 minn Ottubru 2014 sal-31 ta' Lulju 2019

— Miżura 5 – Imposti tal-ajruport għal-linji tal-ajru li joperaw fit-TMA mill-21 ta' Marzu 2013 sas-16 ta' Frar 2019.

4.1. Miżura 1 - Finanzjament tat-TMA fil-perjodu 2007 - 2009

(45) L-awtoritajiet Rumeni spjegaw li l-ajruporti reġjonali żgħar Rumeni kollha kienu ġeneralment qed jagħmlu telf matul il-perjodu 2007-2009, u li t-telf operatorju tagħhom kien kopert mill-Istat fuq bażi annwali. ([20])

(46) Speċifikament fil-każ tat-TMA, ir-riżultat operattiv għall-perjodu ta' referenza kif ukoll il-finanzjament pubbliku mogħti huma ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt.

Tabella 2

Riżultat operattiv tat-TMA u l-finanzjament pubbliku matul l-2007 – 2009 (RON)

Sena	2007	2008	2009	Total
Kostijiet operatorji	4 855 746	6 143 528	7 135 784	18 135 058
Dħul mill-operat	2 979 561	2 016 657	2 018 773	7 014 991
Riżultati ta' defiċit/telf tal-operazzjoni	(1 876 185)	(4 126 871)	(5 117 011)	(11 120 067)
Ammont ta' kumpens imħallas minn fondi pubbliċi	1 838 540	4 305 247	4 722 536	10 866 323
Diskrepanza tal-likwidità mhux koperta minn fondi pubbliċi/kumpens żejjed	(37 645)	178 376	(394 475)	(253 744)
Diskrepanza tal-likwidità mhux koperta minn fondi pubbliċi/kumpens żejjed (EUR)	(11 286)	48 440	(93 056)	(152 783)

([19]) Peress li din id-deċiżjoni hija relatata ma' żewġ deċiżjonijiet tal-ftuħ, il-Kummissjoni rranġat mill-ġdid in-numerazzjoni tal-miżuri li jinsabu fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2015 sabiex ittejjeb il-leġġibbiltà.

([20]) Ara l-premessa 29 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2011.

(47) B'kollox, it-TMA rċieva RON 10 866 323 (EUR 2 834 420 ([21])) mill-Miżura 1 matul il-perjodu 2007-2009. Għalkemm ir-riżultat tal-2008 ingħalaq b'kumpens żejjed, il-kumpens totali għal dawn it-3 snin kien aktar baxx mir-riżultat tal-operazzjoni, u ħalla diskrepanza tal-likwidità ta' RON 253 744 (EUR 152 783).

(48) Skont ir-Rumanija, il-finanzjament pubbliku mogħti kull sena fil-perjodu 2007 – 2009 kien jirrappreżenta kumpens għall-forniment ta' SIEĠ, li jikkonsisti fil-ġestjoni ġenerali tat-TMA, u kien konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/842/KE tat-28 ta' Novembru 2005 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 86(2) tat-Trattat [issa l-Artikolu 106(2) tat-TFUE] rigward għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għal servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (id-"Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2005"). ([22])

(49) B'mod speċjali:

(a) L-operat tas-SIEĠ ġie inkarigat lill-Maniġer tal-Ajruport bid-Deċiżjoni tal-Gvern tal-1997 li tistabbilixxi l-obbligi ta' servizz pubbliku ("OSP), il-parametri għall-kalkolu tal-kumpens u l-arranġamenti biex jiġi evitat kwalunkwe kumpens żejjed;

(b) It-traffiku annwali fl-Ajruport ma qabiżx il-1 000 000 passiġġier.

(50) Id-Deċiżjoni tal-Gvern tal-1997 tistabbilixxi li l-kostijiet operatorji u tal-kapitali tal-ajruporti inkwistjoni jkunu koperti minn riżorsi proprji ssupplimentati minn finanzjament pubbliku sa fejn ikun meħtieġ. Ir-Rumanija tqis li dan il-mekkaniżmu jipprevjeni kumpens żejjed sa fejn l-ajruporti jistgħu jirċievu biss l-ammont meħtieġ biex ikopru l-kostijiet kollha. Dawn l-ammonti jitħallsu lill-ajruporti fil-bidu tas-sena, abbażi tat-tbassir tal-kostijiet u kwalunkwe surplus jiġi rritornat lill-Istat fi tmiem is-sena finanzjarja. Għall-perjodu inkwistjoni, il-baġit tal-ajruport ġie approvat permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș.

(51) Għall-2007, il-baġit tal-ajruport ġie approvat bid-Deċiżjoni Nru 3 tal-25 ta' Jannar 2007 tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș, li tapprova l-baġit tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș u l-ammonti allokati għall-kofinanzjament tal-programmi ta' żvilupp tal-unitajiet territorjali amministrattivi tal-Kontea ta' Mureș għall-2007.

(52) Għall-2008, il-baġit tal-ajruport ġie approvat bir-Riżoluzzjoni Nru 56 tas-27 ta' Marzu 2008, mill-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș, dwar il-baġit tad-dħul u tan-nefqa tal-2008 tal-Amministrazzjoni tar-Reġjun Awtonomu tal-Ajruport "Transylvania-Târgu Mureș", kif ukoll l-objettivi u l-kriterji tal-prestazzjoni għad-Direttur tar-Reġjun.

(53) Għall-2009, il-baġit tal-ajruport ġie approvat bid-Deċiżjoni Nru 37 tad-29 ta' April 2009 tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș dwar l-approvazzjoni tal-baġit tad-dħul u tan-nefqa tal-Amministrazzjoni Regia Autonomă Aeroportul "Transylvania Mureș" għall-2009.

4.2. **Miżura 2 - Finanzjament tal-infrastruttura tas-servizzi fuq l-art fl-2011**

(54) Id-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2015 innotat li l-Maniġer tal-Ajruport irċieva appoġġ pubbliku għall-finanzjament tal-infrastruttura tas-servizzi fuq l-art fl-ammont totali ta' RON 3 038 362 (EUR 716 747). Skont ir-Rumanija, dawk il-pagamenti ġew approvati mill-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Reġjonali Nru 107/2011 tat-18 ta' Awwissu 2011 tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș, li, kif spjegat fil-premessa 42, inkarigat lit-TMA bil-forniment ta' SIEĠ.

(55) Ir-Rumanija spjegat li sabiex jissodisfa l-obbligi tiegħu bħala fornitur ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, kwalunkwe ajruport huwa obbligat li jipprovdi l-livell minimu ta' infrastruttura tas-servizzi fuq l-art meħtieġ biex jaqdi l-movimenti ta' inġenji tal-ajru eżentati bil- mill-imposti tal-ajruport. ([23]) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Rumeni spjegaw li l-finanzjament tal-infrastruttura tas-servizzi fuq l-art kien limitat għall-kost reali tat-tagħmir, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt.

([21]) Ir-rata tal-kambju f'din id-deċiżjoni hija kkalkulata bħala r-rata tal-kambju uffiċjali medja annwali EUR/RON skont il-valuri offruti mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). F'dan ir-rigward, ir-rati tal-kambju applikati huma kif ġej: 3,34 (2007), 3,68(2008) u 4,24 (2009).

([22]) ĠU L 312, 29.11.2005, p. 67, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2005/842/oj.

([23]) Ara l-premessa 143 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2015.

Tabella 3

Finanzjament pubbliku tal-infrastruttura tas-servizzi fuq l-art fl-2011 (RON)

	Stima tal-kost , VAT inkluża	Stima tal-kost, mingħajr VAT	Valur tal-VAT (sehem ta' 24 %)	Valur tal-appoġġ pubbliku offrut, VAT inkluża
Xarabanks tar-rampa	205 823	165 986	39 836	205 823
Karru għall-Bagalji tal-Passiġġieri	59 163	47 712	11 451	59 163
Ground Power Unit (500 kVA)	179 676	144 900	34 776	179 676
Taraġ awtopropulsiv	919 823	741 800	178 023	919 823
Unità għat-tneħħija tas-silġ	1 673 876	1 349 900	323 976	1 673 876
TOTAL	**3 038 362**	**2 450 299**	**588 062**	**3 038 362**
TOTAL F'EUR	**716 747**	**578 023**	**138 723**	**716 747**

(56) B'kollox, it-TMA rċieva RON 2 450 299(EUR 578 023) ([24]) fl-2011 mill-Miżura 2.

(57) Ir-Rumanija spjegat li, skont id-data tar-reġistri tal-kontabbiltà tal-amministrazzjoni, l-ammont ta' RON 588 062 li jippreżenta VAT deduċibbli, ma kienx inkluż fil-kost tal-infrastruttura tas-servizzi fuq l-art mixtrija fl-2011, u dan il-valur jitnaqqas mit-taxxa fuq il-valur miżjud dovuta lill-baġit tal-Istat u jiġi restawrat wara mill-awtorità pubblika governattiva tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mures.

4.3. Miżura 3 – Finanzjament tat-TMA taħt l-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2011 minn Awwissu 2011 sa Ottubru 2014

(58) Skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Awwissu 2011, l-attivitajiet li ġejjin imwettqa mill-Ajruport jikkostitwixxu SIEĠ:

(a) il-kostruzzjoni tal-infrastruttura u t-tagħmir tal-ajruport: runways, terminals, rampi, torri tal-kontroll tat-traffiku jew installazzjonijiet li jappoġġjawhom direttament: faċilitajiet tat-tifi tan-nar, tagħmir ta' sigurtà u sikurezza;

(b) it-tħaddim tal-infrastruttura, it-tagħmir u l-installazzjonijiet li jappoġġjawhom direttament, inkluż il-manutenzjoni, it-tiswija, it-titjib jew l-amministrazzjoni tal-infrastruttura tal-ajruport;

(c) il-forniment ta' servizzi anċillari għat-trasport bl-ajru, bl-eċċezzjoni tas-servizzi fuq l-art;

(d) il-forniment ta' servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru, servizz tat-tifi tan-nar, servizzi ta' emerġenza, sikurezza;

(e) jiżguraw, skont il-liġi, il-preżenza tal-ispazji u l-utilitajiet meħtieġa għall-awtoritajiet pubbliċi li jwettqu attivitajiet speċifiċi ta' kontroll fl-ajruport;

([24]) Ir-rata tal-kambju f'din id-deċiżjoni hija kkalkulata bħala r-rata tal-kambju uffiċjali medja annwali EUR/RON f'konformità mal-valuri offruti mill-BĊE. F'dan ir-rigward, ir-rati tal-kambju applikati għas-sena 2011 huma 4,2391.

(f) l-ipproċessar ta' titjiriet b'inġenji tal-ajru legalment eżentati mill-ħlas ta' imposti tal-ajruport ([25]), inkluż l-ipproċessar tal-passiġġieri ta' dawn it-titjiriet;

(g) l-akkwist u l-manutenzjoni tat-tagħmir meħtieġ għas-servizzi fuq l-art għal inġenji tal-ajru legalment eżentati mill-ħlas tal-imposti tal-ajruport; u

(h) l-protezzjoni tal-infrastruttura tal-ajruport.

(59) Skont l-awtoritajiet Rumeni l-attivitajiet taħt il-punti d) sa h) hawn fuq mhumiex ta' natura ekonomika u huma fil-kamp ta' applikazzjoni tas-setgħat ta' awtorità pubblika.

(60) Fir-rigward tal-punti f) u g) l-awtoritajiet Rumeni jiddikjaraw li ċerti kategoriji ta' inġenji tal-ajru huma legalment eżentati mit-taxxi u l-imposti kollha tal-ajruport, inklużi l-imposti fuq l-art, fl-ajruporti Rumeni kollha.

(61) F'konformità mal-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Awwissu 2011, l-attivitajiet kummerċjali, li mhumiex marbuta direttament mal-attivitajiet tal-Ajruport, ma jistgħux jiġu appoġġjati. ([26]) Barra minn hekk, l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Awwissu 2011 jinkludi mekkaniżmu għar-rieżami tal-kumpens biex jiġu ssodisfati l-OSP u biex jiġi evitat kumpens żejjed. Il-kalkolu tal-kumpens iqis il-kostijiet kollha mġarrba fit-twettiq tal-attivitajiet relatati mal-SIEĠ, u sehem korrispondenti tal-kostijiet komuni. Id-dħul li għandu jitqies għad-determinazzjoni tal-kumpens għandu jinkludi d-dħul kollu mill-attivitajiet koperti mis-SIEĠ u kwalunkwe profitt minn attivitajiet għajr dawk relatati mas-SIEĠ.

(62) L-awtoritajiet Rumeni enfasizzaw li l-Maniġer tal-Ajruport kien meħtieġ iżomm kontijiet separati għall-attivitajiet li jappartjenu għas-SIEĠ u għall-attivitajiet kummerċjali, u jirritorna kwalunkwe ammont potenzjali ta' kumpens żejjed misjub minn kwalunkwe korp ta' kontroll, inkluż mid-dipartiment speċjalizzat tal-awtorità pubblika tal-pajjiż. Il-Maniġer tal-Ajruport jikkonferma li r-rapporti finanzjarji tal-2011 u r-rapporti finanzjarji sussegwenti tħejjew f'konformità mal-prinċipji tas-separazzjoni tal-ispejjeż u d-dħul tas-SIEĠ minn dawk relatati mal-attivitajiet kummerċjali.

(63) Barra minn hekk, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Kontea Nru 158/2012 li tapprova l-baġit tad-dħul u l-ispejjeż tal-Maniġer tal-Ajruport, il-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș ġie inkarigat bit-twettiq ta' kontrolli u l-approvazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji sottomessi mill-Maniġer tal-Ajruport, sabiex jiġi evitat kumpens żejjed u jiġi vverifikat li l-Maniġer tal-Ajruport ikun issodisfa l-OSP tiegħu. Fid-dawl tas-sejbiet li jirriżultaw minn dawk il-kontrolli, il-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș għandu jitlob lill-Maniġer tal-Ajruport biex jirrimborża kwalunkwe kumpens żejjed jew, jekk ikun meħtieġ, jipproponi rieżami tal-attivitajiet relatati mas-SIEĠ.

(64) Skont ir-rapporti finanzjarji annwali mħejjija minn TMA u vverifikati mill-awtoritajiet Rumeni, ir-riżultat operattiv tat-TMA għall-perjodu li fih kien fis-seħħ l-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2011 huwa ppreżentat hawn taħt fi Tabella 4. Kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt, għalkemm fl-ewwel sena l-kumpens kien pożittiv, dan ma jikkumpensax il-livell ta' telf totali għas-snin li fihom kien fis-seħħ is-SIEĠ.

([25]) Skont l-Artikolu 3(2) tal-Kodiċi tal-Avjazzjoni Rumen, fl-ajruporti miftuħa għat-traffiku kummerċjali, it-tipi ta' inġenji tal-ajru li ġejjin huma eżentati mill-ħlas tal-imposta tal-passiġġieri, tal-imposta tal-inżul, tal-imposta tal-parkeġġ u tad-dawl u tal-imposta għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru: a) Inġenji tal-ajru militari Rumeni; b) Inġenji tal-ajru militari barranin, bis-saħħa ta' ftehimiet bilaterali konklużi fuq talba tal-Ministeru tad-Difiża; c) Inġenji tal-ajru li jġorru rappreżentanti tal-Istat fil-kapaċità uffiċjali tagħhom; d) Inġenji tal-ajru li jtiru fl-interess tan-NU, tas-Salib l-Aħmar jew tan-Nofs Qamar l-Aħmar; e) Inġenji tal-ajru li jwettqu missjonijiet ta' tiftix u salvataġġ; f) Inġenji tal-ajru li jwettqu missjonijiet umanitarji u ta' għajnuna; g) Inġenji tal-ajru li jridu jinżlu l-art minħabba diffikultajiet tekniċi, kundizzjonijiet meteoroloġiċi jew sitwazzjonijiet oħra ta' emerġenza; h) Inġenji tal-ajru li jinżlu l-art fuq struzzjoni mill-Ministeru tat-Trasport u/jew mill-Ministeru tad-Difiża; i) Tipi oħra ta' inġenji tal-ajru kif stabbilit mil-liġi. Skont l-Artikolu 31(4) l-eżenzjonijiet stabbiliti fl-ittri a) - c) japplikaw biss f'ajruporti fejn l-Istat Rumen huwa l-azzjonist maġġoritarju.

([26]) Għalkemm l-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2011 ippermetta wkoll għajnuna għall-investiment, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni huwa limitat għall-valutazzjoni tal-għajnuna operatorja sal-ammonti stabbiliti fit-Tabella 4.

Tabella 4

Riżultat operattiv tat-TMA u finanzjament pubbliku matul l-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2011 (RON)

Perjodu	2011	2012	2013	Jannar – Ottubru 2014	Total
Kostijiet operatorji	7 924 410	10 517 504	11 605 800	9 115 644	39 163 358
Dħul mill-operat	3 064 460	5 012 189	5 939 214	5 030 556	19 046 419
Riżultat tal-operazzjoni/ Telf	(4 859 950)	(5 505 315)	(5 666 586)	(4 085 088)	(20 116 939)
Ammonti ta' kumpens	4 951 625	5 367 648	5 606 274	3 592 570	19 518 117
Diskrepanza tal-likwidità mhux koperta mill-kumpens	91 675	(137 667)	(60 312)	(492 518)	(598 822)
Diskrepanza tal-likwidità mhux koperta mill-kumpens (EUR)	21 626	(30 871)	(13 648)	(110 977)	(134 699)

(65) B'kollox, it-TMA rċieva RON 19 518 117(EUR 4 449 930) ([27]) fl-2011 - Ottubru 2014 mill-Miżura 3.

4.4. Miżura 4 - Finanzjament tat-TMA taħt l-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2014 mit-30 ta' Ottubru 2014 sad-9 ta' Mejju 2019

(66) Skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014, l-attivitajiet li ġejjin jikkostitwixxu SIEĠ f'TMA:

(a) l-amministrazzjoni, il-manutenzjoni regolari, it-tiswija, il-modernizzazzjoni, l-estensjoni u l-kostruzzjoni ta' żoni ta' moviment tal-inġenji tal-ajru (runway, rampi, pjattaformi), torri tal-kontroll, terminals, l-impjant elettriku, amministrat mill-gvern u tagħmir relatat: sistemi u tagħmir ta' sikurezza u sigurtà, sistemi elettriċi, dwal tar-runway, networks utilitarji, sistemi tat-tifi tan-nar, sistemi ta' kontroll u monitoraġġ;

(b) l-organizzazzjoni, it-tagħmir, il-manutenzjoni u t-tħaddim tal-flussi tal-passiġġieri fit-terminals tal-ajruport, il-forniment ta' servizzi ta' sikurezza u sigurtà;

(c) is-servizzi fuq l-art għall-inġenji tal-ajru tal-Istat, inkluż l-akkwist ta' tagħmir relatat ([28]);

(d) il-protezzjoni tal-infrastruttura tal-ajruport;

(e) l-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ fil-bini tal-ajruport;

(f) il-faċilitajiet tal-għassa u tas-sigurtà għall-emerġenzi, il-prevenzjoni u l-kontroll tan-nirien;

(g) il-forniment taż-żoni, il-faċilitajiet u l-infrastruttura meħtieġa mill-amministrazzjoni doganali, il-pulizija tal-fruntieri, il-pulizija tat-trasport bl-ajru, il-Ministeru tal-Affarijiet Interni u s-Servizz tal-Intelligence Rumen għat-twettiq tal-attivitajiet speċifiċi tagħhom; u

(h) operazzjoni mingħajr ħlas għal titjiriet statali, titjiriet militari fi ħdan ċerti ministeri u servizzi tal-gvern, titjiriet ta' emerġenza u sitwazzjonijiet oħra regolati legalment.

([27]) Ir-rata tal-kambju f'din id-deċiżjoni hija kkalkulata bħala r-rata tal-kambju uffiċjali medja annwali EUR/RON f'konformità mal-valuri offruti mill-BĊE. F'dan ir-rigward, ir-rati tal-kambju applikati huma kif ġej: 4,24 (2011), 4,46(2012), 4,42(2013) u 4,44 (2014).

([28]) Fir-rigward tas-servizzi fuq l-art, ir-Rumanija argumentat li ma hemm l-ebda dispożizzjoni legali li tipprojbixxi espressament l-inklużjoni tas-servizzi fuq l-art fil-kategorija tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali. L-attività tas-servizzi fuq l-art hija servizz awżiljarju tal-ajruport għat-trasport bl-ajru u fin-nuqqas ta' dan is-servizz, l-Ajruport ta' Târgu Mureș ma jkunx jista' jwettaq l-OSP tiegħu inkarigati mill-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș.

(67) Skont l-awtoritajiet Rumeni, is-SIEĠ tal-2014 tfassal f'konformità mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-fornitura ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ([29]), u l-qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku (il-"Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012") ([30])filwaqt li tqiesu wkoll il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat tal-2014 għall-ajruporti u l-linji tal-ajru (il-"Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014"). ([31]) Id-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014 tippermetti għotjiet kemm għall-kostijiet tal-investiment kif ukoll għal dawk operattivi, bħala kumpens għat-twettiq tas-SIEĠ.

(a) Skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014, il-kostijiet tal-investiment relatati mas-SIEĠ jiġu kkumpensati abbażi tad-diskrepanza tal-likwidità f'konformità mal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-Maniġer tal-Ajruport sa intensità ta' 75 % tal-kostijiet eliġibbli.

(b) Skont l-Artikolu 4(4) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014, il-finanzjament pubbliku tal-kostijiet operatorji jiġi stabbilit kull sena abbażi tad-diskrepanza tal-likwidità fil-ġestjoni tal-attivitajiet tas-SIEĠ abbażi tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-Maniġer tal-Ajruport. Skont l-Artikolu 4(5), il-kumpens għall-kostijiet operattivi fl-ewwel ħames snin ma jistax jaqbeż 80 % tad-defiċit operattiv matul il-5 snin preċedenti, u 50 % ta' dak id-defiċit operattiv għall-5 snin ta' wara.

(c) Skont l-Artikolu 4(7) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014, l-ammont ta' kumpens (kemm għall-kostijiet operatorji kif ukoll għal dawk tal-investiment) ma jistax jaqbeż dak li huwa meħtieġ biex ikopri l-kostijiet imġarrba fit-twettiq tal-OSP. Skont l-Artikolu 4(9), il-kost li għandu jiġi kkunsidrat huwa biss dak relatat mas-SIEĠ u kontribuzzjoni proporzjonata tal-kostijiet komuni. Min-naħa tiegħu, skont l-Artikolu 4(10), id-dħul li għandu jitqies għall-kumpens jinkludi d-dħul kollu relatat mas-SIEĠ, iżda wkoll kwalunkwe profitt minn attivitajiet oħra mhux relatati tal-ajruport. Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 4(11) il-kumpens ma għandux jaqbeż id-differenza bejn il-kostijiet u d-dħul imsemmija hawn fuq sabiex jiġi evitat kumpens żejjed possibbli.

(68) Skont l-Artikolu 2(2) u 2(3), is-SEIĠ tal-2014 kien inizjalment ikopri perjodu ta' 10 snin, jiġifieri sal-4 ta' April 2024 sabiex jikkoinċidi mal-ħekk imsejjaħ "perjodu ta' tranżizzjoni" għall-għajnuna operatorja skont il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 u kien jipprevedi rieżami potenzjali fix-xenarji li ġejjin: (i) wara 4 snin mill-inkarigu inizjali, (ii) jekk it-traffiku tal-Ajruport jaqbeż is-700 000 passiġġier fis-sena; jew (iii) kull meta jkun meħtieġ mil-leġiżlazzjoni rilevanti. Madankollu, kif imsemmi, id-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014 baqgħet valida biss sad-9 ta' Mejju 2019.

(69) L-awtoritajiet Rumeni pprovdew informazzjoni dwar il-Pjan ta' Direzzjoni tan-Negozju għat-TMA li jkopri l-perjodu 2014-2024 (il-"Pjan ta' Direzzjoni tan-Negozju").

Tabella 5

Indikaturi ekonomiċi *ex ante* mistennija previsti fil-Pjan ta' Direzzjoni tan-Negozju (RON)

	Novembru sa Diċembru 2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022	2023	2024
Dħul mistenni abbażi tal-informazzjoni disponibbli qabel it-30 ta' Ottubru 2014	846 516	4 846 379	6 332 114	7 573 193	8 245 434	9 082 977	9 521 429	9 829 847	10 437 231	11 075 896	12 025 874
Kostijiet mistennija abbażi tal-informazzjoni disponibbli qabel it-30 ta' Ottubru 2014	3 277 736	10 545 013	10 144 747	10 400 653	10 549 657	10 688 923	10 761 272	10 786 230	10 871 790	11 060 259	11 255 273

([29]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-fornitura ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 4).

([30]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 15).

([31]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru (2014) (ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3).

	Novembru sa Diċembru 2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022	2023	2024
Diskrepanza tal-likwidità operazzjonali mistennija abbażi tal-informazzjoni disponibbli qabel it-30 ta' Ottubru 2014	(2 431 220)	(5 698 634)	(3 812 633)	(2 827 460)	(2 304 223)	(1 605 946)	(1 239 843)	(956 383)	(434 559)	15 637	770 601
Kumpens stmat	2 431 220	5 698 634	3 812 633	2 827 460	2 304 223	1 605 946	1 239 843	956 383	434 559	0	0
Kumpens stmat (EUR)	547 818	1 281 859	849 025	618 862	495 105	338 450	256 266	194 335	88 120	0	0

(70) L-ammonti attwalment mogħtija mill-awtoritajiet Rumeni skont l-inkarigu tal-2014 huma ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt.

Tabella 6

Finanzjament taħt l-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2014

Kumpens	Nov – Diċ 2014	2015	2016	2017	2018	Jan – Ap 2019	Total
RON	2 550 353	5 448 221	3 619 000	5 038 198	4 687 908	375 981	21 719 661
EUR	574 662	1 225 531	805 905	1 102 740	1 007 286	79 237	4 795 362

(71) B'kollox, it-TMA rċieva RON 21 719 661 (EUR 4 795 362) ([32]) matul Novembru 2014-April 2019 mill-Miżura 4.

(72) L-awtoritajiet Rumeni spjegaw li r-raġuni ewlenija għaliex il-kumpens attwali kien ogħla mill-kumpens stmat *ex ante* matul il-perjodu 2017-2018 kienet dovuta għar-restrizzjonijiet fuq it-titjiriet u s-sospensjoni sħiħa tat-titjiriet bejn Novembru 2016 u Ġunju 2018, meta r-runway kienet fi stat ta' nuqqas ta' konformità teknika, segwita mir-rikostruzzjoni tagħha. Fil-25 ta' Ġunju 2018, l-attività operazzjonali tal-ajruport reġgħet bdiet wara perjodu ta' 12-il xahar ta' operazzjonijiet ta' titjiriet ristretti (mis-17 ta' Novembru 2016 sal-4 ta' Ottubru 2017) u wara perjodu ta' 8 xhur ta' sospensjoni tat-titjiriet (mill-4 ta' Ottubru 2017 sal-25 ta' Ġunju 2018).

4.5. Miżura 5 –Imposti tal-ajruport għal-linji tal-ajru li operaw fit-TMA mill-21 ta' Marzu 2013 sas-16 ta' Frar 2019

(73) L-awtoritajiet Rumeni jindikaw li:

(a) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 455 tal-4 ta' Mejju 2011, l-Istat Rumen stabbilixxa l-prinċipji komuni għall-ġbir ta' imposti tal-ajruport fl-ajruporti fir-Rumanija. Skont din il-leġiżlazzjoni, l-imposti tal-ajruport għandhom jiġu applikati b'mod mhux diskriminatorju għall-utenti kollha tal-ajruport. Barra minn hekk, il-maniġers tal-ajruport għandu jkollhom id-dritt li jadattaw l-imposti tal-ajruport għal ċerti aspetti ta' interess pubbliku u ġenerali, inklużi kunsiderazzjonijiet ambjentali, abbażi ta' kriterji rilevanti, oġġettivi u trasparenti. ([33]) Fl-aħħar nett, id-Deċiżjoni tal-Gvern ħatret lir-*Regia Autonomă "Autoritatea Aeronautică Civilă Română"* (jiġifieri, l-awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili Rumena) bħala awtorità superviżorja indipendenti, responsabbli għas-superviżjoni tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 455. ([34])

([32]) Ir-rata tal-kambju f'din id-deċiżjoni hija kkalkulata bħala r-rata tal-kambju uffiċjali medja annwali EUR/RON f'konformità mal-valuri offruti mill-BĊE. F'dan ir-rigward, ir-rati tal-kambju applikati huma kif ġej: 4,44 (2014), 4,46 (2015), 4,49 (2016), 4,57 (2017), 4,65 (2018), 4,75 (2019), 4,84 (2020), 4,92 (2021) U 4,93 (2022).

([33]) L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 455 tal-4 ta' Mejju 2011.

([34]) L-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 455 tal-4 ta' Mejju 2011.

(b) L-Ordni Nru 744/2011 tal-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura tar-Rumanija tat-23 ta' Settembru 2011 (l-"Ordni tal-2011 tal-Ministeru tat-Trasport"), tapplika għall-imposti tal-ajruport li ġejjin: (i) it-tariffa tal-inżul l-art; ([35]) (ii) it-tariffa tad-dawl, ([36]) (iii) it-tariffa tal-parking, ([37]) (iv) it-tariffa tas-servizz tal-passiġġieri, ([38]) (v) it-tariffa tal-iżvilupp, ([39]) (vi) it-tariffa tat-tranżitu ([40]) u (vii) it-tariffa tat-trasferiment. ([41]) L-Ordni tiċċara li d-deċiżjoni li tiġi applikata kwalunkwe imposta tal-ajruport imsemmija qabel tappartjeni għall-maniġer tal-ajruport. ([42]) Fl-aħħar nett, l-Ordni tiddikjara li maniġer ta' ajruport jista' jintroduċi imposti tal-ajruport f'għadd ta' kundizzjonijiet speċifiċi ([43]) u li jenħtieġ li dawn jiġu applikati b'mod mhux diskriminatorju u mingħajr distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn l-utenti.

(c) L-Ordni tal-2011 tal-Ministeru tat-Trasport ġiet implimentata għal TMA bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș Nru 25/2012 tad-29 ta' Frar 2012 (id-"Deċiżjoni Reġjonali ta' Frar 2012)"). Skont din id-Deċiżjoni, l-imposti tal-ajruport għandhom jiġu applikati b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju għall-utenti kollha tal-infrastruttura tal-ajruport u għandhom jiġu approvati mill-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș. ([44])

(d) Il-livell tal-imposti tal-ajruport ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș Nru 83/2012 tas-6 ta' Lulju 2012, (id-"Deċiżjoni Reġjonali ta' Lulju 2012") li tapprova d-deċiżjoni tal-Bord tad-Diretturi tat-TMA Nru 7/26 ta' Ġunju 2012. Hija kienet tapplika biss għal-linji tal-ajru li joperaw fit-TMA. Din id-deċiżjoni ħadet post id-Deċiżjoni preċedenti tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș Nru 26/2011 tal-24 ta' Marzu (id-"Deċiżjoni Reġjonali ta' Marzu 2011").

([35]) L-Anness 1 tal-Ordni tal-2011 tal-Ministeru tat-Trasport jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li ġejjin għat-tariffa għall-inżul l-art:
(a) It-tariffa tiġi kkalkulata fuq il-piż tat-tlugħ massimu ċċertifikat tal-inġenju tal-ajru.
(b) Frazzjonijiet ta' tunnellata inqas minn 500 kg għandhom jiġu injorati u dawk akbar minn 500 kg għandhom jitqiesu bħala tunnellata; inġenji tal-ajru b'massa massima waqt il-qtugħ ta' inqas minn 500 kg għandhom jiġu ċċarġjati għal tunnellata.
(c) It-tariffa hija imposta għal inżul l-art wieħed u tlugħ wieħed u tintitola lid-detentur biex:
— juża l-faċilitajiet u l-installazzjonijiet tal-ajruport, bl-eċċezzjoni tat-tidwil;
— juża żoni u faċilitajiet tat-terminals, ħlief dawk iċċarġjati separatament;
— il-parking tal-inġenji tal-ajru, iżda mhux aktar minn sagħtejn wara l-inżul l-art.
(d) L-imposta għandha, fejn applikabbli, tinkludi wkoll il-kostijiet tal-ajruport għall-investiment kapitali u x-xogħlijiet ta' manutenzjoni relatati mal-uċuħ tal-moviment tal-inġenji tal-ajru.
(e) Sabiex tiġi mħeġġa aktar frekwenza tal-operazzjonijiet, il-korp ta' ġestjoni tal-ajruport jista' japplika skontijiet sa 50 % fuq l-imposta tal-inżul l-art, skont l-għadd ta' movimenti, f'żidiet sa 5 %.

([36]) L-Anness 1 tal-Ordni tal-2011 tal-Ministeru tat-Trasport jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li ġejjin għat-tariffa tad-dawl:
(a) It-tariffa għandha tiġi kkalkulata fuq il-piż tat-tlugħ massimu ċċertifikat tal-inġenju tal-ajru.
(b) Frazzjonijiet ta' tunnellata inqas minn 500 kg ma għandhomx jitqiesu u dawk akbar minn 500 kg għandhom jitqiesu bħala tunnellata; l-inġenji tal-ajru b'massa massima waqt il-qtugħ ta' inqas minn 500 kg se jiġu ċċarġjati għal tunnellata.
(c) L-imposta għandha tiġi mħallsa għal kull inżul l-art u għal kull tlugħ bl-użu tal-installazzjoni tat-tidwil tal-ajruport u/jew l-apparat tad-dawl.

([37]) L-Anness 1 tal-Ordni tal-2011 tal-Ministeru tat-Trasport jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li ġejjin għat-tariffa tal-parking:
(a) It-tariffa għandha tiġi kkalkulata fuq il-piż tat-tlugħ massimu ċċertifikat tal-inġenju tal-ajru u l-intervall tal-istand.
(b) Frazzjonijiet ta' tunnellata inqas minn 500 kg ma għandhomx jitqiesu u dawk akbar minn 500 kg għandhom jitqiesu bħala tunnellata metrika; l-inġenji tal-ajru b'massa massima waqt il-qtugħ ta' inqas minn 500 kg se jiġu ċċarġjati għal tunnellata.

([38]) L-Anness 1 tal-Ordni tal-2011 tal-Ministeru tat-Trasport jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li ġejjin għat-tariffa tas-servizz tal-passiġġieri:
(a) L-imposta għandha tiġi mħallsa għal kull passiġġier li jimbarka fl-ajruport u jitlaq minn dak l-ajruport.
(b) It-tariffa ma tapplikax għall-passiġġieri fi tranżitu, għall-passiġġieri fi trasferiment u għat-tfal taħt is-sentejn.

([39]) L-Anness 1 tal-Ordni tal-2011 tal-Ministeru tat-Trasport jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li ġejjin għat-tariffa tad-dawl:
(a) L-imposta għandha tiġi imposta għal kull passiġġier li jitla' fl-ajruport, li jitlaq mill-ajruport, u għandu jiġi ppubblikat flimkien mal-perjodu ta' applikazzjoni.
(b) L-imposta għandha tiġi imposta għat-tul ta' żmien tal-objettivi tal-investiment li għalihom tiġi applikata.
(c) L-imposta għandha tiġi stabbilita b'mod trasparenti, filwaqt li tinforma lill-utenti tal-ajruport dwar l-objettivi ta' investiment li għandhom jiġu ffinanzjati mill-imposta u t-tul tal-imposta.

([40]) L-Anness 1 tal-Ordni tal-2011 tal-Ministeru tat-Trasport jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li ġejjin għat-tariffa ta' tranżitu:
(a) L-imposta għandha tiġi mħallsa għal kull passiġġier li jimbarka fl-ajruport u jitlaq minn dak l-ajruport.
(b) L-imposta ma tapplikax għal tfal taħt is-sentejn.
(c) L-imposta għandha tinkludi wkoll, fejn applikabbli, il-kostijiet tal-ajruport għal skopijiet ta' investiment relatati mal-operazzjonijiet ta' trasferiment, kif ukoll il-kostijiet tas-sigurtà tal-ajruport relatati mal-passiġġieri fi trasferiment.

([41]) L-Anness 1 tal-Ordni tal-2011 tal-Ministeru tat-Trasport jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li ġejjin għat-tariffa tat-trasferiment:
(a) L-imposta għandha tiġi mħallsa għal kull passiġġier li jimbarka fl-ajruport u li jittrasferixxi f'dak l-ajruport.
(b) L-imposta ma għandhiex tapplika għal tfal taħt l-età ta' sentejn.
(c) L-imposta għandha tinkludi wkoll, fejn applikabbli, il-kostijiet tal-ajruport għal skopijiet ta' investiment relatati ma' operazzjonijiet ta' trasferiment, soġġett għar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 5(b) u (c), kif ukoll il-kostijiet tas-sigurtà tal-ajruport relatati mal-passiġġieri fi trasferiment.

([42]) L-Artikolu 1(3) tal-Ordni tal-2011 tal-Ministeru tat-Trasport.
([43]) L-Artikolu 4(1) tal-Ordni tal-2011 tal-Ministeru tat-Trasport u l-Anness 1 tiegħu.
([44]) L-Artikolu 10(8) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Frar 2012.

(e) Id-Deċiżjoni Reġjonali ta' Lulju 2012 ġiet sottomessa għall-kontroll tal-legalità lill-Ministeru għall-Affarijiet Interni, kif meħtieġ mil-liġi. Il-Ministeru ma qajjem l-ebda aspett ta' illegalità. L-imposti tal-ajruport tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Lulju 2012 ġew ippubblikati fil-Pubblikazzjoni ta' Informazzjoni Ajrunawtika tar-Rumanija ("AIP, Aeronautical Information Publication of Romania") fl-20 ta' Settembru 2012. Dawn daħlu fis-seħħ 6 xhur wara l-pubblikazzjoni, jiġifieri fil-21 ta' Marzu 2013, f'konformità mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

(74) Skont id-Deċiżjoni Reġjonali ta' Lulju 2012, il-livell tal-imposti tal-ajruport kien dak ippreżentat fit-Tabella 7.

Tabella 7

Imposti tal-ajruport fit-TMAabbażi tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Lulju 2012

Imposta	Kost (EUR)
Inżul l-art	1,25/tunnellata
Dawl tar-runway	0,40/tunnellata
Parking	0,15/tunnellata/siegħa
Tariffa għas-servizzi ta' trasport tal-passiġġieri	1,00/passiġġier

(75) L-awtoritajiet Rumeni ddikjaraw li l-Maniġer tal-Ajruport ma rċeviex it-tariffa kollha għas-servizz tal-passiġġieri ta' EUR 1 għal kull passiġġier. Minn dan l-ammont, EUR 0,275 għal kull passiġġier ġew trasferiti liċ-Ċentru ta' Investigazzjonijiet u Analiżi għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ċivili u EUR 0,05 għal kull passiġġier imbarkat ġew trasferiti lill-Awtorità Ajrunawtika Ċivili Rumena (jiġifieri total ta' EUR 0,325 għal kull passiġġier imbarkat jiġi ttrasferit mill-Maniġer tal-Ajruport lil dawn l-organizzazzjonijiet).

(76) Skont id-Deċiżjoni Reġjonali ta' Lulju 2012, l-imposta tal-inżul Tabella 7 tista' tiġi skontata jekk il-linja tal-ajru tagħmel aktar minn tliet inżul fix-xahar fl-Ajruport. L-iskontijiet ġew offruti irrispettivament mit-tip ta' inġenju tal-ajru skont l-iskala li ġejja:

Tabella 8

Imposti tal-ajruport fit-TMA abbażi tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Lulju 2012

Nru ta' ħatt l-art/xahar	Skont
3 – 5	5 %
6 – 10	10 %
11 – 15	15 %
16 – 20	20 %
21 – 25	25 %
26 – 30	30 %
31 – 35	35 %
36 – 40	40 %
41 – 45	45 %
Aktar minn 46	50 %

(77) Ir-Rumanija pprovdiet Dokument ta' Tbassir Ekonomiku li jagħti dettalji dwar id-dħul mill-imposti tal-ajruport għall-2011-2015, ibbażat fuq data reali *ex post* għall-2011 u previżjonijiet *ex ante* għall-perjodu 2012 – 2015. ([45]) Dawn it-tbassiriet saru qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Lulju 2012. Fiż-żmien meta ġie abbozzat it-Tbassir Ekonomiku, il-linja tal-ajru ewlenija internazzjonali kienet Wizz Air, li kienet topera inġenji tal-ajru Airbus 320 lejn tmien destinazzjonijiet: Madrid, Barċellona, Milan (Bergamo), Ruma, Pariġi, Budapest, Dortmund u Londra. Tarom kienet topera titjiriet regolari lejn Bucharest.

(78) Il-Pjan ta' Ġestjoni inkluż fid-Dokument ta' Tbassir Ekonomiku ppreveda żieda fl-għadd ta' operazzjonijiet minn Wizz Air, biż-żieda ta' Munich, Frankfurt u Bologna (Forli) mar-rotot u l-istabbiliment ta' erba' destinazzjonijiet ta' Ryanair. Barra minn hekk, linja tal-ajru oħra, Air Patriot, ħabbret l-intenzjoni tagħha li tniedi titjiriet mit-TMA lejn Bucharest, Vjenna u Istanbul minn Jannar 2013. ([46])

Tabella 9

Dħul medju mistenni abbażi tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Lulju 2012 ([47])

Sena	Rotazzjonijiet Wizz Air	Rotazzjonijiet Oħrajn	Total Dħul ta' Wizz Air (EUR)	Total Dħul ieħor (EUR)	Total Dħul Wizz Air (RON)	Dħul totali ta' oħrajn (RON)
2011	884	130	419 356	61 880	1 811 492,11	358 555,46
2012	936	250	445 536	130 000	1 966 595,90	573 820,00
2013	1 001	350	476 476	182 000	2 102 212,11	808 298,40
2014	1 334	555	634 984	316 350	2 870 127,68	1 429 902,00
2015	1 666	700	999 600	490 000	4 558 176,00	2 234 400,00

5. RAĠUNIJIET GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI

(79) Fid-deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2011, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar jekk il-Miżura 1 (il-premessi minn 45 sa 50 hawn fuq) tistax titqies kompatibbli mas-suq intern.

(80) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2015, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar jekk il-Miżuri 2 sa 5 (il-premessi minn 54 sa 78 hawn fuq) jistgħux jitqiesu kompatibbli mas-suq intern.

5.1. Miżura 1 - Finanzjament tat-TMA fil-perjodu 2007 - 2009

(81) Id-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2011 qajmet dubji dwar il-kwalifika tas-SIEĠ tal-attività ekonomika tal-ajruporti reġjonali Rumeni, inkluż it-TMA, fil-perjodu 2007 - 2009.

(82) Il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk il-kriterji ta' kompatibbiltà tad-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2005 ġewx issodisfati. B'mod partikolari, il-Kummissjoni kienet imħassba dwar żball manifest possibbli fid-definizzjoni tas-SIEĠ, peress li ma kienx ċar li mingħajr dawn l-ajruporti, ir-reġjuni kkonċernati ma jkunux konnessi biżżejjed mal-bqija tal-pajjiż u mal-UE jekk jitħallew f'idejn il-forzi tas-suq biss. ([48])

([45]) L-awtoritajiet Rumeni spjegaw li d-dokument kopra biss 4 snin minħabba li kien marbut mal-mandat tal-Bord tad-Diretturi. Ir-Rumanija spjegat li dan huwa konsistenti mal-Artikolu 8(1) tal-Ordni ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 109/2011, li llimita l-mandat tal-bord maniġerjali għal 4 snin.

([46]) Air Patriot ħadet id-deċiżjoni unilaterali li ma toperax mit-TMA. Ir-raġunijiet għal tali deċiżjoni mhumiex magħrufa mill-awtoritajiet Rumeni.

([47]) It-tabella tinkludi data attwali għall-2011 u t-tbassir għall-perjodu 2012-2015.

([48]) Il-premessi 107 u 108 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2011.

(83) L-investigazzjoni mibdija bid-Deċiżjoni ta' Ftuħ tal-2011 ingħalqet bid-Deċiżjoni Finali tal-2016 rigward il-finanzjament mogħti mill-awtoritajiet Rumeni bejn l-2007 u l-2009 lill-ajruporti ta' Arad, Bacău, Baia Mare, Craiova, Iaşi, Oradea, Satu – Mare, Sibiu, Suceava, Tulcea u Constanța.

(84) Id-Deċiżjoni Finali tal-2016 ikkonkludiet li l-finanzjament pubbliku lill-ajruporti msemmija hawn fuq jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, implimentata bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE. L-investigazzjoni tal-Kummissjoni sabet li l-finanzjament pubbliku lill-ajruporti Rumeni la kien konformi mad-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2005 u lanqas mad-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2012 ([49]) jew mal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 minħabba li r-Rumanija kienet naqset milli turi li l-maniġers tal-ajruporti kienu inkarigati b'OSP definiti b'mod ċar permezz tal-allegati atti ta' inkarigu li fuqhom ibbażat ruħha. ([50]) Minflok, il-finanzjament instab kompatibbli fid-dawl tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014. ([51]) Għalhekk, l-għajnuna ġiet iddikjarata kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-TFUE.

(85) L-investigazzjoni dwar il-finanzjament pubbliku mogħti lis-CNIA u lit-TMA bejn l-2007 u l-2009 baqgħet miftuħa peress li l-Kummissjoni qieset li l-miżura inkwistjoni tkun ivvalutata aħjar f'deċiżjonijiet finali separati li jkopru wkoll il-miżuri investigati skont id-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2015. ([52])

5.2. **Miżura 2 - Finanzjament tal-infrastruttura tas-servizzi fuq l-art fl-2011**

(86) Ir-Rumanija qieset li l-finanzjament tas-servizzi fuq l-art kien marbut mal-kompiti tas-SIEĠ tat-TMA. F'dan ir-rigward, l-infrastruttura tas-servizzi fuq l-art inkwistjoni tidher li ntużat minn kull titjira lejn u mit-TMA u kienet marbuta mal-operat ġenerali tal-ajruport.

(87) Fid-deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2015, il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha dwar jekk it-TMA kienx inkarigat b'servizz pubbliku ġenwin u kkonkludiet b'mod preliminari li l-finanzjament pubbliku tas-servizzi fuq l-art jista' mbagħad ma jikkostitwixxix kumpens tas-SIEĠ.

(88) Il-Kummissjoni vvalutat ukoll il-finanzjament tas-servizzi fuq l-art skont il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005. Il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-finanzjament tal-infrastruttura tas-servizzi fuq l-art ma jikkostitwixxix kost eliġibbli għall-fini tal-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna għall-investiment ([53]) u kkonkludiet li l-finanzjament kien *prima facie* inkompatibbli mal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005.

5.3. **Miżura 3 - Finanzjament tat-TMA taħt l-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2011 minn Awwissu 2011 sa Ottubru 2014**

(89) Id-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2015 qajmet dubji fir-rigward tal-konformità tas-SIEĠ tal-2011 mas-sentenza Altmark ([54]) peress li l-Maniġer tal-Ajruport ma ntgħażilx wara proċedura tal-offerti u ma kien hemm l-ebda evidenza li l-kumpens kien ibbażat fuq il-kost ta' operatur tipiku tal-ajruport immexxi tajjeb.

(90) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li l-erba' kundizzjonijiet ta' Altmark ma kinux issodisfati b'mod kumulattiv u waslet għall-konklużjoni preliminari li l-eżistenza ta' vantaġġ ma setgħetx tiġi eskluża.

([49]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/21/UE tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2012/21(1)/oj).

([50]) Il-premessi 111 sa 113 u 121 tad-Deċiżjoni Finali tal-2016.

([51]) Il-miżuri ġew iddikjarati kompatibbli fid-dawl tal-punti 113, 129, 137 u 172 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

([52]) Il-premessa 69 tad-Deċiżjoni Finali tal-2016.

([53]) Il-punti 53(iii) u 55 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005.

([54]) Is-Sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, *Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg* (C-280/00, ECLI:EU:C:2003:415).

(91) Barra minn hekk, għalkemm ir-Rumanija sostniet li l-finanzjament pubbliku mogħti lit-TMA għall-perjodu 2011-2014 kien jikkostitwixxi kumpens għall-forniment ta' SIEĠ li jaqa' taħt id-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2005, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar jekk il-kumpens kienx definit b'mod ċar minn qabel b'mod trasparenti u oġġettiv u jekk kienx proporzjonali għall-kostijiet tas-SIEĠ. Għall-istess raġunijiet, il-Kummissjoni esprimiet dubji li l-miżura tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 u kienet tal-fehma preliminari li l-għajnuna ma tistax titqies kompatibbli skont il-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012. ([55])

(92) Il-Kummissjoni vvalutat ukoll il-kompatibbiltà tal-miżura mad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna operatorja tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 ([56]) mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn il-Linji Gwida. Il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk l-għajnuna operatorja mogħtija lit-TMA kinitx xierqa biex jintlaħaq l-objettiv ta' interess komuni, minħabba l-prossimità bejn is-CNIA u t-TMA. Il-Kummissjoni qajmet ukoll dubji dwar jekk l-għajnuna operatorja inkwistjoni kinitx limitata għall-minimu meħtieġ u kienet tal-fehma preliminari li l-miżura ma kinitx tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà stabbiliti fil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

5.4. **Miżura 4 - Finanzjament tat-TMA taħt l-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2014 mit-30 ta' Ottubru 2014 sad-9 ta' Mejju 2019**

(93) Il-Kummissjoni nnotat li l-għadd ta' passiġġieri tat-TMA qabeż il-200 000 fis-snin ta' qabel id-dħul fis-seħħ tas-SIEĠ tal-2014 u għalhekk kien barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2012 skont l-Artikolu 2(1) tagħha.

(94) Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-pożizzjoni tagħha rigward il-kumpens tas-SIEĠ tal-2011 kienet applikabbli *mutatis mutandis* ukoll għall-kumpens tas-SIEĠ tal-2014. B'mod partikolari, abbażi tal-informazzjoni disponibbli dak iż-żmien, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk is-SIEĠ tal-2014 jiddefinixxix b'mod ċar u trasparenti l-OSP, il-parametri għall-kalkolu tal-kumpens u l-arranġamenti biex jiġi evitat kwalunkwe kumpens żejjed u jekk jikkonformax mal-punti 17 u 18 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012.

(95) Il-Kummissjoni vvalutat il-kompatibbiltà tal-miżura mal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 u qieset f'dak l-istadju li, il-konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-Linji Gwida ma kinitx żgurata kemm fir-rigward tal-għajnuna għall-investiment kif ukoll fir-rigward tal-għajnuna operatorja.

5.5. **Miżura 5 – Imposti tal-ajruport għal-linji tal-ajru li operaw fit-TMA mill-21 ta' Marzu 2013 sas-16 ta' Frar 2019**

(96) Fir-rigward tal-livell ta' imposti tal-ajruport introdotti taħt il-Miżura 5, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2015 li l-prinċipju tal-operatur f'ekonomija tas-suq (il-"MEOP", market economy operator principle") ma ġiex rispettat, u dan irriżulta fl-għoti ta' vantaġġ ekonomiku.

(97) Il-Kummissjoni waslet għall-fehma preliminari li l-vantaġġ ekonomiku mogħti abbażi tad-Deċiżjoni Reġjonali tal-2012 kien selettiv minħabba li ngħata biss lil kumpaniji li jappartjenu għal parti waħda mis-settur tat-trasport bl-ajru, jiġifieri dawk il-linji tal-ajru li jtiru mit-TMA. Tali approċċ ma kienx iġġustifikat min-natura u l-loġika ġenerali tas-sistema ta' imposti tal-ajruport. Il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-livell tal-imposta tal-passiġġieri ta' EUR 1 għal kull passiġġier bħala partikolarment baxx. Barra minn hekk, hija qieset b'mod preliminari li l-iskontijiet ibbażati fuq l-għadd ta' nżul l-art fix-xahar kienu jidhru li jiffavorixxu linji tal-ajru b'diversi rotot jew frekwenzi għoljin. Il-konklużjoni preliminari tal-Kummissjoni ppreżentata fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2015 kienet ibbażata fuq raġunament f'konformità mal-ġurisprudenza stabbilita f'dak iż-żmien.

([55]) Il-premessa 218 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2015.
([56]) Il-punt 137 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

6. **KUMMENTI MIR-RUMANIJA**

6.1. **Kummenti mir-Rumanija għad-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2011 *(il-Miżura 1)***

(98) Il-kummenti tar-Rumanija dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ irreferew prinċipalment għad-dubji mqajma mill-Kummissjoni dwar l-iskema tal-għajnuna mill-Istat għall-finanzjament tal-infrastruttura għall-ajruporti bi traffiku annwali ta' anqas minn miljun passiġġier, li n-notifika tagħha ġiet irtirata.

(99) Fir-rigward tal-finanzjament pubbliku lill-ajruporti reġjonali Rumeni, bi tweġiba għall-fehma tal-Kummissjoni li skontha l-abbundanza żejda apparenti ta' ajruporti f'ċerti reġjuni tista' tfixkel l-iżvilupp tal-ajruporti inkwistjoni, ir-Rumanija sostniet li s-sitwazzjoni tal-ajruporti reġjonali (bi traffiku baxx li ma jippermettilhomx jilħqu livell ta' profittabbiltà) kienet primarjament dovuta għall-istat ta' żvilupp tar-reġjuni fejn kienu jinsabu dawk l-ajruporti, aktar milli minħabba d-distanza lejn ajruporti ġirien.

(100) Ir-Rumanija ċċarat ukoll li l-ammonti ngħataw fil-mument meta l-attivitajiet twettqu abbażi ta' dokumentazzjoni ta' sostenn u fil-limiti tal-baġit approvat.

6.2. **Kummenti mir-Rumanija għad-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2015**

6.2.1. *Il-finanzjament tal-infrastruttura tas-servizzi fuq l-art fl-2011 (il-Miżura 2)*

(101) L-awtoritajiet Rumeni jsostnu li l-kost tal-infrastruttura tas-servizzi fuq l-art jikkwalifika direttament għall-kumpens għas-servizzi tas-SIEĠ. Ir-Rumanija tiddikjara li, sabiex jipprovdi servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, kull ajruport irid jiżgura li jkollu ammont minimu ta' infrastruttura ta' servizzi fuq l-art sabiex iservi inġenji tal-ajru eżentati mil-liġi mit-taxxi tal-ajruport. L-ajruporti li ma jagħmlux dan mhux se jkunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom b'mod sikur.

(102) L-awtoritajiet Rumeni ċċaraw matul l-investigazzjoni formali li l-infrastruttura ntużat għall-attivitajiet kummerċjali tal-ajruport, iżda li l-objettiv ta' tali użu ma kienx li jiżdiedu l-attivitajiet ekonomiċi, iżda li dawk eżistenti jinżammu f'livell sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi tal-avjazzjoni.

6.2.2. *Atti ta' Inkarigu tas-SIEĠ (il-Miżuri 3 u 4)*

(103) L-awtoritajiet Rumeni jsostnu li kemm is-SIEĠ tal-2011 kif ukoll is-SIEĠ tal-2014 jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha ta' Altmark u x'aktarx li ma jagħtu l-ebda vantaġġ lit-TMA. Skont ir-Rumanija, fiż-żewġ każijiet, l-OSP kienu definiti b'mod ċar *ex ante* fid-dokumenti tad-delegazzjoni tas-servizz pubbliku u l-mekkaniżmi għall-kalkolu tal-kumpens biex jiġi evitat kumpens żejjed ġew stabbiliti minn qabel.

(104) Fir-rigward tas-SIEĠ tal-2011, ir-Rumanija ċċarat li t-TMA huwa obbligat iżomm kontijiet separati għad-dħul u l-kostijiet relatati mas-SIEĠ u tiġġustifika l-kumpens mitlub. Barra minn hekk, skont l-awtoritajiet Rumeni, l-attivitajiet tat-TMA huma soġġetti għal rieżami perjodiku biex tiġi vverifikata l-bażi tal-kostijiet u l-konformità mal-obbligi.

(105) Fir-rigward tas-SIEĠ tal-2014, ir-Rumanija argumentat li l-att ta' inkarigu jirrikjedi t-tħejjija ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju pluriennali, li juri tnaqqis gradwali tal-kumpens.

(106) Fir-rigward tal-prossimità tat-TMA għas-CNIA, ir-Rumanija sostniet li filwaqt li d-distanza bejn iż-żewġ ajruporti tidher li hija relattivament qasira (103 km), l-ivvjaġġar ta' din id-distanza jieħu sagħtejn minħabba t-toroq qodma u ż-żieda fil-livell tat-traffiku. It-trasport ferrovjarju mhuwiex żviluppat sew u ma hemm l-ebda konnessjoni b'veloċità għolja.

6.2.3. *Livell ta' imposti tal-ajruport (il-Miżura 5)*

(107) Skont l-awtoritajiet Rumeni, il-livell ta' imposti ġie ddeterminat wara analiżi tal-profittabbiltà *ex ante*, li qieset ħafna xenarji kontrofattwali, kif kien jagħmel investitur privat prudenti.

(108) L-awtoritajiet Rumeni ċċaraw li l-livell tal-imposti ġie applikat b'mod mhux diskriminatorju għal-linji tal-ajru kollha, ġie ppubblikat fil-Ġurnal Ajrunawtiku Rumen u qies l-Att dwar l-Inkarigu tal-2011.

6.2.4. *Finanzjament skont id-Deċiżjoni Reġjonali Nru 47/2013 tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș*

(109) Id-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2015 stiednet lill-awtoritajiet Rumeni jiċċaraw il-finanzjament ipprovdut skont id-Deċiżjoni Reġjonali Nru 47/2013 tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș, u b'mod partikolari jekk kienx inkluż il-parking tal-karozzi jew kwalunkwe infrastruttura oħra f'TMA.

(110) L-awtoritajiet Rumeni ċċaraw li l-attività tal-parkeġġ tal-Ajruport mhijiex inkluża fl-attivitajiet ajrunawtiċi allokati lill-Maniġer tal-Ajruport, u għalhekk, il-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș qatt ma alloka fondi pubbliċi għall-finanzjament tal-attività tal-parkeġġ, la għall-investimenti u lanqas biex ikopri l-kostijiet operazzjonali.

6.3. **Kummenti mill-partijiet interessati**

6.3.1. *Kummenti mill-partijiet interessati għad-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2011*

6.3.1.1. Carpatair

(111) Carpatair issostni li l-għajnuna operatorja hija ġeneralment ikkunsidrata bħala illegali u kontra l-interess tal-UE, u jenħtieġ li tingħata biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali. L-għoti ta' għajnuna operatorja lill-ajruporti fl-opinjoni ta' Carpatair jkun ta' tfixkil għall-industrija, għar-raġunijiet li ġejjin: ([57])

(1) joħloq kompetizzjoni inġusta bejn l-ajruporti tal-UE u jippermetti li ajruport li jibbenefika minn għajnuna mill-Istat jattira trasportaturi tal-ajru billi joffri skontijiet fuq l-imposti tal-ajruport. L-ajruporti li ma jibbenefikawx mill-għajnuna ma jkunux jistgħu jikkompetu għal trasportaturi b'mod effettiv;

(2) il-miżura tħeġġeġ lill-ajruporti li jirċievu għajnuna operatorja biex jagħtu skontijiet għoljin fuq l-imposti tal-ajruporti, u dawn l-iskontijiet ma jingħatawx li kieku l-ajruporti aġixxew fuq termini tas-suq.

(112) Carpatair tindika li l-għajnuna operatorja għandha effett negattiv fuq is-swieq tat-trasport bl-ajru u tas-servizzi tal-ajruport minħabba li twassal għal kompetizzjoni inġusta bejn ajruporti u fl-aħħar mill-aħħar għal kompetizzjoni inġusta bejn linji tal-ajru li joperaw minn dawk l-ajruporti. Bħala tali, l-għajnuna operatorja tikkawża kompetizzjoni inġusta bejn l-ajruporti fir-Rumanija u taffettwa wkoll b'mod negattiv lill-ajruporti f'pajjiżi tal-viċinat bħall-Ungerija. ([58])

6.3.1.2. L-Assoċjazzjoni Rumena tal-Ajruporti

(113) L-Assoċjazzjoni Rumena tal-Ajruporti (RAA, Romanian Airports Association) hija organizzazzjoni tal-impjegaturi, entità legali mingħajr skop ta' qligħ li tirrappreżenta l-ajruporti ċivili Rumeni.

(114) Il-kummenti ta' RAA dwar id-Deċiżjoni tal-Ftuħ irreferew għad-dubji mqajma mill-Kummissjoni dwar l-iskema ta' għajnuna mill-Istat għall-finanzjament tal-infrastruttura għall-ajruporti bi traffiku annwali ta' inqas minn miljun passiġġier, li n-notifika tagħhom ġiet irtirata.

([57]) Il-premessa 57 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2011.
([58]) Il-premessa 58 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2011.

6.3.2. *Kummenti mill-partijiet interessati għad-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2015*

6.3.2.1. Ajruport Cluj-Napoca

6.3.2.1.1. Livell ta' imposti tal-ajruport

(115) Is-CNIA ddikjara li imposta tal-ajruport ta' EUR 1 għal kull passiġġier kienet baxxa wisq biex tkopri l-kostijiet operatorji tat-TMA. Barra minn hekk, EUR 0,325 għal kull passiġġier li jimbarka tkopri s-sigurtà, li ma nżammitx mill-Maniġer tal-Ajruport, u b'hekk effettivament ġew imposti biss EUR 0,675 għal kull passiġġier li jimbarka. Tali imposti baxxi jipprevjenu lill-Ajruport ta' Cluj milli jwettaq negozjati effettivi mal-linji tal-ajru, u b'hekk ifixklu l-kompetizzjoni.

6.3.2.1.2. Atti ta' Inkarigu tas-SIEĠ

(116) Is-CNIA sostna li l-għajnuna mill-Istat mogħtija lit-TMA biex tikkumpensa is-SIEĠ fil-fatt kopriet il-kostijiet għall-forniment tas-servizzi lill-kumpaniji tal-ajru. Skont is-CNIA, il-kumpens żejjed tas-SIEĠ fit-TMA sar possibbli permezz ta' trasferimenti baġitarji mill-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș, mingħajr ma ġie sseparat id-dħul u l-infiq relatat mas-SIEĠ minn dawk relatati mal-attivitajiet kummerċjali.

6.3.2.1.3. Finanzjament skont id-Deċiżjoni Reġjonali Nru 47/2013 tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș

(117) Is-CNIA sostna li l-eżistenza ta' għajnuna potenzjali mill-Istat mogħtija illegalment skont id-Deċiżjoni Reġjonali Nru 47/2013 hija murija mill-fatt li d-deċiżjoni ġiet annullata mill-Qrati nazzjonali.

6.3.2.1.4. Wizz Air

(118) Wizz Air targumenta li l-imposti tal-ajruport mhumiex selettivi peress li kienu disponibbli għall-utenti eżistenti jew potenzjali tat-TMA.

7. IL-KUMMENTI TAR-RUMANIJA DWAR IL-KUMMENTI TAL-PARTIJIET INTERESSATI

7.1. Kummenti mir-Rumanija dwar il-kummenti tal-partijiet interessati għad-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2011 (il-Miżura 1)

(119) Ir-Rumanija ssostni li l-biċċa l-kbira tal-ajruporti reġjonali Rumeni kellhom traffiku annwali ta' inqas minn 50 000 passiġġier u l-ebda wieħed minn dawn l-ajruporti ma kien se jaqbeż it-300 000 passiġġier sal-2015. Abbażi ta' dan, ir-Rumanija tikkunsidra li mhuwiex probabbli li s-sostenn pubbliku għal dawk l-ajruporti jaffettwa l-kompetizzjoni u jfixkel il-kummerċ bejn l-Istati Membri. ([59])

7.2. Kummenti mir-Rumanija dwar il-kummenti tal-partijiet interessati dwar id-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2015

7.2.1. *Livell ta' imposti tal-ajruport (il-Miżura 5)*

(120) L-awtoritajiet Rumeni argumentaw li l-imposti tal-ajruport skont id-Deċiżjoni Reġjonali 83/2012 kienu stabbiliti f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti fis-seħħ dak iż-żmien.

(121) L-awtoritajiet Rumeni ddikjaraw ukoll li l-iskontijiet applikati ma nħolqux b'mod speċjali mill-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș u mit-TMA għall-benefiċċju ta' Wizz Air iżda, abbażi tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni u tal-opportunitajiet indaqs, kienu japplikaw pjuttost għal-linji tal-ajru kollha fl-ajruport.

([59]) Il-premessa 66 tad-Deċiżjoni Finali tal-2016.

(122) L-iskontijiet kienu parti minn strateġija għat-tnaqqis tar-riskji u d-dipendenza fuq għadd limitat ta' linji tal-ajru żgħar kif ukoll politika ta' tkabbir sostenibbli tad-dħul tal-ajruporti, inklużi profitti minn attivitajiet tal-ajruport, marbuta ma' żieda fit-traffiku tal-passiġġieri.

(123) Ir-Rumanija, barra minn hekk, argumentat li t-TMA ma applikax imposti tal-ajruport baxxi ħafna.

7.2.2. *Atti ta' Inkarigu tas-SIEĠ (il-Miżuri 3 u 4)*

(124) Ir-Rumanija tenniet li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-ajruporti reġjonali (bi traffiku baxx li ma jippermettilhomx jilħqu livell ta' profittabbiltà) kienet primarjament dovuta għall-istat ta' żvilupp ekonomiku baxx tar-reġjuni fejn kienu jinsabu dawk l-ajruporti, aktar milli d-distanza lejn ajruporti ġirien.

(125) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Rumeni jikkontestaw l-allegata talba għal kumpens żejjed imressqa mis-CNIA u kkonfermaw li r-rapporti finanzjarji tat-TMA mill-2011 ġew konklużi f'konformità mal-prinċipji tas-separazzjoni tal-kostijiet u tad-dħul tas-SIEĠ minn attivitajiet kummerċjali oħra wara l-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2011.

8. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA 1 – FINANZJAMENT TAT-TMA FIL-PERJODU 2007- 2009

8.1. Eżistenza tal-għajnuna

(126) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE "kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern."

(127) Għalhekk, il-kwalifikazzjoni ta' miżura bħala għajnuna mill-Istat skont it-tifsira ta' din id-dispożizzjoni tirrikjedi li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) il-benefiċjarju jkun impriża;

(b) il-miżura hija ffinanzjata permezz ta' riżorsi tal-Istat u hija imputabbli lill-Istat;

(c) hija tagħti vantaġġ ekonomiku lir-riċevitur tagħha;

(d) il-vantaġġ huwa selettiv; u

(e) l-miżura trid twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni u tista' taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

8.1.1. *L-attività ekonomika u l-kunċett ta' impriża*

(128) Il-Kummissjoni l-ewwel trid tistabbilixxi jekk il-Miżura 1 tapplikax għall-impriżi skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Il-kunċett ta' impriża jkopri lil kull entità li teżerċita attività ekonomika, indipendentement mill-istatus legali ta' din l-entità u mill-mezz ta' finanzjament tagħha. ([60]) Kwalunkwe attività li tikkonsisti fl-offerta ta' oġġetti jew servizzi f'suq partikolari hija attività ekonomika. ([61])

([60]) Is-Sentenza tat-18 ta' Ġunju 1998, *Il-Kummissjoni vs L-Italja* C-35/96, ECLI:EU:C:1998:303; Is-Sentenza tas-23 ta' April 1991, *Höfner u Elser* C-41/90, ECLI:EU:C:1991:161.

([61]) Is-Sentenza tas-16 ta' Ġunju 1987, *Il-Kummissjoni vs l-Italja* (118/85, ECLI:EU:C:1987:283; Is-Sentenza tat-18 ta' Ġunju 1998, *Il-Kummissjoni vs L-Italja* C-35/96, ECLI:EU:C:1998:303;

(129) Hija ġurisprudenza stabbilita li l-operat u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura tal-ajruport għandhom jitqiesu bħala attività li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat. ([62]) Ladarba operatur ta' ajruport iwettaq attivitajiet ekonomiċi billi joffri servizzi tal-ajruport bi ħlas, irrispettivament mill-istatus legali tiegħu jew mill-mod li bih jiġi ffinanzjat, huwa jikkostitwixxi impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(130) Filwaqt li l-maniġers tal-ajruporti jridu jitqiesu li jikkostitwixxu impriżi fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, irid jiġi mfakkar li mhux l-attivitajiet kollha ta' maniġer tal-ajruport huma neċessarjament ta' natura ekonomika. ([63])

(131) Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-attivitajiet li normalment jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat fl-eżerċizzju tas-setgħat uffiċjali tiegħu bħala awtorità pubblika mhumiex ta' natura ekonomika u ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. ([64])

(132) Għalhekk, il-finanzjament tal-attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-politika pubblika jew tal-infrastruttura direttament relatata ma' dawk l-attivitajiet b'mod ġenerali ma jikkostitwixxi ebda għajnuna mill-Istat. ([65]) F'ajruport, attivitajiet bħall-kontroll tat-traffiku tal-ajru, il-pulizija, id-dwana, it-tifi tan-nar, l-attivitajiet meħtieġa sabiex tiġi ssalvagwardjata l-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali u l-investimenti relatati mal-infrastruttura u mat-tagħmir meħtieġa biex jitwettqu dawn l-attivitajiet ġeneralment jiġu kkunsidrati bħala li huma ta' natura mhux ekonomika. ([66])

(133) Madankollu, il-finanzjament pubbliku tal-attivitajiet mhux ekonomiċi ma jridx iwassal għal diskriminazzjoni bla bżonn bejn il-linji tal-ajru u l-maniġers tal-ajruporti. Tabilħaqq, hija ġurisprudenza stabbilita li jkun hemm vantaġġ meta l-awtoritajiet pubbliċi jeħilsu lill-impriżi mill-kostijiet inerenti għall-attivitajiet ekonomiċi tagħhom. ([67]) Għalhekk, jekk, f'sistema legali partikolari, huwa normali li l-linji tal-ajru jew il-maniġers tal-ajruporti jġarrbu l-kostijiet ta' ċerti servizzi, filwaqt li xi linji tal-ajru jew maniġers tal-ajruporti li jipprovdu l-istess servizzi f'isem l-istess awtoritajiet pubbliċi ma jkollhomx għalfejn iġarrbu dawk il-kostijiet, dawn tal-aħħar jistgħu jgawdu minn vantaġġ anki jekk dawk is-servizzi jitqiesu fihom infushom mhux ekonomiċi. ([68])

(134) Kif spjegat fil-premessa 41, il-Maniġer tal-Ajruport kien u huwa involut fil-kostruzzjoni, il-manutenzjoni u l-operat tal-infrastruttura tal-ajruport. Huwa joffri servizzi tal-ajruport u imposti għall-utenti – operaturi tal-avjazzjoni kummerċjali u utenti tal-avjazzjoni ġenerali mhux kummerċjali – għall-użu tal-infrastruttura tal-ajruport, u b'hekk jisfrutta l-infrastruttura b'mod kummerċjali. Għalhekk, il-Maniġer tal-Ajruport kien involut f'attività ekonomika fil-perjodu taħt valutazzjoni u, għalhekk, jikkostitwixxi impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(135) La r-Rumanija u lanqas il-Maniġer tal-Ajruport ma sostnew li partijiet mill-finanzjament għall-perjodu 2007-2009 kienu speċifikament allokati bħala kumpens għall-kostijiet tal-mandat tal-politika pubblika għall-Maniġer tal-Ajruport fit-TMA. Fil-fatt, il-mekkaniżmu ta' kumpens stabbilit għall-finanzjament tal-Maniġer tal-Ajruport bejn l-2007 u l-2009 tfassal biex ikopri d-differenza bejn id-dħul u t-telf tal-Maniġer tal-Ajruport, mingħajr ma ssir distinzjoni bejn il-kostijiet tal-mandat tal-politika pubblika u tipi oħra ta' kostijiet.

([62]) Is-Sentenza tat-12 ta' Diċembru 2000, Aéroports de Paris vs Il-Kummissjoni, T-128/98, ECLI:EU:T:2000:290, ikkonfermata mis-Sentenza tal-24 ta' Ottubru 2002, Aéroports de Paris vs Il-Kummissjoni, C-82/01, ECLI:EU:C:2002:617, il-punti 75-79. Dan ġie kkonfermat fis-Sentenza tal-24 ta' Marzu 2011,*Mitteldeutsche Flughafen AG u Flughafen Leipzig Halle GmbH vs il-Kummissjoni*, (is-sentenza "Leipzig-Halle airport"), il-Kawżi T-443/08 u T-455/08, ECLI:EU:T:2011:117, b'mod partikolari l-punti 93 u 94; ikkonfermata bis-Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2012, *Leipzig-Halle*, il-Kawża C-288/11 P, mhux ippubblikata, ECLI:EU:C:2012:821.

([63]) Il-punt 34 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014. Is-Sentenza tad-19 ta' Jannar 1994, SAT *Fluggesellschaft* / *Eurocontrol*, C-364/92, ECLI:EU:C:1994:7.

([64]) Is-Sentenza tas-16 ta' Ġunju 1987, *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, C-118/85, ECLI:EU:C:1987:283, il-punti 7 u 8, u s-Sentenza tal-4 ta' Mejju 1988, *Bodson/Pompes funèbres des régions libérées*, C-30/87, ECLI:EU:C:1988:225, il-punt 1.

([65]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N 309/2002 tad-19 ta' Marzu 2003, Sigurtà fl-avjazzjoni — kumpens għall-ispejjeż imġarrba wara l-attakki tal-11 ta' Settembru 2001 (ĠU C 148, 25.6.2003, p. 7).

([66]) Ara l-punt 35 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014. Barra minn hekk, is-Sentenza tad-19 ta' Jannar 1994, *SAT Fluggesellschaft* / *Eurocontrol*, C-364/92, ECLI:EU:C:1994:7, il-punt 30 u s-Sentenza tas-26 ta' Marzu 2009, *Selex Sistemi Integrati* / *Il-Kummissjoni*, C-113/07 P, ECLI:EU:C:2009:191, il-punt 71.

([67]) Ara s-Sentenza tat-3 ta' Marzu 2005, *Heiser*, C-172/03, ECLI:EU:C:2005:130, il-punt 36, u l-ġurisprudenza msemmija.

([68]) Il-punt 37 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

(136) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 1 ma tikkostitwixxix kumpens għall-kostijiet tal-mandat tal-politika pubblika u għalhekk tapplika għal impriża.

8.1.2. *Ir-riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà lill-Istat*

(137) Sabiex miżura tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, jeħtieġ li tiġi ffinanzjata mir-riżorsi tal-Istat u tkun imputabbli lill-Istat, jiġifieri mogħtija mill-Istat innifsu jew minn kwalunkwe korp intermedjarju li jaġixxi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu. ([69]) Ir-riżorsi tal-awtoritajiet lokali huma, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 107 tat-TFUE, riżorsi tal-Istat. ([70])

(138) Il-finanzjament pubbliku fil-perjodu 2007- 2009 ingħata direttament mill-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș abbażi tad-Deċiżjoni tal-Gvern tal-1997, jiġifieri minn awtorità lokali permezz tar-riżorsi proprji tagħha.

(139) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-finanzjament pubbliku fil-perjodu 2007-2009 ingħata permezz ta' riżorsi tal-Istat u kien imputabbli lill-Istat.

8.1.3. *Selettività*

(140) Sabiex taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, miżura tal-Istat trid tiffavorixxi lil *"ċerti impriżi jew ċerti produtturi"*. Għalhekk, dawk il-miżuri biss li jiffavorixxu lil impriżi li jagħtu vantaġġ b'mod selettiv jaqgħu taħt il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat.

(141) F'dan il-każ, l-appoġġ finanzjarju abbażi tad-Deċiżjoni tal-1997 huwa selettiv peress li l-għajnuna ngħatat biss lil ċerti impriżi, speċifikament lill-Maniġer tal-Ajruport f'TMA. Din hija miżura individwali. Il-Miżura 1 hija għalhekk selettiva mid-definizzjoni tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

8.1.4. *Vantaġġ ekonomiku*

(142) Il-finanzjament pubbliku mogħti lill-Maniġer tal-Ajruport kellu l-għan li jikkumpensa t-telf imġarrab meta jwettaq l-attività ordinarja tiegħu. Xejn fl-evidenza fattwali disponibbli għall-Kummissjoni jew fil-kummenti riċevuti mir-Rumanija jew minn partijiet terzi ma jissuġġerixxi li l-awtorità awtorizzanti setgħet tistenna kwalunkwe redditu finanzjarju bħala riżultat ta' dawk il-miżuri ta' finanzjament meta ddeċidiet li tagħtihom. Għalhekk, il-finanzjament pubbliku inkwistjoni ma jikkonformax mal-operatur f'ekonomija tas-suq (MEOP).

(143) Ir-Rumanija sostniet ukoll li l-finanzjament pubbliku kkontestat kien jirrappreżenta kumpens għall-forniment ta' SIEĠ. Fil-każ ta' impriżi inkarigati bil-forniment ta' SIEĠ, sabiex jiġi konkluż jekk il-miżura li qed tiġi vvalutata tikkostitwixxix vantaġġ ekonomiku skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, il-Kummissjoni trid teżamina l-osservanza ta' erba' kundizzjonijiet kumulattivi stabbiliti mill-Qorti fis-sentenza tagħha fil-kawża Altmark. Dawk il-kundizzjonijiet jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

(a) L-ewwel nett, il-benefiċjarju jrid fil-fatt jiġi inkarigat bl-OSP, u dawn l-obbligi jridu jiġu definiti b'mod ċar. ("Altmark 1");

(b) It-tieni, il-parametri li abbażi tagħhom jiġi kkalkulat il-kumpens iridu jiġu stabbiliti minn qabel, b'mod oġġettiv u trasparenti ("Altmark 2");

([69]) Is-Sentenza Stardust Marine, iċċitata fil-punti 53-56. Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Mejju 2011, il-kawżi magħquda *Region Nord-Pas-de-Calais*, T-267/08, ECLI:EU:T:2011:209, u *Communauté d'agglomération du Douaisis vs Il-Kummissjoni Ewropea*, T-279/08, ECLI:EU:T:2011:209, il-punt 108. Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Jannar 1978, *Van Tiggele*, 82/77, ECLI:EU:C:1978:10, il-punti 25 u 26; Is-Sentenza tat-12 ta' Diċembru 1996, *Air France vs Il-Kummissjoni ("Air France")*, T-358/94, ECLI:EU:T:1996:194, il-punt 63.

([70]) Is-Sentenza tat-12 ta' Mejju 2011, *Nord-Pas-de-Calais*, Il-Kawżi Magħquda T-267/08 u T-279/08, ECLI:EU:T:2011:209, il-punt 108.

(c) It-tielet, il-kumpens ma jridx jaqbeż dak li huwa meħtieġ biex ikopri l-kostijiet kollha jew parti minnhom imġarrba fit-twettiq tal-OSP, filwaqt li jitqies il-benefiċjarju rilevanti u profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawk l-obbligi ("Altmark 3");

(d) Ir-raba', meta l-impriża inkarigata bl-OSP, f'każ speċifiku ma tintgħażilx skont proċedura ta' akkwist pubbliku li tippermetti l-għażla tal-offerent li jkun kapaċi jipprovdi dak is-servizz bl-inqas kost għall-komunità, il-livell ta' kumpens meħtieġ irid jiġi ddeterminat abbażi ta' analiżi tal-kostijiet li impriża medja, immexxija tajjeb u adegwatament ipprovduta bil-mezzi meħtieġa kienet iġġarrab fit-twettiq ta' dawk l-obbligi, filwaqt li jitqies id-dħul rilevanti u profitt raġonevoli għat-twettiq tal-obbligi ("Altmark 4").

8.1.4.1. Altmark 4

(144) Ir-raba' kriterju ta' Altmark jipprevedi li l-kumpens irid ikun il-minimu meħtieġ sabiex ma jikkwalifikax bħala għajnuna. Dan il-kriterju jkun sodisfatt jekk il-benefiċjarju tal-kumpens ikun intgħażel wara proċedura tal-offerti li tippermetti l-għażla tal-offerent kapaċi li jipprovdi s-SIEĠ meħtieġ bl-inqas kost għall-komunità jew, f'nuqqas ta' dan, jekk il-kumpens ikun ġie kalkolat b'referenza għall-kostijiet ta' impriża effiċjenti.

(145) F'dan il-każ, il-benefiċjarju ma ntgħażilx wara proċedura ta' sejħa għall-offerti. Lanqas ma hemm evidenza li turi li l-livell ta' kumpens ġie ddeterminat abbażi ta' analiżi tal-kostijiet li impriża tipika, immexxija tajjeb u adegwatament ipprovduta bil-mezzi meħtieġa biex tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa tas-servizz pubbliku, kienet iġġarrab fit-twettiq ta' dawk l-obbligi, filwaqt li jitqies id-dħul rilevanti u profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawn l-obbligi. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li ma jistax jinstab li l-finanzjament pubbliku inkwistjoni ġie ddeterminat f'konformità ma' Altmark 4.

(146) Konsegwentement, il-miżura taħt investigazzjoni ma tikkonformax ma' Altmark 4.

8.1.4.2. Konklużjoni

(147) Peress li l-kundizzjoni Altmark 4 ma ġietx issodisfata, il-Kummissjoni ssib li l-erba' kundizzjonijiet ta' Altmark ma ġewx issodisfati b'mod kumulattiv f'dan il-każ, mingħajr ma kien hemm bżonn li jiġu eżaminati fid-dettall il-kundizzjonijiet l-oħra ta' Altmark. Peress li lanqas ma kien hemm konformità mal-MEOP, il-Miżura 1 li qed tiġi vvalutata tat vantaġġ ekonomiku lill-Maniġer tal-Ajruport.

8.1.5. *Distorsjoni tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri*

(148) Miżura mogħtija mill-Istat titqies li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni meta tkun tista' ttejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tal-benefiċjarju meta mqabbla ma' impriżi oħra li tikkompeti magħhom, li ġeneralment jinstab li jkun il-każ jekk jingħata vantaġġ finanzjarju lil impriża f'settur liberalizzat fejn ikun hemm, jew jista' jkun hemm, kompetizzjoni.

(149) Meta l-għajnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża mqabbla ma' impriżi oħra li jikkompetu fil-kummerċ fl-UE, dawn tal-aħħar għandhom jitqiesu bħala affettwati minn din l-għajnuna. ([71])

(150) Billi l-operazzjoni ta' ajruport hija attività ekonomika, minn naħa waħda, il-kompetizzjoni sseħħ bejn l-ajruporti sabiex jattiraw il-linji tal-ajru u t-traffiku tal-ajru korrispondenti (passiġġieri u merkanzija) u, min-naħa l-oħra, bejn il-maniġers tal-ajruporti, li jistgħu jikkompetu bejniethom sabiex jiġu fdati bil-ġestjoni ta' ajruport partikolari. Barra minn hekk, b'mod partikolari fir-rigward ta' trasportaturi bi prezzijiet baxxi u operaturi ta' titjiriet noleġġati, ajruporti li ma jkunux jinsabu fl-istess żona ta' kummerċ jew saħansitra li jkunu jinsabu fi Stati Membri differenti jistgħu wkoll ikunu f'kompetizzjoni ma' xulxin sabiex jattiraw lil dawk il-linji tal-ajru.

([71]) Is-Sentenza tat-30 ta' April 1998, Het Vlaamse Gewest vs Il-Kummissjoni, T-214/95, ECLI:EU:T:1998:77 u s-Sentenza tas-17 ta' Settembru 1980, Philip Morris vs Il-Kummissjoni, C-730/79, ECLI:EU:C:1980:209, il-punt 11.

(151) Il-kompetizzjoni bejn l-ajruporti tista' tiġi vvalutata fid-dawl tal-kriterji tal-għażla tal-linji tal-ajru, u b'mod partikolari billi jitqabblu fatturi bħat-tip ta' servizzi tal-ajruport ipprovduti u l-klijenti kkonċernati, il-popolazzjoni jew l-attività ekonomika, il-konġestjoni, jekk hemmx aċċess bl-art, u l-livell ta' imposti għall-użu tal-infrastruttura u s-servizzi tal-ajruport. ([72]) Mhuwiex possibbli li anki ajruporti żgħar jiġu eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. ([73])

(152) Peress li l-Miżura 1 tappoġġja ajruport reġjonali, it-TMA, irid jitqies li jista' ifixkel il-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

8.1.6. *Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat*

(153) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 1 tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lill-Maniġer tal-Ajruport skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

8.2. **Legalità tal-għajnuna**

(154) Il-Miżura 1 iddaħħlet fis-seħħ qabel l-approvazzjoni formali mill-Kummissjoni. Għalhekk, din tikkostitwixxi għajnuna illegali, sakemm ma tkunx issodisfat dak iż-żmien il-kundizzjonijiet rilevanti ta' att tal-Unjoni li jipprevedi eżenzjoni mill-obbligu ta' notifika stabbilit fl-Artikolu 108 tat-TFUE għal ċerti kategoriji ta' għajnuna.

(155) F'dan il-każ, ir-Rumanija sostniet li l-finanzjament pubbliku mogħti lil diversi ajruporti inkluża TMA fil-perjodu 2007–2009 kien jirrappreżenta kumpens għall-forniment ta' SGEIs u kien konformi mal-kundizzjonijiet tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005. Ir-Rumanija ddikjarat li d-Deċiżjoni tal-Gvern tal-1997 stabbiliet b'mod ċar u trasparenti l-PSOs, il-parametri għall-kalkolu tal-kumpens u l-arranġamenti sabiex jiġi evitat kull kumpens żejjed.

(156) Madankollu, kif iddikjarat fil-premessa 84, il-Kummissjoni sabet li d-Deċiżjoni tal-Gvern tal-1997 ma imponiet OSP ċari fuq l-ebda wieħed mill-maniġers tal-ajruporti.

(157) Għaldaqstant, kif imsemmi, fid-Deċiżjoni Finali tal-2016, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-Rumanija kienet naqset milli turi li l-finanzjament pubbliku bbażat fuq id-Deċiżjoni tal-Gvern tal-1997 inkariga lill-maniġers tal-ajruporti b'OSP definiti b'mod ċar.

(158) Għalhekk, l-għajnuna ma kinitx konformi mad-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2005 u għalhekk ġiet implimentata bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE. ([74]) L-istess konklużjoni tapplika għall-Miżura 1 soġġetta għal din id-deċiżjoni, jiġifieri l-għajnuna mill-Istat implimentata abbażi tad-Deċiżjoni tal-Gvern tal-1997 favur TMA, li lanqas ma kienet konformi mas-SIEĠ tal-2005 u għalhekk implimentata bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

8.3. **Kompatibbiltà mas-suq intern**

(159) Għall-istess raġuni msemmija fil-premessa 157, jiġifieri OSP mhux definit b'mod ċar, il-Miżura 1 ma tistax tinstab kompatibbli skont id-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2012 u lanqas mal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012.

(160) Għalhekk, il-Kummissjoni trid tivverifika jekk il-miżura hijiex kompatibbli mar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija (il-"GBER", General Block Exemption Regulation) ([75]) li fih dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna operatorja lill-ajruporti reġjonali taħt ċerti kundizzjonijiet.

([72]) Il-punt 43 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.
([73]) Il-punt 45 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.
([74]) Il-premessi minn 111 sa 113 u 121 tad-Deċiżjoni Finali tal-2016.
([75]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/651/oj).

8.3.1. *Applikazzjoni tal-GBER*

(161) Id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali tal-GBER jispeċifikaw li dan japplika għal kwalunkwe għajnuna individwali mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu jekk tali għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-GBER, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 9. ([76])

(162) Skont l-Artikolu 1(1), il-punt (m), tal-GBER, ir-Regolament huwa applikabbli għall-għajnuna għall-ajruporti reġjonali. L-għajnuna operatorja lil ajruport għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(2) jew (3) tat-Trattat sakemm tali għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 56(a), il-punti 3, 4, 10 u 15 sa 18 u l-Kapitolu I tal-GBER jiġu ssodisfati. ([77])

(163) Il-miżura li qed tiġi vvalutata hija relatata mal-finanzjament pubbliku mogħti lit-TMA matul il-perjodu 2007-2009 biex tkopri t-telf operatorju tiegħu u għalhekk hija fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GBER.

(164) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-GBER huwa applikabbli għall-Miżura 1 bħala bażi ta' kompatibbiltà minħabba d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali. Kompatibbiltà tal-miżura mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-GBER

8.3.1.1. Kompatibbiltà mal-Kapitolu I tal-GBER

(165) *Rekwiżit ta' trasparenza*. Il-GBER japplika biss għall-għajnuna li fir-rigward tagħha huwa possibbli li jiġi kkalkolat b'mod preċiż l-ekwivalenti ta' għotja gross tal-għajnuna *ex ante* mingħajr il-ħtieġa li ssir valutazzjoni tar-riskju. ([78]) Din il-kundizzjoni hija ssodisfata peress li, kif spjegat fil-premessi minn 50 sa 53, il-finanzjament pubbliku huwa pprovdut fil-forma ta' għotjiet annwali, b'limitu massimu stabbilit fl-ammont meħtieġ biex l-ajruport jiġi operat mingħajr ma jsir profitt. Dan il-limitu huwa stabbilit kull sena *ex ante* abbażi tal-baġits tad-dħul u tan-nefqa sottomessi mill-Maniġer tal-Ajruport u approvati minn deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureş.

(166) *Effett ta' inċentiv*. ([79]) Fil-perjodu 2007 - 2009, it-TMA opera taħt l-awtorità tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureş. Skont ir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureş imsemmija fil-premessi minn 51 sa 53, kien hemm talbiet lill-awtorità superviżorja pubblika għall-fondi pubbliċi biex ikopru d-defiċit finanzjarju tat-TMA skont il-baġits annwali tad-dħul u tan-nefqa.

(167) *Kalkolu tal-intensità tal-għajnuna u tal-kostijiet eliġibbli*. ([80]) L-awtoritajiet Rumeni kkonfermaw li l-finanzjament pubbliku tal-premessi 46 u 47 ingħata abbażi ta' dokumenti ta' sostenn fir-rekords tal-kontabbiltà pubblika, ġestiti separatament għall-kostijiet relatati mal-attività tal-ajruport. It-taxxa fuq il-valur miżjud ma ġietx ikkunsidrata fil-kalkolu tal-kostijiet operattivi.

(168) *Akkumulazzjoni*. ([81]) L-awtoritajiet Rumeni kkonfermaw li għall-perjodu 2007-2009, it-TMA ma bbenefika minn ebda tip ieħor ta' għajnuna.

(169) *Pubblikazzjoni u informazzjoni*. ([82]) L-Artikolu 58(1) tal-GBER jipprevedi li l-għajnuna mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tal-GBER ma għandhiex għalfejn tissodisfa r-rekwiżiti tal-pubblikazzjoni tal-Artikolu 9 biex titqies kompatibbli.

([76]) L-Artikolu 58(1) tal-GBER.
([77]) L-Artikolu 3 flimkien mal-Artikolu 56a(2) tal-GBER.
([78]) L-Artikolu 5(1) tal-GBER.
([79]) L-Artikolu 6 tal-GBER.
([80]) L-Artikolu 7 tal-GBER.
([81]) L-Artikolu 8 tal-GBER.
([82]) L-Artikolu 9 tal-GBER.

8.3.1.2. Kompatibbiltà mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 56a tal-GBER

(170) *L-ajruport għandu jkun miftuħ għall-utenti potenzjali kollha.* ([83]) It-TMA kien miftuħ għall-utenti potenzjali kollha, jiġifieri l-linji tal-ajru kollha li talbu l-użu tal-infrastruttura tal-ajruport u murija fil-premessi minn 30 sa 36, filwaqt li aċċettaw it-tariffi tal-ajruport ippubblikati fil-Pubblikazzjoni ta' Informazzjoni Ajrunawtika tar-Rumanija (AIP) u applikati b'mod uniformi, trasparenti u mhux diskriminatorju.

(171) L-awtoritajiet Rumeni kkonfermaw li l-linji tal-ajru kollha li jixtiequ joperaw mill-ajruport fir-rigward tal-qafas regolatorju deskritt hawn fuq jistgħu jagħmlu dan. Għalhekk, diversi linji tal-ajru operaw fl-ajruport matul il-perjodu 2007-2009: TAROM, Carpatair, Malev, Wizz Air, Cimberair.

(172) *L-għajnuna ma għandhiex tingħata għar-rilokazzjoni ta' ajruporti eżistenti jew għall-ħolqien ta' ajruport tal-passiġġieri ġdid.* ([84]) Matul il-perjodu ta' referenza, it-TMA ma ġiex rilokat jew ittrasformat minn mitjar għal ajruport tal-passiġġieri; l-infrastruttura tal-ajruport ilha teżisti u ilha tiġi operata fl-istess sit mill-1967.

(173) L-għajnuna ma għandhiex tingħata lil ajruporti bi traffiku medju annwali tal-merkanzija ta' aktar minn 200 000 tunnellata matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel is-sena li fiha tkun effettivament mogħtija l-għajnuna. L-għajnuna ma tkunx mistennija li tirriżulta f'ajruport li jżid it-traffiku medju annwali tal-merkanzija għal iktar minn 200 000 tunnellata fi żmien sentejn finanzjarji wara l-għoti tal-għajnuna. ([85]) Matul is-sentejn ta' qabel il-perjodu 2007-2009 u fis-sentejn ta' wara 2010-2011, ma ġiet operata l-ebda titjira tal-merkanzija fit-TMA u kwalunkwe traffiku tal-merkanzija ma qabiżx il-200 000 tunnellata (il-premessa 37). Għalhekk, din il-kundizzjoni hija ssodisfata.

(174) L-għajnuna operatorja ma għandhiex tingħata lil ajruporti bi traffiku medju annwali tal-passiġġieri ta' aktar minn 200 000 passiġġier matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel is-sena li fiha tkun effettivament mogħtija l-għajnuna. ([86]) L-għadd ta' passiġġieri fit-TMA fl-2005, fl-2006, fl-2007 u fl-2008 ma qabiżx il-limitu (ara t-Tabella 1), u għalhekk din il-kundizzjoni hija ssodisfata.

(175) L-ammont tal-għajnuna operatorja ma għandux jaqbeż dak li huwa meħtieġ biex ikopri t-telf operatorju u profitt raġonevoli matul il-perjodu rilevanti. L-għajnuna għandha tingħata fil-forma ta' pagamenti perjodiċi fissi *ex ante*, li ma għandhomx jiġu miżjuda matul il-perjodu li għalih tingħata l-għajnuna, jew fil-forma ta' ammonti definiti *ex post* abbażi tat-telf operatorju osservat. ([87]) Il-finanzjament pubbliku lit-TMA taħt il-Miżura 1 fil-perjodu 2007-2009 huwa muri fit-Tabella 5. Matul il-perjodu kollu 2007-2009 kien hemm diskrepanza tal-likwidità mhux koperta mill-fondi pubbliċi. Għalhekk, l-għajnuna ma qabżitx dak li huwa meħtieġ biex tkopri t-telf operatorju u profitt raġonevoli. L-awtoritajiet Rumeni kkonfermaw li l-ammonti ngħataw f'pagamenti parzjali ta' kull xahar abbażi tal-baġit annwali mfassal *ex ante* u regolarizzat *ex post* fuq il-bażi tal-eżekuzzjoni, kif muri fil-kontijiet annwali, sabiex jiġi kopert it-telf operatorju mingħajr ma jiġi rreġistrat profitt.

(176) L-għajnuna operatorja ma għandhiex tkun imħallsa fir-rigward ta' kwalunkwe sena kalendarja li matulha t-traffiku tal-passiġġieri annwali tal-ajruport jaqbeż il-200 000 passiġġier. ([88]) L-għadd ta' passiġġieri fit-TMA ammonta għal 156 929 fl-2007, għal 69 945 fl-2008 u għal 84 062 fl-2009 (ara t-Tabella 1). Għalhekk, din il-kundizzjoni hija ssodisfata.

(177) L-għoti ta' għajnuna operatorja ma għandux ikun marbut mal-kundizzjoni li jkun hemm konklużjoni ta' arranġamenti ma' linji tal-ajru speċifiċi relatati ma' imposti tal-ajruport, il-pagamenti ta' kummerċjalizzazzjoni jew ma' aspetti finanzjarji oħra tal-operazzjonijiet tal-linji tal-ajru fl-ajruport ikkonċernat. ([89]) L-awtoritajiet Rumeni kkonfermaw li l-għoti tal-għajnuna ma kienx kundizzjonali fuq il-konklużjoni ta' arranġamenti speċjali ma' linji tal-ajru speċifiċi u li l-imposti tal-ajruport kienu l-istess għal-linji tal-ajru kollha. Għalhekk, din il-kundizzjoni hija ssodisfata.

([83]) L-Artikolu 56a(3) tal-GBER.
([84]) L-Artikolu 56a(4) tal-GBER.
([85]) L-Artikolu 56a(10) tal-GBER.
([86]) L-Artikolu 56a(15) tal-GBER.
([87]) L-Artikolu 56a(16) tal-GBER.
([88]) L-Artikolu 56a(17) tal-GBER.
([89]) L-Artikolu 56a(18) tal-GBER.

8.3.1.3. Konklużjoni tal-kompatibbiltà mal-kundizzjonijiet tal-GBER

(178) Il-Miżura 1 tikkonforma mal-kundizzjonijiet tal-GBER u għalhekk hija kompatibbli mas-suq intern.

8.3.2. *Konklużjoni dwar il-kompatibbiltà tal-Miżura 1*

(179) Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi minn 165 sa 177 hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna operatorja lit-TMA fil-perjodu 2007 – 2009 hija kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-TFUE.

9. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA 2 – FINANZJAMENT TAL-INFRASTRUTTURA TAS-SERVIZZI FUQ L-ART FL-2011

9.1. Eżistenza tal-għajnuna

(180) Il-prinċipji dwar l-eżistenza tal-għajnuna elenkata fil-premessi minn 126 sa 133, 137, 140, 143 u 148 japplikaw għall-Miżura 2 ukoll.

9.1.1. *L-attività ekonomika u l-kunċett ta' impriża*

(181) Il-Kummissjoni l-ewwel trid tistabbilixxi jekk il-Miżura 2 tapplikax għall-impriżi skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(182) Kif stabbilit fil-premessa 41, il-Maniġer tal-Ajruport kien involut fil-bini, il-manutenzjoni u l-operat tal-infrastruttura tal-ajruport u fl-offerta ta' servizzi u imposti tal-ajruport lill-utenti – operaturi tal-avjazzjoni kummerċjali u utenti tal-avjazzjoni ġenerali mhux kummerċjali – għall-użu tal-infrastruttura tal-ajruport, u b'hekk jisfrutta l-infrastruttura kummerċjalment. Għalhekk, il-Maniġer tal-Ajruport kien involut f'attività ekonomika fiż-żmien meta sar l-investiment u, għalhekk, kien jikkostitwixxi impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE fiż-żmien meta ngħatat l-għajnuna.

(183) Barra minn hekk, matul l-investigazzjoni formali kif iddikjarat fil-premessa 102, ir-Rumanija kkonfermat li t-tagħmir li kien iffinanzjat mill-Miżura 2 intuża għall-attivitajiet ġenerali tal-ajruport. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 2 ma tikkostitwixxix kumpens għall-kostijiet tal-mandat tal-politika pubblika u għalhekk tapplika għal impriża.

9.1.2. *Ir-riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà lill-Istat*

(184) L-awtoritajiet Rumeni kkonfermaw li l-investimenti kollha ddikjarati fit-Tabella 3 tħallsu mill-baġit tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș, b'mod partikolari: permezz tad-Deċiżjoni Reġjonali Nru 15 tal-10 ta' Frar 2011, ġiet iffinanzjata x-xarabank tar-rampa, permezz tad-Deċiżjoni Reġjonali Nru 94 tat-28 ta' Lulju 2011, it-troli tal-bagalji u l-unità tal-elettriku, bid-Deċiżjoni Reġjonali Nru 84 tat-22 ta' Ġunju 2011 it-taraġ u l-prodott għat-tneħħija tas-silġ.

(185) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-finanzjament pubbliku fl-2011 ingħata permezz ta' riżorsi tal-Istat u kien imputabbli lill-Istat.

9.1.3. *Selettività*

(186) L-appoġġ finanzjarju abbażi tad-Deċiżjonijiet Reġjonali elenkati fil-premessa 184 huwa selettiv peress li l-għajnuna se tingħata biss lil impriża waħda, speċifikament lill-Maniġer tal-Ajruport f'TMA. Din hija miżura individwali. Il-Miżura 2 hija għalhekk selettiva mid-definizzjoni tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

9.1.4. *Vantaġġ ekonomiku*

(187) L-awtoritajiet Rumeni ddikjaraw matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali li anke jekk l-Ajruport kien qed jopera f'suq ħieles, il-livell baxx ta' attività jagħmilha impossibbli għal TMA li tipprovdi servizzi fuq l-art b'mod profittabbli. Għalhekk, fiż-żmien tal-finanzjament, l-awtoritajiet Rumeni qiesu l-investiment bħala kost irrekuperabbli, u ma kien mistenni l-ebda redditu finanzjarju. Għalhekk, il-finanzjament pubbliku inkwistjoni ma huwiex konformi mal-MEOP.

(188) Ir-Rumanija sostniet ukoll li l-finanzjament pubbliku kien jirrappreżenta kumpens għall-forniment ta' SIEĠ. Fil-każ ta' impriża inkarigata bil-forniment ta' SIEĠ, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-miżura li qed tiġi vvalutata tikkostitwixxix vantaġġ ekonomiku skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, kif spjegat fil-premessa 143 hawn fuq, il-Kummissjoni trid teżamina b'mod kumulattiv jekk l-erba' kundizzjonijiet ta' Altmark humiex issodisfati.

(189) Kif spjegat fil-premessa 144, il-kriterju 4 ta' Altmark jiġi ssodisfat jekk il-benefiċjarju tal-kumpens ikun intgħażel wara proċedura tal-offerti li tippermetti l-għażla tal-offerent li jkun kapaċi jipprovdi s-SIEĠ meħtieġ bl-inqas kost għall-komunità jew, fin-nuqqas ta' dan, jekk il-kumpens ikun ġie kkalkolat b'referenza għall-kostijiet ta' impriża effiċjenti.

(190) F'dan il-każ, il-benefiċjarju ma ntgħażilx permezz ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Rumeni ma pprovdew l-ebda evidenza li l-livell ta' kumpens ġie ddeterminat abbażi ta' analiżi tal-kostijiet li impriża tipika ġestita tajjeb u mgħammra b'mod adegwat kienet iġġarrab fit-twettiq tal-OSP meħtieġa. Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-finanzjament pubbliku inkwistjoni ma jissodisfax il-kriterju 4 ta' Altmark.

(191) Konsegwentement, il-Miżura 2 ma tikkonformax ma' Altmark 4 u għalhekk il-kundizzjonijiet ta' Altmark mhumiex issodisfati b'mod kumulattiv f'dan il-każ, mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġu eżaminati fid-dettall il-kundizzjonijiet l-oħra ta' Altmark. Peress li, kif spjegat fil-premessa 187, il-Miżura 2 ma tikkonformax mal-MEOP, hija tat vantaġġ ekonomiku lill-Maniġer tal-Ajruport.

9.1.5. *Distorsjoni tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri*

(192) Il-premessi minn 148 sa 152 huma applikabbli għall-Miżura 2. Peress li l-Miżura 2 tappoġġja ajruport reġjonali, it-TMA, irid jitqies li jista' ifixkel il-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

9.1.6. *Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat*

(193) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 2 tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lill-Maniġer tal-Ajruport skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

9.2. **Legalità tal-għajnuna**

(194) Il-Miżura 2 iddaħħlet fis-seħħ qabel l-approvazzjoni formali mill-Kummissjoni. Għalhekk, din tikkostitwixxi għajnuna illegali, sakemm ma tkunx issodisfat dak iż-żmien il-kundizzjonijiet rilevanti ta' att tal-Unjoni li jipprevedi eżenzjoni mill-obbligu ta' notifika stabbilit fl-Artikolu 108 tat-TFUE għal ċerti kategoriji ta' għajnuna.

(195) F'dan il-każ, ir-Rumanija sostniet li l-investiment sar f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Gvern tal-1997 u li l-investiment kien marbut mal-kumpens għall-forniment ta' SIEĠ. Kif iddikjarat fil-premessi 156 (156)u 157, ir-Rumanija naqset milli turi li l-finanzjament pubbliku bbażat fuq id-Deċiżjoni tal-Gvern tal-1997 inkariga lill-maniġers tal-ajruporti b'OSP definiti b'mod ċar, u għalhekk l-għajnuna ma kinitx konformi mad-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2005 u għalhekk ġiet implimentata bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

9.3. **Kompatibbiltà mas-suq intern**

(196) Għar-raġunijiet iddikjarati fil-premessi minn 157 u 159, il-Miżura 2 ma tistax tinstab li hija kompatibbli skont id-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2012 u lanqas mal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012.

(197) Għalhekk, il-Kummissjoni trid tivvaluta jekk il-miżura hijiex kompatibbli mal-GBER, li fih dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna għall-investiment lill-ajruporti reġjonali taħt ċerti kundizzjonijiet.

9.3.1. *Applikazzjoni tal-GBER*

(198) Id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali tal-GBER jispeċifikaw li dan japplika għal kwalunkwe għajnuna individwali mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu jekk tali għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-GBER, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 9. ([90])

(199) Skont l-Artikolu 1(1), il-punt (m), tal-GBER, ir-Regolament huwa applikabbli għall-għajnuna għall-ajruporti reġjonali. L-għajnuna għall-investiment lil ajruport għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat sakemm din l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 56(a), il-punti 3 sa 14 u l-Kapitolu I tal-GBER. ([91])

(200) L-Artikolu 2(144) tal-GBER jiddefinixxi l-infrastruttura tal-ajruport bħala "infrastruttura u tagħmir għall-provvista ta' servizzi tal-ajruport mill-ajruport lil-linji tal-ajru u lill-forniturи varji tas-servizzi, inklużi r-runways, it-terminals, ir-rampa tal-ajruport, it-taxiways, l-infrastruttura ċentralizzata tal-groundhandling u kull faċilità oħra li tappoġġa direttament lis-servizzi tal-ajruport, esklużi l-infrastruttura u t-tagħmir, li huma primarjament meħtieġa biex jiġu segwiti attivitajiet mhux ajrunawtiċi". Il-miżura li qed tiġi vvalutata hija relatata mal-finanzjament pubbliku tal-infrastruttura tas-servizzi fuq l-art fl-2011 u għalhekk taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GBER.

(201) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali, il-GBER huwa applikabbli għall-Miżura 2 bħala bażi għall-kompatibbiltà.

9.3.2. *Il-kompatibbiltà tal-miżura mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-GBER*

9.3.2.1. Kompatibbiltà mal-Kapitolu I tal-GBER

(202) *Rekwiżit ta' trasparenza.* ([92]) Din il-kundizzjoni hija ssodisfata peress li l-finanzjament pubbliku huwa pprovdut fil-forma ta' għotjiet annwali, b'limitu massimu stabbilit fl-ammont meħtieġ biex l-ajruport jiġi operat mingħajr ma jsir profitt. Dan il-limitu huwa stabbilit kull sena ex ante abbażi tal-baġits tad-dħul u tan-nefqa sottomessi mill-Maniġer tal-Ajruport u approvati minn deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș (ara l-premessa 56).

(203) *Effett ta' inċentiv.* ([93]) L-awtoritajiet Rumeni spjegaw li l-investiment kien meħtieġ biex jiġi ssodisfat il-pjan obbligatorju għall-ġestjoni tal-kriżijiet f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 443/2005, li tapprova l-programm tas-sigurtà nazzjonali. L-awtoritajiet Rumeni spjegaw li t-tagħmir disponibbli fl-ajruport fiż-żmien tal-investiment kien ta' riskju għall-operazzjonijiet u s-sikurezza tat-titjira tal-ajruport. Peress li TMA ma setgħetx twettaq l-investiment hija stess u mingħajr l-investiment l-ajruport ma kienx ikun jista' jopera titjiriet f'kundizzjonijiet sikuri, il-kundizzjoni tal-effett ta' inċentiv hija ssodisfata.

([90]) L-Artikolu 58(1) tal-GBER.
([91]) L-Artikolu 3 flimkien mal-Artikolu 56a(1) tal-GBER.
([92]) L-Artikolu 5(1) tal-GBER.
([93]) L-Artikolu 6 tal-GBER.

(204) *Kalkolu tal-intensità tal-għajnuna u l-kostijiet eliġibbli*. ([94]) L-awtoritajiet Rumeni ppreżentaw evidenza dokumentarja tal-ħlas tat-tagħmir u kkonfermaw li l-ammont ta' RON 588 062 li jirrappreżenta l-VAT deduċibbli ma kienx inkluż fil-kost tal-infrastruttura tas-servizzi fuq l-art mixtrija fl-2011.

(205) *Akkumulazzjoni*. ([95]) L-awtoritajiet Rumeni kkonfermaw li t-TMA ma bbenefikax minn ebda tip ieħor ta' għajnuna għax-xiri tal-oġġetti.

(206) *Pubblikazzjoni u informazzjoni*. ([96]) L-Artikolu 58(1) jipprevedi li l-għajnuna mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tal-GBER ma għandhiex għalfejn tissodisfa r-rekwiżiti tal-pubblikazzjoni tal-Artikolu 9 biex titqies kompatibbli.

9.3.2.2. Il-kompatibbiltà mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 56a tal-GBER

(207) *L-ajruport għandu jkun miftuħ għall-utenti potenzjali kollha*. ([97]) It-TMA kien miftuħ għall-utenti potenzjali kollha, jiġifieri l-linji tal-ajru kollha li talbu l-użu tal-infrastruttura tal-ajruport, u murija fil-premessi minn 30 sa 36, filwaqt li aċċettat it-tariffi tal-ajruport ippubblikati fl-Informazzjoni Ajrunawtika tar-Rumanija u applikati b'mod uniformi, trasparenti u mhux diskriminatorju.

(208) L-awtoritajiet Rumeni kkonfermaw li l-linji tal-ajru kollha li jixtiequ joperaw mill-ajruport fir-rigward tal-qafas regolatorju deskritt hawn fuq jistgħu jagħmlu dan. Kif spjegat fil-premessi 31, 33 u 34, il-linji tal-ajru li joperaw titjiriet skedati fl-ajruport fiż-żmien meta ngħata l-investiment kienu WizzAir, Malev u Tarom.

(209) *L-għajnuna ma għandhiex tingħata għar-rilokazzjoni ta' ajruporti eżistenti jew għall-ħolqien ta' ajruport tal-passiġġieri ġdid*. ([98]) Matul il-perjodu ta' referenza, it-TMA ma ġiex rilokat jew ittrasformat minn mitjar għal ajruport tal-passiġġieri; l-infrastruttura tal-ajruport ilha teżisti u ilha topera fl-istess sit mill-1967.

(210) L-għajnuna ma għandhiex tingħata lil ajruporti bi traffiku medju annwali tal-merkanzija ta' aktar minn 200 000 tunnellata matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel is-sena li fiha tkun effettivament mogħtija l-għajnuna. L-għajnuna ma għandhiex tkun mistennija li twassal biex l-ajruport iżid it-traffiku medju annwali tal-merkanzija tiegħu għal aktar minn 200 000 tunnellata fi żmien sentejn finanzjarji wara l-għoti tal-għajnuna: ([99]) . Matul il-perjodi 2009-2010 u 2012-2013, ma ġiet operata l-ebda titjira tal-merkanzija fit-TMA u kwalunkwe traffiku tal-merkanzija ma qabiżx l-200 000 tunnellata (il-premessa 37). Għalhekk, din il-kundizzjoni hija ssodisfata.

(211) L-investiment ikkonċernat ma għandux jaqbeż dak li huwa meħtieġ biex jiġi akkomodat it-traffiku mistenni fuq terminu medju abbażi ta' tbassir tat-traffiku raġonevoli: ([100]) L-awtoritajiet Rumeni ċċaraw li l-investiment kien maħsub biex jissodisfa l-istandards ta' sikurezza meħtieġa biex it-titjiriet ikunu jistgħu joperaw fl-aħjar kundizzjonijiet ta' sikurezza (il-premessa 55). Dan ir-rekwiżit huwa għalhekk issodisfat minn din il-miżura.

(212) L-għajnuna għall-investiment ma għandhiex tingħata lil ajruport li jinsab 100 kilometru 'l bogħod jew 60 minuta ta' vvjaġġar bil-karozza, bix-xarabank, ferrovija jew ferrovija ta' velocità għolja minn ajruport eżistenti li minnu jitħaddmu servizzi bl-ajru skedati, fis-sens tal-Artikolu 2(16) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008. ([101]) Kif spjegat fil-premessa 29, l-eqreb ajruport tat-TMA huwa s-CNIA, li huwa aktar minn 100 km 'il bogħod u siegħa u nofs bil-karozza u l-Ajruport Internazzjonali ta' Sibiu, li huwa madwar 120 km, siegħa u 50 minuta bil-karozza. L-ajruporti ewlenin l-oħra kollha huma aktar minn sagħtejn 'il bogħod bil-karozza. Għaldaqstant, din il-kundizzjoni hija ssodisfata f'dan il-każ.

([94]) L-Artikolu 7 tal-GBER.
([95]) L-Artikolu 8 tal-GBER.
([96]) L-Artikolu 9 tal-GBER.
([97]) L-Artikolu 56a(3) tal-GBER.
([98]) L-Artikolu 56a(4) tal-GBER.
([99]) L-Artikolu 56a(10) tal-GBER.
([100]) L-Artikolu 56a(5) tal-GBER.
([101]) L-Artikolu 56a(6) tal-GBER.

(213) Il-paragrafi 5 u 6 ma għandhomx japplikaw għal ajruporti bi traffiku medju annwali tal-passiġġieri ta' mhux aktar minn 200 000 passiġġier matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel is-sena li fiha l-għajnuna tkun effettivament mogħtija jekk l-għajnuna għall-investiment mhix mistennija li żżid il-medja annwali tat-traffiku tal-ajruporti bi traffiku medju annwali tal-passiġġieri għal aktar minn 200 000 passiġġier fis-sentejn finanzjarji wara l-għoti tal-għajnuna. L-għajnuna għall-investiment mogħtija lil ajruporti bħal dawn għandha tkun konformi jew mal-paragrafu 11 jew mal-punti 13 u 14. ([102]) Kif ippreżentat fit-Tabella 1, it-traffiku tal-passiġġieri bejn l-2009 u l-2010 kien inqas minn 200 000 passiġġier. Għalkemm it-traffiku kien ogħla minn 200 000 passiġġier fl-2012 u fl-2013, kif imsemmi hawn fuq fil-premessa 203, it-tip ta' tagħmir li kien iffinanzjat mill-Miżura 2 la kien maħsub u lanqas ma kien suxxettibbli li jżid il-volum tat-traffiku fl-ajruport, iżda ppermetta biss lill-ajruport jopera f'kundizzjonijiet sikuri. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li dan ir-rekwiżit ikun issodisfat f'dan il-każ. Peress li t-TMA jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa minn din il-premessa, jenħtieġ li l-Kummissjoni issa jkollha turi biss li l-premessa 11 ta' dan l-Artikolu hija ssodisfata f'dan il-każ. Għalhekk, il-Kummissjoni ma għandhiex għalfejn turi li l-premessi 13 u 14 huma ssodisfati f'dan il-każ.

(214) L-għajnuna għall-investiment ma għandhiex tingħata lil ajruporti bi traffiku medju annwali tal-passiġġieri ta' aktar minn 3 miljun passiġġier matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel dik li fiha l-għajnuna hi effettivament mogħtija. L-għajnuna għall-investiment ma tkunx mistennija li tirriżulta f'żieda fit-traffiku tal-ajruport medju annwali għal iktar minn tliet miljun passiġġier fi żmien sentejn finanzjarji wara l-għoti tal-għajnuna. ([103]) Kif jidher fi Tabella 1, il-volum storiku tal-passiġġieri tat-TMA huwa ferm inqas minn 3 miljun passiġġier matul il-perjodu kollu li qed jiġi vvalutat. Għaldaqstant, din il-kundizzjoni hija ssodisfata f'dan il-każ.

(215) L-għajnuna ma għandhiex tingħata lil ajruporti bi traffiku tal-merkanzija annwali medju ta' aktar minn 200 000 tunnellata matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel is-sena li fiha tkun effettivament mogħtija l-għajnuna. L-għajnuna ma tkunx mistennija li tirriżulta f'ajruport li jżid it-traffiku tal-merkanzija annwali medju għal iktar minn 200 000 tunnellata fi żmien sentejn finanzjarji wara l-għoti tal-għajnuna. ([104]) Matul l-2009 – 2010 u fis-sentejn ta' wara 2012-2013, ma ġiet operata l-ebda titjira tal-merkanzija fit-TMA u kwalunkwe traffiku tal-merkanzija ma qabiżx il-200 000 tunnellata (il-premessa 37). Għalhekk, din il-kundizzjoni hija ssodisfata.

(216) L-ammont ta' għajnuna għall-investiment ma għandux ikun iktar miid-differenza bejn il-kostijiet eleġibbli u l-introjtu operatorju tal-investiment. L-introjtu operatorju għandu jitnaqqas mill-kostijiet eliġibbli *ex ante*, abbażi ta' tbassir raġonevoli, jew permezz ta' mekkaniżmu ta' rkupru. ([105]) L-Artikolu 2(39) tal-GBER jiddefinixxi l-profitt operatorju bħala "id-differenza bejn l-ispejjeż skontati u l-ispejjeż operatorji skontati tul il-ħajja ekonomika tal-investiment, meta din id-differenza hija pożittiva. L-ispejjeż operatorji jinkludu spejjeż bħal spejjeż tal-persunal, materjali, servizzi b'kuntratt, komunikazzjonijiet, enerġija, manutenzjoni, kera, amministrazzjoni, iżda jeskludu spejjeż b'rabta mad-deprezzament u spejjeż ta' finanzjament jekk dawn ikun ġew koperti mill-għajnuna għall-investiment. Meta d-dħul u l-ispejjeż operatorji jiġu skontati bl-użu ta' rata ta' skont xierqa jkun jista' jsir profitt raġonevoli.".

(217) TMA huwa ajruport li ilu jagħmel it-telf matul il-perjodu ta' valutazzjoni. Kif spjegat fit-Tabella 9, il-projezzjonijiet tal-awtoritajiet Rumeni stennew biss li TMA ssir profittabbli mhux qabel l-2023. Għalhekk, fl-2011, meta sar l-investiment, dan sar mingħajr ebda aspettattiva li l-investiment seta' jiġi rkuprat fi żmien qasir sa medju. Għalhekk, ma hemm l-ebda prospett ta' profitt operatorju fuq terminu qasir sa medju wara li jkun sar l-investiment u, għalhekk, il-Kummissjoni tqis li din il-premessa mhijiex applikabbli f'dan il-każ.

(218) Il-kostijiet eleġibbli għandhom ikunu l-kostijiet relatati mal-investimenti fl-infrastruttura tal-ajruport, inklużi l-kostijiet tal-ippjanar. ([106]) Peress li dan huwa investiment f'tagħmir skont it-tifsira tal-Artikolu 2(144) tal-GBER, il-kostijiet eliġibbli jikkorrispondu għall-ammont totali żborżat mill-awtoritajiet Rumeni u muri fit-Tabella 3. Il-Kummissjoni tqis li dan ir-rekwiżit huwa ssodisfat f'dan il-każ.

([102]) L-Artikolu 56a(7) tal-GBER.
([103]) L-Artikolu 56a(9) tal-GBER.
([104]) L-Artikolu 56a(10) tal-GBER.
([105]) L-Artikolu 56a(11) tal-GBER.
([106]) L-Artikolu 56a(12) tal-GBER.

9.3.2.3. Konklużjoni tal-kompatibbiltà mal-kundizzjonijiet tal-GBER

(219) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Miżura 2 tikkonforma mal-kundizzjonijiet tal-GBER.

9.3.3. *Konklużjoni dwar il-kompatibbiltà tal-Miżura 2*

(220) Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi minn 198 sa 218 hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għall-investiment mogħtija lit-TMA fl-2011 hija kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 107(3), il-punt (c). Tat-TFUE.

10. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA 3 -FINANZJAMENT TAT-TMA SKONT L-INKARIGU TAS-SEIĠ TAL-2011 MINN AWWISSU 2011 SA OTTUBRU 2014

10.1. Eżistenza tal-għajnuna

(221) Il-prinċipji tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE kif stabbiliti fil-premessi minn 126 sa 133, 137, 140, 143 u 148 huma applikabbli wkoll għall-valutazzjoni tal-Miżura 3.

10.1.1. *L-attività ekonomika u l-kunċett ta' impriża*

(222) Kif stabbilit fil-premessa 41, il-Maniġer tal-Ajruport kien involut f'attività ekonomika fil-perjodu taħt valutazzjoni u, għalhekk, jikkostitwixxi impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(223) L-awtoritajiet Rumeni argumentaw li l-attivitajiet relatati mas-sikurezza u s-sigurtà tal-inġenji tal-ajru kif ukoll is-servizzjar ta' inġenji tal-ajru eżentati mill-imposti tal-ajruport elenkati fil-punti d) sa h) tal-Artikolu 1(2) tal-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2011 (il-premessa 58) ma kinux ta' natura ekonomika u kienu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-setgħat ta' awtorità pubblika.

(224) Fir-rigward tal-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 1(2) tal-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2011 (il-premessa 58) taħt il-punti (d), (e) u (h), il-Kummissjoni tfakkar li l-kontroll tat-traffiku tal-ajru, il-pulizija, id-dwana, it-tifi tan-nar, l-attivitajiet meħtieġa għas-salvagwardja tal-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali u l-investimenti fl-infrastruttura u t-tagħmir meħtieġa biex jitwettqu dawk l-attivitajiet jitqiesu b'mod ġenerali li huma ta' natura mhux ekonomika (il-premessa 132). Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-forniment ta' servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru, ta' servizz tat-tifi tan-nar, ta' servizzi ta' emerġenza, li jiżguraw is-sikurezza kif ukoll l-ispazju u l-utilitajiet meħtieġa għall-awtoritajiet pubbliċi li jwettqu attivitajiet speċifiċi ta' kontroll fl-ajruport u l-protezzjoni tal-infrastruttura tal-ajruport kif elenkati fl-Artikolu 1(2) tal-punti (d), (e) u (h) tal-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2011 huma ta' natura mhux ekonomika. Kif iddikjarat qabel fil-premessa 39), il-qafas regolatorju li jirregola l-operazzjonijiet tal-maniġers tal-ajruporti fir-Rumanija kien konsistenti fl-ajruporti kollha.

(225) Il-Kummissjoni tqis li l-finanzjament tal-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 1(2) tal-punti (d), (e) u (h) tal-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2011 jaqa' taħt il-mandat tal-politika pubblika u għalhekk ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat.

(226) Fir-rigward tal-finanzjament tal-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 1(2), il-punti (f) u (g), tal-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2011 (ara l-premessa 58), ir-Rumanija sostniet li l-infrastruttura u t-tagħmir inkisbu sabiex jiġu pproċessati t-titjiriet ta' inġenji tal-ajru legalment eżentati mill-ħlas tal-imposti tal-ajruport skont l-Artikolu 31(2) tal-Ordni tal-Gvern Nru 29/1997 dwar il-Kodiċi tal-Avjazzjoni. Bħala eżempju, ir-Rumanija sostniet li, fiż-żmien tal-finanzjament, it-TMA uża l-metodu "walk-on/ walk-off" biex jimbarka u jiżbarka l-passiġġieri. Ix-xiri ta' karozza tal-linja kien meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tat-trasport tal-passiġġieri f'każ ta' emerġenza jew inġenji tal-ajru f'diffikultà (pereżempju minħabba t-terroriżmu).

(227) Madankollu, la l-ipproċessar ta' titjiriet eżentati mill-imposti tal-ajruport elenkati fl-Artikolu 1(2), il-punt (f), tal-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2011, u lanqas ix-xiri u l-manutenzjoni tat-tagħmir meħtieġ għall-ipproċessar ta' tali titjiriet elenkati fil-punt (g) ma huma funzjonijiet ġeneralment riżervati għall-Istat.

(228) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li jekk l-infrastruttura tintuża kemm għal attivitajiet ekonomiċi kif ukoll għal dawk mhux ekonomiċi, il-finanzjament pubbliku se jaqa' taħt ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat sa fejn ikopri l-kostijiet marbuta mal-attivitajiet ekonomiċi. ([107])

([107]) Il-punti 34 u 35 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 u l-ġurisprudenza msemmija fihom.

(229) Matul l-investigazzjoni formali f'dan il-każ, ir-Rumanija kkonfermat li l-infrastruttura sottostanti ntużat għall-attivitajiet ekonomiċi tal-ajruport ukoll.

10.1.2. *Ir-riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà lill-Istat*

(230) Il-kumpens mogħti lit-TMA skont is-SIEĠ tal-2011 ġie awtorizzat mid-Deċiżjoni Reġjonali ta' Awwissu 2011 (il-premessa 58) u tħallas mill-baġit tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș. Din id-deċiżjoni ttieħdet direttament mill-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș, kontea lokali fir-Rumanija, li hija parti mill-Istat Rumen.

(231) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li tali finanzjament jammonta għal riżorsi tal-Istat u huwa wkoll imputabbli lill-Istat.

10.1.3. *Selettività*

(232) F'dan il-każ, l-appoġġ finanzjarju ġie propost u mogħti mill-Istat lil impriża waħda, il-Maniġer tal-Ajruport. Din hija miżura individwali. Il-Miżura 3 hija għalhekk selettiva mid-definizzjoni tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

10.1.4. *Vantaġġ ekonomiku*

(233) Il-finanzjament pubbliku mogħti lill-Maniġer tal-Ajruport kellu l-għan li jikkumpensa t-telf imġarrab meta jwettaq l-attività ordinarja tiegħu jew ikopri l-kostijiet tal-investiment. Xejn fl-evidenza fattwali disponibbli għall-Kummissjoni jew fil-kummenti riċevuti mir-Rumanija jew minn partijiet terzi ma jissuġġerixxi li l-awtorità awtorizzanti setgħet tistenna kwalunkwe redditu finanzjarju bħala riżultat ta' dawk il-miżuri ta' finanzjament meta ddeċidiet li tagħtihom.

(234) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li r-Rumanija ma sostnietx li l-finanzjament kien konformi mal-operatur f'ekonomija tas-suq (MEOP). Kif muri fit-Tabella 4, it-TMA kien qed jagħmel telf matul il-perjodu kollu taħt investigazzjoni, mingħajr ebda prospett li jsir profittabbli fit-terminu medju (Tabella 5). Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-finanzjament taħt valutazzjoni ma kienx konformi mal-operatur f'ekonomija tas-suq (MEOP).

(235) Matul l-investigazzjoni, ir-Rumanija argumentat ukoll li l-finanzjament pubbliku kkontestat kien jirrappreżenta kumpens għall-forniment ta' SIEĠ li kien konformi mal-kundizzjonijiet ta' Altmark.

(236) F'dan il-każ, ir-raba' kundizzjoni ta' Altmark ma ġietx osservata peress li l-benefiċjarju ma ntgħażilx wara proċedura ta' sejħa għall-offerti. Lanqas ma hemm evidenza li turi li l-livell ta' kumpens ġie ddeterminat abbażi ta' analiżi tal-kostijiet li impriża tipika, immexxija tajjeb u adegwatament ipprovduta bil-mezzi meħtieġa biex tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa tas-servizz pubbliku, kienet iġġarrab fit-twettiq ta' dawk l-obbligi, filwaqt li jitqies id-dħul rilevanti u profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawn l-obbligi. Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li ma jistax jiġi konkluż li l-finanzjament pubbliku inkwistjoni ġie determinat abbażi tal-kostijiet ta' impriża effiċjenti. Peress li r-raba' kundizzjoni ta' Altmark ma ġietx irrispettata, il-Kummissjoni ssib li l-erba' kundizzjonijiet ta' Altmark ma ġewx issodisfati b'mod kumulattiv f'dan il-każ.

(237) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 3 taħt valutazzjoni tat vantaġġ ekonomiku lill-Maniġer tal-Ajruport.

10.1.5. *Distorsjoni tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri*

(238) Il-valutazzjoni ddikjarata fil-premessa 152 hija applikabbli wkoll għall-finanzjament pubbliku pprovdut lill-Maniġer tal-Ajruport skont l-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2011 u għalhekk il-finanzjament irid jitqies li jista' jfixkel il-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

10.1.6. *Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat*

(239) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-finanzjament pubbliku pprovdut lill-Maniġer tal-Ajruport abbażi tal-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2011 jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lill-Maniġer tal-Ajruport skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-finanzjament ta' attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat pubbliku kif elenkat fil-premessa 225.

10.2. **Legalità tal-għajnuna**

(240) Il-Miżura 3 iddaħħlet fis-seħħ qabel approvazzjoni formali mill-Kummissjoni. Għalhekk, din tikkostitwixxi għajnuna illegali, sakemm ma tkunx issodisfat dak iż-żmien il-kundizzjonijiet rilevanti ta' att tal-Unjoni li jipprevedi eżenzjoni mill-obbligu ta' notifika stabbilit fl-Artikolu 108 tat-TFUE għal ċerti kategoriji ta' għajnuna.

(241) F'dan il-każ, ir-Rumanija sostniet li l-Miżura 2 kienet konformi mal-kundizzjonijiet tad-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2005.

10.2.1. *Konformità tal-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2011 mad-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2005*

(242) Id-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2005 teħtieġ l-ewwel nett l-eżistenza ta' SIEĠ ġenwin. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tfakkar li l-Istati Membri jgawdu minn marġni wiesa' ta' diskrezzjoni fid-definizzjoni tas-SIEĠ. L-iskrutinju tal-Kummissjoni huwa limitat għall-valutazzjoni ta' jekk twettaqx żball manifest fid-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-OSP. ([108])

(243) Fir-rigward ta' jekk il-ġestjoni ġenerali ta' ajruport tikkostitwixxix SIEĠ, kif ġie argumentat f'dan il-każ mill-awtoritajiet Rumeni, il-Kummissjoni tipikament tivvaluta jekk, mingħajr l-ajruport, iż-żona potenzjalment moqdija mill-ajruport tkunx iżolata mill-bqija tal-Unjoni sal-punt li jippreġudika l-iżvilupp soċjali u ekonomiku tiegħu. Jenħtieġ li din l-analiżi ssir fuq bażi ta' każ b'każ. ([109])

(244) F'dan il-każ, il-Kummissjoni tqis il-punti li ġejjin:

(a) It-TMA jinsab f'distanza ta' 103 km mis-CNIA. L-awtoritajiet Rumeni spjegaw li, fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Awwissu 2011, minħabba ċ-ċirkostanzi spjegati fil-premessi minn 23 sa 26, il-ħin tal-ivvjaġġar bejn iż-żewġ ajruporti kien ta' aktar minn sagħtejn minħabba l-kundizzjoni ħażina tat-triq, li ppermettiet veloċità medja massima ta' 65 km/h, u ħafna traffiku. Dan il-ħin tal-ivvjaġġar jiżdied fil-każ tat-trasport bil-karozza tal-linja, bil-vjaġġ minimu jkun ta' 3 sigħat u 10 minuti (inkluż il-vjaġġ mill-istazzjon tal-karozzi tal-linja fi Cluj Napoca sas-CNIA).

(b) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Rumeni ċċaraw li, fiż-żmien tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Awwissu 2011, mingħajr TMA, il-kontej lejn it-Tramuntana, il-Lvant u n-Nofsinhar tal-kontea ta' Târgu Mureto (jiġifieri l-kontej ta' Harghita, Covasna, parti minn Bistrita, Sibiu, Neamt u Brasov) kienu jiġu iżolati mill-bqija tal-Unjoni, peress li ma kien hemm l-ebda awtostrada li tgħaqqad il-kontej ta' Mureto, Harghita, Covasna, Bistrita, Neamt, Brasov, Sibiu u CNIA (ara l-premessi 23 sa 26).

(c) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Rumeni spjegaw li, minħabba l-Muntanji Karpazji madwar il-kontea ta' Harghita (madwar 300 000 abitant), l-uniku aċċess faċli għat-triq huwa lejn il-Punent (lejn il-kontea ta' Mureș) u li t-TMA hija l-uniku portal tal-ajru li permezz tiegħu l-abitanti ta' din il-kontea għandhom aċċess għal reġjuni oħra tal-Ewropa. Matul l-investigazzjoni, l-awtoritajiet Rumeni qajmu wkoll l-influwenza tal-kundizzjonijiet tat-temp fuq id-durata tat-traffiku fit-toroq bejn il-Kontea ta' Mureș u l-kontej ġirien. L-intervall annwali tal-borra f'Târgu Mureș jista' jilħaq 190 jum fis-sena. L-aktar jiem frekwenti b'kopertura tal-borra (jiem li fihom it-traffiku fit-toroq jiġi mxekkel) iseħħu f'Diċembru (14,4 jum), f'Jannar (23,2 jum) u fi Frar (17,5 jum), b'total ta' 55,1 jum/sena. F'xi każijiet, il-kopertura tal-borra tista' ddum għax-xahar kollu matul ix-xhur tax-xitwa, jiġifieri 31 jum f'Diċembru u Jannar u 28-29 jum fi Frar. Il-ġlata hija kawża oħra tal-konġestjoni fit-toroq. L-ewwel ġlata tal-ħarifa f'Târgu Mureș isseħħ bħala medja fit-13 ta' Ottubru, filwaqt li l-aħħar ġlata tar-rebbiegħa tiġi rreġistrata fil-21 ta' April. Dan ifisser li l-perjodu medju annwali mingħajr ġlata huwa ta' 174 jum.

(d) Barra minn hekk, dak iż-żmien it-trasport bil-ferrovija kien sottożviluppat, mingħajr konnessjonijiet b'veloċità għolja.

([108]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Marzu 2017, SNCM vs Il-Kummissjoni, il-Kawża T-454/13, ECLI:EU:T:2017:134, il-punt 111, is-Sentenzi tal-15 ta' Ġunju 2005, Olsen vs Il-Kummissjoni, T-17/02, ECLI:EU:T:2005:218, il-punti 216 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-22 ta' Ottubru 2008, TV2/Danmark et vs Il-Kummissjoni, T-309/04, T-317/04, T-329/04 u T-336/04, ECLI:EU:T:2008:457, il-punt 101 u l-ġurisprudenza ċċitata.

([109]) Il-punt 72 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

(e) Matul l-investigazzjoni, l-awtoritajiet Rumeni rreferew għall-Pjan Regolatorju Ġenerali tat-Trasport tar-Rumanija tal-2015 ([110]) biex jagħtu prova li fit-terminu medju la s-CNIA u lanqas Sibiu ma jkunu jistgħu jlaħħqu mat-traffiku tagħhom stess mingħajr investimenti sinifikanti addizzjonali (is-CNIA jkollu bżonn jibni 23 265 metru kwadru addizzjonali fuq ir-rampi tal-inġenji tal-ajru u 29 066 metru kwadru ta' terminals tal-passiġġieri u Sibiu 460 metru kwadru ta' terminals tal-passiġġieri sempliċiment biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom stess). Għalhekk, dawn iż-żewġ ajruporti ma jkunux f'pożizzjoni li jieħdu t-traffiku tat-TMA jekk dan tal-aħħar ma jibqax jeżisti.

(f) Kif deskritt fil-premessa 21, il-Kontea ta' Mureș esperjenzat tnaqqis sinifikanti fil-popolazzjoni f'dawn l-aħħar deċennji, xejra li mistennija tkompli fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, kif imsemmi fil-premessa 22 il-Kontea ta' Mureș ibbenefikat inqas mit-tkabbir tal-UE mill-kontej ġirien tagħha, aħseb u ara ż-żona metropolitana ta' Bucharest. Filwaqt li rrikonoxxew l-importanza tal-infrastruttura għall-iżvilupp reġjonali, l-awtoritajiet Rumeni identifikaw l-ajruport bħala assi ewlieni. B'riżultat ta' dan, ir-rinnovazzjoni tiegħu ġiet inkluża fil-Programm Operazzjonali għal Infrastruttura Kbira 2014–2020. Bħala parti mill-istrateġija ta' żvilupp tal-Kontea ta' Mureș, il-Kunsill tal-Kontea ppjana l-istabbiliment ta' park industrijali qrib l-ajruport, magħruf bħala l-Park Industrijali ta' Mureș. ([111]) L-awtoritajiet Rumeni kkonfermaw li l-park attira b'suċċess kumpaniji tal-manifattura u investiment barrani, u kkontribwixxa għat-tkabbir ekonomiku reġjonali. Fl-aħħar mill-aħħar, l-objettiv huwa li jiġi żviluppat ċentru tat-trasport intermodali biex jiġu appoġġjati aktar il-konnettività u l-iżvilupp taż-żona.

(g) L-awtoritajiet Rumeni enfasizzaw l-importanza tat-turiżmu bħala attività ekonomika għad-dinamizzazzjoni tal-kontea. It-turiżmu fil-kontea żdied b'mod sinifikanti fil-perjodu bejn l-2010 u l-2015, u poġġa lill-Kontea ta' Mureș fir-raba' post fir-Rumanija f'termini tal-għadd ta' turisti, b'għadd totali ta' viżitaturi ta' 492 181. ([112]) L-aktar attrazzjonijiet turistiċi miżjura minn turisti barranin fl-2015 kienu Sighișoara, Târgu Mureș u ċ-ċentru termali ta' Sovata. It-turisti barranin jiġu prinċipalment minn pajjiżi tal-UE iżda wkoll minn barra l-Unjoni Ewropea (eż. l-Iżrael). L-awtoritajiet Rumeni indikaw li l-ajruport ta' Târgu Mureș, bil-konnessjonijiet diretti tiegħu ma' diversi bliet ewlenin tal-UE, kellu rwol deċiżiv fiż-żieda fl-għadd ta' turisti.

(h) Fl-aħħar, l-awtoritajiet Rumeni indikaw li Târgu Mureș huwa ċentru ewlieni għat-trapjant kardijaku u l-mediċina ta' emerġenza. It-trasport rapidu tal-organi bejn iċ-ċentri nazzjonali huwa aspett kruċjali tat-trapjant tal-organi. L-objettiv tal-Isptar Kliniku ta' Emerġenza tal-Kontea ta' Mureș huwa li jkabbar it-tmexxija tiegħu mit-trapjanti tal-qalb għal trapjanti tal-qalb-tal-pulmun, trapjanti tal-kliewi, jew kwalunkwe trapjanti oħra ta' organi u tessuti. Dan huwa konformi mal-istrateġija tal-Ministeru tas-Saħħa tar-Rumanija, li tinkludi l-istabbiliment ta' Bank tat-Tessuti f'Târgu Mureș. L-isptar enfasizza li t-trasferiment bil-ħelikopter ta' pazjenti minn ajruport ieħor, li jinsab f'distanza akbar, lejn l-isptar ma jistax isir fuq bażi permanenti minħabba restrizzjonijiet meteoroloġiċi jew tekniċi, li spiss jipprekludu t-trasferiment, b'implikazzjonijiet relatati għall-pazjent.

(245) Minħabba l-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li r-Rumanija ma wettqitx żball manifest ta' apprezzament meta sabet li, mingħajr it-TMA, xi żoni tar-Reġjun Ċentrali tar-Rumanija jkunu iżolati mill-bqija tal-Unjoni sal-punt li jippreġudika l-iżvilupp soċjali u ekonomiku tagħha.

(246) F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni tqis li l-elementi kkomunikati mill-awtoritajiet Rumeni huma biżżejjed biex jappoġġaw id-deċiżjoni tagħhom li jafdaw lit-TMA b'SIEĠ, u li r-Rumanija ma wettqitx żball manifest.

(247) Id-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2005 (l-Artikolu 2(1), il-punt (d)) tapplika biss ukoll għal ajruporti b'inqas minn 1 000 000 passiġġier matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel dik li fiha ġie assenjat is-SIEĠ.

(248) It-TMA kellu inqas minn 1 000 000 passiġġier fis-sena fl-2009 u fl-2010, jiġifieri s-snin ta' qabel l-inkarigu tas-SIEĠ tal-2011 (ara t-Tabella 1). Għalhekk, id-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2005 applikat għall-Miżura 2.

([110]) master-planul-general-de-transport_iulie_2015_vol-i.pdf.
([111]) Pjan ta' Żvilupp tal-Kontea ta' Mureș 2014-2020
Disponibbli fuq: anexa_hot107_2014.pdf.
([112]) https://mures.insse.ro/wp-content/uploads/2023/03/Mures_Anuar_statistic_2015.pdf.

(249) Fl-aħħar nett, id-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2005 tistabbilixxi għadd ta' kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà għall-kumpens tas-SIEĠ lill-ajruporti reġjonali kif stabbilit f'dan li ġej.

(250) *Inkarigu*. Sabiex tapplika d-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2005, ir-responsabbiltà għall-operat tas-SIEĠ għandha tiġi inkarigata lil impriża permezz ta' att uffiċjali wieħed jew aktar. ([113]) F'dan il-każ, is-SIEĠ ġie inkarigat permezz tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Awwissu 2011.

(251) L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2005 juri wkoll għadd ta' karatteristiċi li l-att ta' inkarigu jenħtieġ li jikkonforma magħhom, b'mod partikolari:

(1) *In-natura u d-durata tal-OSP*. In-natura tal-OSP hija speċifikata fl-Artikolu 1(2) tal-Att Reġjonali ta' Awwissu 2011. Il-forniment tal-attivitajiet tal-OSP huwa limitat sal-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara s-sena li fiha t-TMA jaqbeż il-limitu ta' 1 000 000 passiġġier u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2016. ([114]) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni Reġjonali ta' Awwissu 2011 tistipula li, wara dik id-data, l-inkarigu tas-SIEĠ għandu jiġi rivedut. ([115])

(2) *L-impriża u t-territorju kkonċernat*. Is-SIEĠ ġie inkarigat f'idejn il-Maniġer tal-Ajruport u t-territorju tal-inkarigu huwa definit bħala żona ġeografika ta' 24 000 km^2, b'popolazzjoni ta' madwar 1,5 miljun abitant, li tinkludi erba' kontej: Mureș, Bistrita, Harghita, Covasna. ([116])

(3) *In-natura ta' kwalunkwe drittijiet esklussivi jew speċjali assenjati lill-impriża*. Il-Maniġer tal-Ajruport jingħata d-dritt esklużiv li jipprovdi s-SIEĠ. ([117])

(4) Il-parametri għall-kalkolu, il-kontroll u r-reviżjoni tal-kumpens.

(i) Il-kalkolu tal-kumpens. Il-kostijiet li għandhom jitqiesu meta jiġi ddeterminat il-livell ta' kumpens għandhom jinkludu l-kostijiet fissi u varjabbli, kurrenti u kapitali kollha mġarrba fil-forniment tal-attivitajiet relatati mas-SIEĠ u s-sehem ta' dawn l-attivitajiet fil-kostijiet komuni tal-Maniġer tal-Ajruport. Il-kostijiet tal-investiment se jitqiesu jekk ikunu strettament marbuta mal-forniment ta' attivitajiet relatati mas-SIEĠ. ([118]) Id-dħul li għandu jitqies għall-fini tad-determinazzjoni tal-kumpens għandu jinkludi d-dħul kollu miksub mill-attivitajiet koperti mis-SIEĠ u kwalunkwe profitt mill-attivitajiet l-oħra mwettqa mill-operatur għajr dawk relatati mas-SIEĠ. ([119])

(ii) *Il-kontroll tal-kumpens*. Il-Maniġer tal-Ajruport għandu jissostanzja l-ammont ta' kumpens mitlub u jħejji rapport dwar is-sostanzjar u l-ġustifikazzjoni li jirċievi mill-baġit lokali. Id-Dipartiment Ekonomiku tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș huwa mbagħad responsabbli għall-verifika tal-informazzjoni li tinsab f'tali rapport kif ukoll id-dikjarazzjonijiet finanzjarji sottomessi mill-Maniġer tal-Ajruport. Dawn il-kontrolli jitwettqu mill-inqas darba fis-sena, u aktar ta' spiss jekk jitqies meħtieġ. ([120])

(iii) Rieżami tal-kumpens u l-arranġamenti biex jiġi evitat u jitħallas lura l-kumpens żejjed. Abbażi tal-kontrolli regolari tiegħu, id-Dipartiment Ekonomiku tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș għandu jitlob ir-rimborż ta' kwalunkwe kumpens żejjed mill-Maniġer tal-Ajruport u, jekk ikun xieraq, jagħmel proposta ġustifikata għar-reviżjoni tal-attivitajiet relatati mal-SGEI. ([121])

(252) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2005 huma ssodisfati bid-Deċiżjoni Reġjonali ta' Awwissu 2011.

([113]) L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2005.
([114]) L-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Awwissu 2011.
([115]) L-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Awwissu 2011.
([116]) L-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Awwissu 2011.
([117]) L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Awwissu 2011.
([118]) L-Artikolu 4(4) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Awwissu 2011.
([119]) L-Artikolu 4(5) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Awwissu 2011.
([120]) L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Awwissu 2011.
([121]) L-Artikolu 5(4) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Awwissu 2011.

(253) *Kumpens.* ([122]) L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni SGEI tal-2005 jistabbilixxi l-parametri li l-kumpens irid jissodisfa biex jitqies kompatibbli mad-Deċiżjoni.

(254) L-ammont ta' kumpens ma għandux jaqbeż dak li huwa meħtieġ biex ikopri l-kost imġarrab fit-twettiq tal-OSP u profitt raġonevoli ta' kwalunkwe kapital proprju meħtieġ għat-twettiq ta' dawk l-obbligi. Kif muri fit-Tabella 3, l-ajruport ġarrab telf matul il-perjodu tal-inkarigu (2011-2014). Il-kumpens riċevut mill-Maniġer tal-Ajruport ma kienx biżżejjed biex ikopri l-kostijiet tal-operat tal-obbligi tiegħu tas-SIEĠ. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, irid jinftiehem li din il-kundizzjoni hija ssodisfata f'dan il-każ.

(255) Il-kostijiet u d-dħul li għandhom jiġu kkunsidrati għandhom jinkludu l-kostijiet kollha mġarrba fl-operat tas-SIEĠ u kkalkulati abbażi ta' prinċipji tal-kontabbiltà tal-kostijiet ġeneralment aċċettati. Il-Kummissjoni tifhem li, għar-raġunijiet spjegati fil-premessa 251, il-kalkoli tal-kostijiet u tad-dħul ġew stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 4(4) u (5) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Awwissu 2011 u għalhekk dan il-kriterju huwa ssodisfat.

(256) *Separazzjoni tal-kontijiet tal-kostijiet u l-irċevuti assoċjati mas-SIEĠ mis-servizzi l-oħra.* Kif spjegat fil-premessa 62, l-inkarigu tal-2011 jimponi separazzjoni ċara tal-kontijiet. Tali separazzjoni ġiet implimentata matul id-durata tal-inkarigu.

(257) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2005 huma ssodisfati f'dan il-każ.

(258) *Kontroll tal-kumpens żejjed.* L-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2005 jistabbilixxi diversi mekkaniżmi biex jiġi żgurat li l-Maniġer tal-Ajruport ma jiġix ikkumpensat iżżejjed, jiġifieri, l-eżistenza ta' kontrolli regolari, u l-eżistenza ta' mekkaniżmi fis-seħħ biex jiġi żgurat il-ħlas lura ta' kwalunkwe kumpens żejjed u dispożizzjonijiet biex jiġi evitat kumpens żejjed fil-futur.

(259) Kif spjegat fil-premessa 251(4)(ii) u (iii), il-Kunsill tal-Kontea ta' Mureş stabbilixxa mekkaniżmi biex jiġi evitat kumpens żejjed. Barra minn hekk, il-Kunsill tal-Pajjiż ta' Mureş stipula f'sett ta' regoli li l-kumpens futur jiġi kkalkolat f'konformità mar-riżultati tas-snin preċedenti. Fi kliem ieħor, jekk il-Maniġer tal-Ajruport jiġi kkumpensat iżżejjed fl-2012, l-eċċess jiġi riportat biex ikopri l-kumpens fl-2013. ([123])

(260) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2005 huma ssodisfati f'dan il-każ.

10.2.2. *Konklużjoni*

(261) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna mogħtija abbażi tal-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2011 hija kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE u kienet eżentata mill-obbligu ta' notifika minn qabel previst fl-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

11. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA 4 – FINANZJAMENT TAT-TMA TAĦT L-INKARIGU TAS-SIEĠ TAL-2014 MIT-30 TA' OTTUBRU 2014 SAD-9 TA' MEJJU 2019

11.1. Eżistenza tal-għajnuna

(262) Il-prinċipji tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE kif stabbiliti fil-premessi minn 126 sa 133, 137, 140, 143, 148 u 149 huma applikabbli wkoll għall-valutazzjoni tal-Miżura 4.

([122]) Il-maniġer tal-Ajruport ġie kkumpensat matul il-perjodu vvalutat b'ammont aktar baxx mill-kostijiet reali tiegħu (Tabella 4). Għalhekk, il-Kummissjoni mhux se tanalizza d-dispożizzjonijiet dwar l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ fir-rigward tal-profitt raġonevoli.

([123]) Ara pereżempju d-Deċiżjoni Reġjonali tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureş Nru 158 tal-20 ta' Diċembru 2012 tiddikjara li l-istima tal-kumpens għall-2013 u l-2014 fl-abbozz tal-baġit hija bbażata fuq ir-riżultati tal-2012.

11.1.1. *L-attività ekonomika u l-kunċett ta' impriża*

(263) Kif stabbilit fil-premessa 41, il-Maniġer tal-Ajruport kien involut f'attività ekonomika fil-perjodu taħt valutazzjoni u, għalhekk, jikkostitwixxi impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(264) L-awtoritajiet Rumeni argumentaw li l-Maniġer tal-Ajruport wettaq ċerti attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tas-SIEĠ tal-2014 li jaqgħu taħt il-mandat tal-politika pubblika. B'mod partikolari, ir-Rumanija sostniet li l-kostijiet imġarrba mill-maniġer tal-ajruport f'isem l-entitajiet tal-Istat li joperaw fil-bini tal-ajruport, kif ukoll il-kostijiet imġarrba fis-servizzjar ta' titjiriet eżentati mill-ħlas tal-imposti tal-ajruport għandhom jitqiesu li jaqgħu taħt il-mandat tal-politika pubblika.

(265) Il-Kummissjoni tfakkar li jekk l-infrastruttura tintuża kemm għal attivitajiet ekonomiċi kif ukoll għal dawk mhux ekonomiċi, il-finanzjament pubbliku jaqa' biss taħt ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat sa fejn ikopri l-kostijiet marbuta mal-attivitajiet ekonomiċi.

(266) Fir-rigward tal-appoġġ pubbliku użat għall-attivitajiet skont l-Artikolu 1(2), il-punti (d) sa (g), tal-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2014 (il-premessa 66), il-Kummissjoni tfakkar li l-attivitajiet li jikkonċernaw il-pulizija, id-dwana, it-tifi tan-nar, l-attivitajiet meħtieġa għas-salvagwardja tal-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali u l-investimenti u l-manutenzjoni relatati mal-infrastruttura u t-tagħmir meħtieġa biex jitwettqu dawk l-attivitajiet jitqiesu b'mod ġenerali li huma ta' natura mhux ekonomika.

(267) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis il-protezzjoni tal-infrastruttura tal-ajruport elenkata fl-Artikolu 1(2), il-punt (d), tal-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2014; l-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ fil-bini tal-ajruport taħt il-punt e) tiegħu; il-faċilitajiet ta' għassa u s-sigurtà għall-emerġenzi u l-prevenzjoni u l-kontroll tan-nirien skont il-punt f) tagħhom; u l-forniment taż-żoni, il-faċilitajiet u l-infrastruttura meħtieġa mill-amministrazzjoni doganali, il-pulizija tal-fruntieri, il-pulizija tat-trasport bl-ajru, il-Ministeru għall-Affarijiet Interni u s-Servizz tal-Intelligence Rumen għat-twettiq tal-attivitajiet speċifiċi tagħhom skont il-punt g) tagħhom biex ikunu miżuri li jaqgħu fi ħdan l-eżerċizzju normali tal-funzjonijiet tal-Istat, sa fejn dawn jaqgħu fil-kategoriji elenkati fil-premessa 132. ([124]) Kif iddikjarat qabel fil-premessa 39, il-qafas regolatorju li jirregola l-operazzjonijiet tal-maniġers tal-ajruporti fir-Rumanija kien konsistenti fl-ajruporti kollha.

(268) Għalhekk, l-appoġġ pubbliku għal dawk l-attivitajiet fi ħdan l-Artikolu 1(2), il-punti (d) sa (g), l-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2014 jaqa' taħt il-mandat tal-politika pubblika u ma jikkostitwixxix għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(269) Madankollu, la l-forniment ta' operazzjoni mingħajr ħlas għal titjiriet statali, titjiriet ta' servizz militari fi ħdan ċerti ministeri u servizzi tal-gvern, titjiriet ta' emerġenza u f'sitwazzjonijiet oħra rregolati legalment elenkati fl-Artikolu 1(2), il-punt (h), tal-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2014, u lanqas is-servizzi fuq l-art ipprovduti lil inġenji tal-ajru tal-Istat, inkluż l-akkwist ta' tagħmir relatat elenkat fil-punt (c), ma huma funzjonijiet ġeneralment riżervati għall-Istat.

11.1.2. *Ir-riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà lill-Istat*

(270) Il-kumpens mogħti lit-TMA taħt is-SIEĠ tal-2014 ġie awtorizzat bid-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014 (il-premessa 43) u tħallas mill-baġit tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș. Din hija deċiżjoni meħuda direttament mill-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș, kontea lokali fir-Rumanija, li hija parti mill-Istat Rumen.

(271) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-finanzjament ipprovdut abbażi tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014 jammonta għal riżorsi tal-Istat u huwa wkoll imputabbli lill-Istat.

([124]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1226 tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.33963 (2012/C) (ex 2012/NN) implimentata minn Franza favur il-Kamra tal-Kummerċ u tal-Industrija ta' Angoulême, SNC-Lavalin, Ryanair u Airport Marketing Services (ĠU L 201, 30.7.2015, p. 48, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/1226/oj).

11.1.3. *Selettività*

(272) F'dan il-każ, l-appoġġ finanzjarju ġie propost u mogħti mill-Istat lil impriża waħda, il-Maniġer tal-Ajruport. Din hija miżura individwali. Il-Miżura 4 hija għalhekk selettiva mid-definizzjoni tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

11.1.4. *Vantaġġ ekonomiku*

(273) Il-finanzjament pubbliku mogħti lill-Maniġer tal-Ajruport kellu l-għan li jikkumpensa t-telf imġarrab meta jwettaq l-attività ordinarja tiegħu jew ikopri l-kostijiet tal-investiment. Xejn fl-evidenza fattwali disponibbli għall-Kummissjoni jew fil-kummenti riċevuti mir-Rumanija jew minn partijiet terzi ma jissuġġerixxi li l-awtorità awtorizzanti setgħet tistenna kwalunkwe redditu finanzjarju bħala riżultat ta' dawk il-miżuri ta' finanzjament meta ddeċidiet li tagħtihom.

(274) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li r-Rumanija ma sostnietx li l-finanzjament kien konformi mal-operatur f'ekonomija tas-suq (MEOP). Kif muri fit-Tabella 6, it-TMA kien qed jagħmel telf matul il-perjodu kollu taħt investigazzjoni, mingħajr ebda prospett li jsir profittabbli fit-terminu medju (Tabella 5). Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-finanzjament taħt valutazzjoni ma kienx konformi mal-operatur f'ekonomija tas-suq (MEOP).

(275) Matul l-investigazzjoni, ir-Rumanija argumentat ukoll li l-Miżura 4 kienet tirrappreżenta kumpens għall-forniment tas-SIEĠ li kien konformi mal-kundizzjonijiet ta' Altmark.

(276) F'dan il-każ, ir-raba' kundizzjoni ta'Altmark ma ġietx osservata, peress li l-benefiċjarju ma ntgħażilx wara proċedura ta' sejħa għall-offerti. Lanqas ma hemm evidenza li turi li l-livell ta' kumpens ġie ddeterminat abbażi ta' analiżi tal-kostijiet li impriża tipika, immexxija tajjeb u adegwatament ipprovduta bil-mezzi meħtieġa biex tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa tas-servizz pubbliku, kienet iġġarrab fit-twettiq ta' dawk l-obbligi, filwaqt li jitqies id-dħul rilevanti u profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawn l-obbligi. Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li ma jistax jiġi konkluż li l-finanzjament pubbliku inkwistjoni ġie determinat abbażi tal-kostijiet ta' impriża effiċjenti. Peress li l-kundizzjoni 4 ta' Altmark ma ġietx issodisfata, il-Kummissjoni ssib li l-erba' kundizzjonijiet ta' Altmark ma ġewx issodisfati b'mod kumulattiv f'dan il-każ.

(277) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 4 tat vantaġġ ekonomiku lill-Maniġer tal-Ajruport.

11.1.5. *Distorsjoni tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri*

(278) Il-valutazzjoni ddikjarata fil-premessa 152 hija applikabbli wkoll għall-finanzjament pubbliku pprovdut lill-Maniġer tal-Ajruport taħt l-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2014 u għalhekk il-finanzjament irid jitqies li jista' jfixkel il-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

11.1.6. *Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat*

(279) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-finanzjament pubbliku pprovdut lill-Maniġer tal-Ajruport abbażi tal-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2014 jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lill-Maniġer tal-Ajruport skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-finanzjament ta' attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat pubbliku kif elenkat fil-premessa 268.

11.2. **Legalità tal-għajnuna**

(280) Il-Miżura 4 iddaħħlet fis-seħħ qabel l-approvazzjoni formali mill-Kummissjoni. Għalhekk, din tikkostitwixxi għajnuna illegali, sakemm ma tkunx issodisfat dak iż-żmien il-kundizzjonijiet rilevanti ta' att tal-Unjoni li jipprevedi eżenzjoni mill-obbligu ta' notifika stabbilit fl-Artikolu 108 tat-TFUE għal ċerti kategoriji ta' għajnuna.

(281) F'dan il-każ, ir-Rumanija sostniet li l-Miżura 4 kienet konformi mal-kundizzjonijiet tad-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2012.

(282) Id-Deċiżjoni SGEI tal-2012 tapplika għal kumpens għall-forniment ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali fir-rigward ta' ajruporti li għalihom it-traffiku annwali medju matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel dik li fiha ġie assenjat l-SGEI ma jaqbiżx il-200 000 passiġġier. Kif imsemmi fl-2015, it-TMA kellu aktar minn 200 000 passiġġier fis-sena fl-2012 u fl-2013, jiġifieri s-snin ta' qabel l-inkarigu tas-SIEĠ tal-2014 (ara t-Tabella 1). Għalhekk, id-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tal-2012 m'applikatx għall-Miżura 4.

(283) Għaldaqstant, il-Miżura 4 ġiet implimentata bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

11.3. **Kompatibbiltà mas-suq intern**

(284) F'konformità mal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, il-kumpens tal-operat ta' ajruport bħala SIEĠ jista' jitqies kompatibbli skont l-Artikolu 106(2) tat-TFUE jekk il-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 4 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 jiġu ssodisfati, b'mod partikolari jekk l-operazzjoni tikkwalifika bħala SIEĠ ġenwin skont it-tifsira tal-punti 69 u 72 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, u jekk tissodisfa l-kriterji ta' kompatibbiltà kif stabbiliti fit-Taqsima 4.2 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 flimkien mar-regoli rilevanti tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012.

(285) Il-punt 75(a) tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 jispeċifika li l-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 japplika għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà għall-għajnuna lill-ajruporti bi traffiku medju annwali li jaqbeż il-200 000 passiġġier matul id-durata tal-inkarigu tas-SIEĠ, li kien il-każ għat-TMA (Tabella 1). Għalhekk, il-Kummissjoni se tivvaluta l-kompatibbiltà tal-Miżura 4 abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 u l-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

(286) Il-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 jistabbilixxi għadd ta' kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà għas-SIEĠ, inkluż fir-rigward tal-ajruporti, inkluż b'mod partikolari, l-eżistenza ta' att ta' inkarigu, il-kalkolu tal-kumpens u l-eżistenza ta' mekkaniżmi għall-kontroll tal-kumpens żejjed.

11.3.1. *SIEĠ ġenwin kif imsemmi fl-Artikolu 106 tat-TFUE*

(287) Bħala l-ewwel kundizzjoni biex il-kumpens tas-servizzi ta' ġestjoni tal-ajruport ikun kompatibbli mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, il-fornitur tas-servizz irid jiġi inkarigat b'SIEĠ ġenwin u definit b'mod korrett. Dan ir-rekwiżit huwa stabbilit fil-punt 69 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 flimkien mat-Taqsima 2.2. tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012.

(288) Skont il-punt 69 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, SIEĠ "irid ikollu karatteristiċi speċjali meta mqabbel ma' attivitajiet ekonomiċi ordinarji" u "l-objettiv ta' interess ġenerali segwit mill-awtoritajiet pubbliċi ma jistax ikun sempliċiment dak tal-iżvilupp ta' ċerti oqsma ekonomiċi jew attivitajiet ekonomiċi previsti fl-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat".

(289) Fil-punt 72 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, il-Kummissjoni tispeċifika li l-ġestjoni ġenerali ta' ajruport tikkostitwixxi SIEĠ f'każijiet ġustifikati sew, jekk parti miż-żona potenzjalment moqdija mill-ajruport, mingħajr l-ajruport, tkun iżolata mill-bqija tal-Unjoni sal-punt li jippreġudika l-iżvilupp soċjali u ekonomiku tiegħu. Dik il-valutazzjoni jenħtieġ li tqis b'mod xieraq modi oħra ta' trasport, u b'mod partikolari s-servizzi ferrovjarji ta' veloċità għolja jew il-konnessjonijiet marittimi moqdija bil-laneċ. F'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jimponu OSP fuq ajruport biex jiżguraw li l-ajruport jibqa' miftuħ għat-traffiku kummerċjali.

(290) L-istess raġunament imsemmi fil-premessi minn 243 sa 245, għas-SIEĠ tal-2011, japplika *mutatis mutandis* ukoll għas-SIEĠ tal-2014 minħabba li s-sitwazzjoni f'termini ta' mezzi ta' trasport taż-żona ma kinitx evolviet b'mod sinifikanti mill-2011. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li t-TMA huwa inkarigat ukoll b'SIEĠ ġenwin taħt l-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2014.

(291) Għar-raġunijiet kollha spjegati hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna mogħtija taħt l-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2014 għandha tingħata għal SIEĠ ġenwin u definit b'mod korrett, f'konformità mat-Taqsima 2.2 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 u l-punti 69 u 72 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

11.3.2. *Il-ħtieġa ta' att ta' inkarigu li jispeċifika l-obbligi ta' servizz pubbliku u l-metodi għall-kalkolu tal-kumpens*

(292) Skont il-punti 15 u 16 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012, ir-responsabbiltà għall-operat tas-SIEĠ trid tiġi inkarigata permezz ta' att wieħed jew aktar, li l-forma tagħhom tista' tiġi ddeterminata mill-Istat Membru. L-att jew is-serje ta' atti jridu jinkludu: (a) il-kontenut u t-tul ta' żmien tal-OSP; (b) l-impriża u, fejn applikabbli, it-territorju kkonċernat; (c) in-natura ta' kwalunkwe dritt esklużiv jew speċjali assenjat lill-impriża mill-awtorità awtorizzanti; (d) id-deskrizzjoni tal-mekkaniżmu ta' kumpens u l-parametri għall-kalkolu, il-monitoraġġ u r-rieżami tal-kumpens; u (e) l-arranġamenti biex jiġi evitat u rkuprat kwalunkwe kumpens żejjed.

(293) Bl-istess mod, skont il-punt 69 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, jenħtieġ li s-SIEĠ fis-settur tal-ajruporti jkunu definiti b'mod ċar u inkarigati permezz ta' att ta' awtorità pubblika.

(294) Is-SIEĠ tal-2014 ġie inkarigat bid-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014 li tfasslet skont id-dispożizzjonijiet tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 u l-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014. Kif imsemmi fil-premessa 66, l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014 jispeċifika l-attivitajiet li jikkostitwixxu SIEĠ fit-TMA. Kif imsemmi fil-premessa 268 xi attivitajiet jaqgħu taħt il-mandat tal-politika pubblika u għalhekk barra mill-kontroll tal-għajnuna mill-Istat. L-attivitajiet primarjament ekonomiċi li jifdal huma speċifikati b'mod ċar fl-Artikolu 1(2), il-punti (a), (b), (c) u (h) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014 u identifikati bħala attivitajiet ta' SIEĠ. Barra minn hekk, kif imsemmi fil-premessa 68, id-durata tal-OSP ġiet iddikjarata b'mod ċar. Barra minn hekk, kif imsemmi fil-premessa 43, l-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2014 speċifika wkoll l-impriża kkonċernata, jiġifieri l-Maniġer tal-Ajruport. Fl-aħħar nett, il-Maniġer tal-Ajruport ingħata d-dritt esklużiv li jipprovdi s-SIEĠ. ([125]) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li s-SIEĠ tal-2014 ikkonforma mal-punti 16(a) u (b) tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 u mal-punt 69 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

(295) Barra minn hekk, kif imsemmi fil-premessa 67, l-Artikolu 4(2) sa (11) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014 jistabbilixxi fid-dettall il-kalkolu tal-kumpens għas-SIEĠ tal-2014. Dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu: il-limiti tal-kostijiet operattivi u ta' investiment eliġibbli relatati mas-SIEĠ li għandhom jiġu koperti mill-kumpens; l-inklużjoni ta' kostijiet relatati mas-SIEĠ biss u ammont proporzjonat ta' kostijiet komuni; il-limitu li l-kumpens ma jistax jaqbeż il-kostijiet meħtieġa għat-twettiq tal-OSP. Huwa importanti li dawn id-dispożizzjonijiet jipprevedu wkoll li l-kumpens ma jistax jaqbeż id-differenza bejn dawn il-kostijiet, minn naħa waħda, u d-dħul relatat mas-SIEĠ u l-profitti mhux relatati mas-SIEĠ tal-ajruport, min-naħa l-oħra. Fi kliem ieħor, id-dħul mis-SIEĠ u anke l-profitti minn attivitajiet li mhumiex SIEĠ inaqqsu l-ammont ta' kumpens mogħti taħt is-SIEĠ tal-2014 sabiex jiġi evitat kwalunkwe kumpens żejjed possibbli. Barra minn hekk, kif imsemmi fil-premessa 62, inżammu kontijiet separati għall-attivitajiet tas-SIEĠ u mhux tas-SIEĠ ta' TMA. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li s-SIEĠ tal-2014 jikkonforma mal-punti 16(d) u (e) tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012.

11.3.3. *Tul tal-perjodu tal-inkarigu*

(296) Il-punt 17 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 jirrikjedi li d-durata tal-perjodu tal-inkarigu ta' OSP tkun iġġustifikata minn kriterji oġġettivi bħall-amortizzament u d-deprezzament. Il-Kummissjoni tinnota li l-perjodi ta' amortizzament u ta' deprezzament għall-aktar assi fissi sinifikanti bħal bini u tagħmir għall-operazzjonijiet tal-ajruport relatati mal-attivitajiet speċifikati tas-SIEĠ tipikament jaqbżu durata ta' 10 snin. ([126]) Fi kwalunkwe każ, kif imsemmi, is-SIEĠ tal-2014 waqaf ħafna qabel milli kien maħsub fl-2019.

(297) Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-punt 17 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 huwa rrispettat.

([125]) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014.

([126]) Għal referenza ara l-premessa 73 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2023 fil-Kawża SA.106193 (2023/N) – Sweden Skellefteå Airport - Entrustment of a Service of General Economic Interest.

11.3.4. *Osservanza tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/111/KE*

(298) Il-punt 18 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 jirrikjedi li l-impriża inkwistjoni tikkonforma, fejn applikabbli, mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE. ([127]) Madankollu, skont l-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva, ir-rekwiżiti ta' trasparenza rispettivi tal-Artikolu 1 tagħha ma japplikawx għal impriżi pubbliċi li l-fatturat nett annwali totali tagħhom huwa inqas minn EUR 40 miljun tul il-perjodu tas-sentejn finanzjarji ta' qabel kwalunkwe fond pubbliku jew inkarigu tas-SIEĠ. Fid-dawl tad-dħul annwali limitat ħafna tat-TMA matul l-2012 u l-2013 kif muri fit-Tabella 4Direttiva 2006/111/KE mhijiex applikabbli għal dan il-każ u għalhekk il-valutazzjoni tal-punt 18 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 mhijiex pertinenti f'dan il-każ.

11.3.5. *Konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku*

(299) Il-punt 19 tal-Qafas SGEI tal-2012 jirrikjedi li l-impriża tikkonforma mar-regoli applikabbli tal-Unjoni fil-qasam tal-akkwist pubbliku, inklużi r-rekwiżiti ta' trasparenza, trattament ugwali u nondiskriminazzjoni li jirriżultaw direttament mit-Trattat u, fejn applikabbli, mil-leġiżlazzjoni sekondarja.

(300) Skont il-punt (b) tal-Artikolu 32(2) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ([128]) l-użu tal-proċedura nnegozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel huwa permess għal servizzi li jistgħu jiġu pprovduti minn operatur ekonomiku partikolari li fih ma jkunx hemm kompetizzjoni għal raġunijiet tekniċi.

(301) Il-Kummissjoni tosserva li TMA hija l-uniku operatur ekonomiku li jista' jipprovdi l-SGEI kopert mill-att ta' inkarigu. Kif imsemmi hawn fuq (il-premessi minn 244(a) sa 245), ma hemm l-ebda ajruport ieħor li jista' jipprovdi xi alternattiva valida għat-TMA fir-rigward tal-aċċess għal Târgu Mureș u l-kontej ġirien tagħha. Peress li ma hemm l-ebda ajruport minbarra t-TMA li jista' jwettaq s-SIEĠ inkarigat permezz tal-konċessjoni ta' servizz, f'dan il-każ, il-pubblikazzjoni tal-avviż ta' konċessjoni mhijiex meħtieġa biex tiġi żgurata l-kompetizzjoni bejn l-ajruporti.

(302) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-punt 19 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 huwa ssodisfat f'dan il-każ.

11.3.6. *Nuqqas ta' diskriminazzjoni*

(303) Il-punt 20 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 jirrikjedi li meta awtorità tassenja l-forniment tal-istess SIEĠ lil diversi impriżi, jenħtieġ li l-kumpens jiġi kkalkolat abbażi tal-istess metodu fir-rigward ta' kull impriża.

(304) Peress li l-ġestjoni globali tal-ajruport ġiet inkarigata lil impriża waħda, il-punt 20 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 mhuwiex applikabbli f'dan il-każ.

11.3.7. *Ammont ta' kumpens*

(305) Il-punti minn 21 sa 50 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 jirreferu għall-ammont tal-kumpens.

(306) Skont il-punt 24 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012, il-kost nett tat-twettiq tal-OSP jenħtieġ li jiġi kkalkolat bl-użu tal-metodoloġija tal-kost nett evitat. ([129]) Fil-punt 27 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012, il-Kummissjoni tippermetti li jiġu applikati metodi alternattivi għall-kalkolu tal-kost nett meħtieġ biex jitwettaq l-OSP f'każijiet fejn l-użu tal-metodoloġija tal-kost nett evitat ma jkunx fattibbli jew xieraq.

([127]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE tas-16 ta' Novembru 2006 dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja fi ħdan ċerti impriżi (ĠU L 318, 17.11.2006, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/111/oj).

([128]) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/24/oj).

([129]) Il-metodoloġija tal-kost nett evitat hija miġbura fil-qosor fil-punti 25 u 26 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012.

(307) Il-metodoloġija tal-kost nett evitat teħtieġ l-istabbiliment tal-kostijiet u d-dħul tal-kumpanija f'xenarju ipotetiku li fih ma jkun hemm l-ebda SIEĠ. F'dan il-każ, is-servizzi kollha mhux koperti mill-att ta' inkarigu jiddependu fuq l-eżistenza tas-SIEĠ. Għalhekk, ma jista' jiġi applikat l-ebda xenarju ipotetiku rilevanti li fih jitwettqu biss l-attivitajiet l-oħra, li jfisser li l-metodu tal-kost nett evitat ma jistax jintuża.

(308) Għal dik ir-raġuni, l-att ta' inkarigu jirrikjedi li t-TMA jirrapporta l-kost nett tiegħu għall-obbligu tal-OSP bl-użu tal-metodoloġija tal-allokazzjoni tal-ispejjeż – metodoloġija alternattiva, definita fil-punti 28 – 31 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012. Dan huwa rifless fl-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2014, li jirrikjedi konformità mal-metodoloġija bbażata fuq l-allokazzjoni tal-kostijiet kif definit fil-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012. In-nuqqas ta' kumpens żejjed mitlub mill-punt 21 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 huwa vverifikat hawn taħt.

(309) L-ammont ta' kumpens jista' jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-kostijiet u d-dħul mistennija, jew tal-kostijiet u d-dħul effettivament imġarrba, jew taħlita tat-tnejn. ([130]) Il-kostijiet li għandhom jitqiesu għandhom jinkludu l-kostijiet kollha mġarrba fil-forniment tas-SIEĠ, li għandhom jiġu kkalkulati abbażi ta' prinċipji tal-kontabbiltà tal-kostijiet ġeneralment aċċettati. Il-Maniġer tal-Ajruport għandu jqis biss il-kostijiet marbuta mas-SIEĠ, li jistgħu jinkludu l-kostijiet diretti kollha mġarrba fit-twettiq tas-SIEĠ u kontribuzzjoni proporzjonata għall-kostijiet, komuni kemm għas-SIEĠ kif ukoll għal attivitajiet oħra. Il-kostijiet tal-investiment se jitqiesu jekk ikunu strettament marbuta mal-forniment tal-attivitajiet relatati mas-SIEĠ. ([131]) Il-kostijiet relatati ma' attivitajiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tas-SIEĠ mhux se jkunu eliġibbli għal kumpens li jkopri l-kostijiet diretti kollha, kontribuzzjoni xierqa għall-kostijiet komuni u redditu xieraq fuq l-ekwità. ([132]) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, jista' jiġi konkluż li l-punt 22 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 huwa rrispettat.

(310) Id-dħul li għandu jitqies irid jinkludi mill-inqas id-dħul kollu miksub mis-SIEĠ, kif speċifikat fl-att ta' inkarigu, u l-profitti eċċessivi ġġenerati minn drittijiet speċjali jew esklużivi anke jekk marbuta ma' attivitajiet oħra kif previst fil-paragrafu 45, irrispettivament minn jekk dawk il-profitti eċċessivi humiex ikklassifikati bħala għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. ([133]) Id-dħul li għandu jitqies għall-fini tad-determinazzjoni tal-kumpens għandu jinkludi d-dħul kollu miksub mill-attivitajiet koperti mis-SIEĠ, irrispettivament minn jekk dak id-dħul huwiex ikklassifikat bħala għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-Trattat, u kwalunkwe profitt mill-attivitajiet l-oħra tal-Maniġer tal-Ajruport għajr dawk relatati mas-SIEĠ. ([134]) Dawn ir-rekwiżiti huma ssodisfati.

(311) *Profitt raġonevoli*. ([135]) Id-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014 ma tippermettix lill-Maniġer tal-Ajruport jirċievi profitt raġonevoli. Barra minn hekk, skont id-Dokument ta' Tbassir Ekonomiku msemmi fil-premessa 77, l-ajruport ma kienx mistenni li jkun profittabbli fit-terminu medju, aħseb u ara fil-perjodu mill-2014 sal-2019. Għalhekk, il-punti 33 sa 38 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 huma ssodisfati.

(312) *Inċentivi għall-effiċjenza*. ([136]) Id-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014 fiha dispożizzjonijiet immirati biex jiżguraw tnaqqis tal-finanzjament pubbliku meħtieġ mit-TMA fuq medda medja ta' żmien. F'dan is-sens, jissemma li t-TMA jrid jippreżenta pjan ta' direzzjoni tan-negozju pluriennali, li jenħtieġ li jwassal għal tnaqqis gradwali fil-kumpens. ([137]) Kif muri fit-Tabella 5, il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju antiċipa tnaqqis fil-kumpens maż-żmien. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014 tistipula tnaqqis fil-finanzjament ipprovdut lill-ajruport. Dan ir-rekwiżit imbagħad jiġi ssodisfat.

([130]) Il-punt 22 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012.
([131]) L-Artikolu 4(9) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014.
([132]) L-Artikolu 4(11) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014.
([133]) Il-punt 32 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012.
([134]) L-Artikolu 4(10) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014.
([135]) Il-punti 33 sa 38 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012.
([136]) Il-punti 39 sa 43 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012.
([137]) L-Artikolu 5(14) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014.

11.3.8. *Is-separazzjoni fil-kontijiet*

(313) Skont il-punt 44 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012, jenħtieġ li l-Maniġer tal-Ajruport ikollu kontijiet separati għall-kostijiet u d-dħul assoċjati mas-SIEĠ u dawk ta' servizzi oħra. Id-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014 tiddikjara li l-Maniġer tal-Ajruport għandu jżomm kontijiet separati għall-attivitajiet fil-qasam tas-SIEĠ. ([138]) Is-separazzjoni effettiva tal-kontijiet ġiet ikkonfermata mill-awtoritajiet Rumeni matul l-investigazzjoni. Għalhekk, dan ir-rekwiżit huwa ssodisfat.

11.3.9. *Kumpens żejjed*

(314) Il-punti47 sa 50 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet biex jiġi evitat kumpens żejjed. F'konformità mal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014, il-Maniġer tal-Ajruport huwa obbligat jissostanzja l-ammont ta' kumpens mitlub u jħejji nota ta' spjegazzjoni. Barra minn hekk, id-Direttorat Ekonomiku tal-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș huwa responsabbli għall-verifika perjodika tal-kumpens. Fil-każ ta' kumpens żejjed, il-Kunsill jista' jitlob rimborż jew rieżami tal-attivitajiet relatati mas-SIEĠ. ([139]) Ta' min ifakkar li, minbarra li jissodisfa l-kundizzjonijiet formali, l-ajruport kien qed jagħmel it-telf matul il-perjodu analizzat, u għalhekk ma kien possibbli l-ebda kumpens żejjed *de facto*. Għalhekk, ir-rekwiżiti ta' kumpens żejjed tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 huma ssodisfati.

11.3.10. *Trasparenza*

(315) Skont il-punt 60 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012, l-Istat Membru kkonċernat irid jippubblika fuq l-internet jew b'mezzi xierqa oħra informazzjoni dwar: ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika jew strumenti xierqa oħra msemmija fil-punt 14 tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012, il-kontenut u t-tul ta' żmien tal-OSP, l-impriża u t-territorju kkonċernat, l-ammonti ta' għajnuna mogħtija lill-impriża fuq bażi annwali.

(316) Kemm id-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014 ([140]) kif ukoll id-deċiżjonijiet li japprovaw il-baġit annwali tat-TMA huma atti tal-Kunsill ta' Târgu Mureș u huma disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tiegħu. L-Artikoli 1, 2 u 3 tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014 jiddelinjaw il-kamp ta' applikazzjoni u d-durata tal-OSP, l-entitajiet involuti, u ż-żona ġeografika affettwata. Bl-istess mod, id-Deċiżjonijiet Reġjonali li jiddeskrivu l-baġit tal-ajruport għas-snin 2014 ([141])" 2015 ([142]), 2016 ([143])" 2017 ([144]), 2018 ([145]) u 2019 ([146]), li jispeċifikaw l-ammonti ta' għajnuna mogħtija, huma wkoll disponibbli għall-pubbliku.

(317) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li r-rekwiżiti ta' trasparenza tal-Qafas dwar is-SIEĠ tal-2012 huma ssodisfati.

11.3.11. *Konklużjoni dwar il-kompatibbiltà tal-Miżura 4*

(318) Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi minn 286 sa 298 11.3.4 hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna operatorja lit-TMA fl-2014 hija kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE.

12. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA 5 - IMPOSTI TAL-AJRUPORT GĦAL-LINJI TAL-AJRU LI OPERAW FIT-TMA MILL-21 TA' MARZU 2013 SAS-16 TA' FRAR 2019

12.1. **Eżistenza tal-għajnuna**

(319) Il-prinċipji tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE kif stabbiliti fil-premessi minn 126 sa 133, 137, 140, 143, 148 u 149 huma applikabbli wkoll għall-valutazzjoni tal-Miżura 5.

([138]) L-Artikolu 4(11) tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014.
([139]) L-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Ottubru 2014.
([140]) Disponibbli fuq: PROIECT (cjmures.ro).
([141]) Disponibbli fuq: hot016_2014.pdf (cjmures.ro).
([142]) Disponibbli fuq: PROIECT (cjmures.ro).
([143]) Disponibbli fuq: HOTĂRÂREA NR (cjmures.ro).
([144]) Disponibbli fuq: cjmures.ro/Hotariri/Hot2017/hot033_2017.pdf.
([145]) Disponibbli fuq: HOTĂRÂREA NR (cjmures.ro).
([146]) Disponibbli fuq: cjmures.ro/Hotariri/Hot2019/hot049_2019.pdf.

12.2. **Selettività**

(320) Sabiex taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, miżura tal-Istat trid tiffavorixxi lil "*ċerti impriżi jew ċerti produtturi*". Għalhekk, dawk il-miżuri biss li jiffavorixxu lil impriżi li jagħtu vantaġġ b'mod selettiv jaqgħu taħt il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat.

(321) Hija ġurisprudenza stabbilita li l-valutazzjoni tal-kundizzjoni ta' selettività tirrikjedi li jiġi ddeterminat jekk, fil-kuntest ta' sistema legali partikolari, miżura nazzjonali tkunx ta' natura li tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti meta mqabbla ma' oħrajn li, fid-dawl tal-għan imfittex minn din is-sistema, ikunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika paragunabbli. L-eżami tas-selettività jirrikjedi definizzjoni minn qabel tal-qafas ta' referenza li fih tidħol il-miżura kkonċernata. ([147]) Miżura tkun selettiva selettiva biss "*jekk, fil-kuntest ta' sistema legali partikolari, hija jkollha l-effett li tagħti vantaġġ lil ċerti impriżi meta mqabbla ma' oħrajn li jappartjenu lil setturi oħra jew lill-istess settur u li, fir-rigward tal-għan imfittex minn din is-sistema, ikunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika komparabbli.*" ([148]) Il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat, ma jirreferix għal miżuri tal-Istat li jiddivrenzjaw bejn impriżi fejn dak id-differenzjar joħroġ min-natura jew l-istruttura ġenerali tas-sistema li jiffurmaw parti minnha. ([149])

(322) Miżura li permezz tagħha impriża pubblika tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-użu tal-oġġetti jew tas-servizzi tagħha mhux neċessarjament dejjem tkun miżura selettiva għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. ([150]) L-Artikolu 107(1) tat-TFUE ma jagħmilx distinzjoni bejn miżuri ta' intervent mill-Istat b'referenza għall-kawżi jew l-għanijiet tagħhom, iżda jiddefinixxihom skont l-effetti tagħhom, u għaldaqstant indipendentement mit-tekniki użati. ([151])

(323) Id-Deċiżjoni Reġjonali ta' Lulju 2012 ipprevediet sistema ta' rati bażi għall-imposti tal-ajruporti fit-TMA (Tabella 7). Dan inkluda wkoll skontijiet fuq l-imposti skont l-għadd ta' nżul l-art għal kull perjodu ta' żmien partikolari (Tabella 8).

(324) L-imposti u l-iskontijiet tal-ajruport fid-Deċiżjoni Reġjonali ta' Lulju 2012 ġew proposti, ivvalutati u stabbiliti mill-eżekuttivi tal-Maniġer tal-Ajruport tat-TMA u ġew approvati mill-Bord tad-Diretturi tagħha (il-premessa 73). L-akkużi u l-iskontijiet imbagħad ġew approvati mill-Kunsill tal-Kontea ta' Mureș.

(325) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-iskeda tat-tariffi tal-ajruport inkwistjoni tfasslet mill-operatur tat-TMA, li jeżerċita setgħa tiegħu stess, u kienet applikabbli biss għat-TMA biss. ([152]) Il-qafas ta' referenza rilevanti għall-valutazzjoni ta' jekk il-linji tal-ajru ngħatawx vantaġġ selettiv, fis-sens li jiġu ffavoriti fuq linji tal-ajru oħra f'sitwazzjoni legali u fattwali komparabbli, kien, għalhekk, l-iskeda tal-ajruport li tistabbilixxi imposti u skontijiet applikabbli għat-TMA stabbilita mid-Deċiżjoni Reġjonali ta' Lulju 2012.

(326) Is-sistema ta' imposti tal-ajruport kienet miftuħa għal-linji tal-ajru kollha li jużaw, jew li x'aktarx jużaw it-TMA u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet deskritti fid-Deċiżjoni Reġjonali ta' Lulju 2012. Din is-sistema għalhekk ma tidhirx li hija selettiva la *de jure* u lanqas *de facto*.

(327) Bl-istess mod, l-iskontijiet kienu miftuħa għal-linji tal-ajru kollha li jużaw, jew li x'aktarx jużaw it-TMA, u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet deskritti fid-Deċiżjoni Reġjonali ta' Lulju 2012. Għalhekk l-iskontijiet ma jidhrux li huma selettivi *de jure*.

(328) Il-Kummissjoni analizzat ukoll jekk l-iskontijiet previsti mid-Deċiżjoni Reġjonali ta' Lulju 2012 kinux selettivi *de facto* billi ffavorixxew, minn perspettiva *ex ante*, ċerti linji tal-ajru li jużaw it-TMA għad-detriment ta' linji tal-ajru oħra li jużawh.

(329) L-awtoritajiet Rumeni vvalutaw l-impatt tal-livell tal-imposti tal-ajruport u l-iskontijiet fuq id-dħul tat-TMA fil-qafas tat-Tbassir Ekonomiku li tfassal għall-perjodu 2011-2015 (ara l-premessa 77).

([147]) Is-Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tal-21 ta' Diċembru 2016, *Il-Kummissjoni vs Hansestadt Lübeck* ("*Lübeck*"), C-524/14 P, ECLI:EU:C:2016:971, il-punti 40-67.

([148]) Lübeck, il-punt 58.

([149]) Lübeck, il-punti 40-67 u l-ġurisprudenza ċċitata fiha.

([150]) Ibid.

([151]) Ibid. Is-Sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, *Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit*, C-106/09 P u C-107/09 P, ECLI:EU:C:2011:732, il-punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata fiha.

([152]) Lübeck, il-punt 62.

(330) Din il-valutazzjoni li saret qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Reġjonali ta' Lulju 2012 qieset il-fatt li tliet linji tal-ajru kienu esprimew ir-rieda tagħhom li joperaw servizzi skedati minn TMA. L-istima tat-traffiku prevista mill-analiżi tas-suq mis-servizzi tal-ajru skedati mbagħad irriżultat kif ġej):

Tabella 10

Għadd mistenni ta' rotazzjonijiet fix-xahar 2013 – 2016

	Wizzair	Ryanair	Air Patriot
2013	94	20	72
2014	132	48	72
2015	180	64	72
2016	220	100	72

Sors: L-awtoritajiet Rumeni

(331) Il-Kummissjoni tinnota li fiż-żmien meta ġiet adottata d-Deċiżjoni Reġjonali ta' Lulju 2012, il-linji tal-ajru kollha li kienu mistennija jużaw it-TMA setgħu jibbenefikaw b'mod sinifikanti mill-iskontijiet li ġew stabbiliti (il-benefiċċju aktar baxx kien skont ta' 25 %) u, tnejn mit-tliet linji tal-ajru setgħu saħansitra jibbenefikaw mill-iskont massimu ta' 45 %. Il-fatt li l-iskontijiet huma progressivi b'mod lineari u li jibdew minn livell baxx (5 %) minn ftit inżul l-art (3) jiżgura wkoll li ma jkun hemm l-ebda effett ta' limitu sostanzjali: l-istruttura tal-miżura mhijiex tali li l-effetti tagħha jiffavorixxu b'mod sinifikanti grupp partikolari ta' impriżi. Barra minn hekk, il-kriterju li fuqu jiddependu l-iskontijiet (l-għadd ta' nżul l-art) bħala tali ma jistax iwassal biex xi linji tal-ajru jiġu esklużi mill-benefiċċju (meta mqabbla ma' kriterji oħra bħad-daqs tal-inġenji tal-ajru).

(332) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-kriterju li jippermetti li jinkiseb ċertu livell ta' skont huwa ġenerali u applikabbli fuq bażi *erga omnes*, peress li jirreferi biss għan-numru ta' rotazzjonijiet fix-xahar u mhux għal kriterji li potenzjalment jistgħu jiffavorixxu ċerti kumpaniji (eż. frekwenza suffiċjenti, imkejla billi jintlaħaq ċertu numru ta' passiġġieri fix-xahar jew li jkollhom flotta ta' inġenji tal-ajru ta' daqs rilevanti mkejjel billi joperaw titjiriet b'inġenji tal-ajru li jaqbżu ċertu piż).

(333) Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni tqis li s-sistema ta' imposti tal-ajruport u l-iskontijiet ġew applikati b'mod mhux selettiv ukoll minn perspettiva *de facto*.

12.2.1. *Konklużjoni dwar is-selettività*

(334) Il-Kummissjoni tqis li ma hemm l-ebda selettività *de jure*, peress li d-Deċiżjoni Reġjonali ta' Lulju 2012 ma timponi l-ebda restrizzjoni fuq l-applikazzjoni tal-iskontijiet, la f'termini tad-daqs tal-inġenju tal-ajru li għandu jintuża, u lanqas f'termini tal-għadd minimu ta' passiġġieri.

(335) Barra minn hekk, il-miżura lanqas ma hija selettiva *de facto*, peress li, kif spjegat fil-premessa 331, sa tliet linji tal-ajru b'kollox, jiġifieri l-linji tal-ajru kollha li jkunu qed joperaw servizzi regolari fl-Ajruport fis-snin li ġejjin jistgħu jibbenefikaw b'mod sinifikanti mill-iskont u l-kriterju uniku biex wieħed jibbenefika minn ċertu livell ta' skont ma jiffavorixxi l-ebda kumpanija partikolari.

(336) Minn dak li ntqal hawn fuq isegwi li l-Miżura 5 ma tissodisfax il-kundizzjoni ta' selettività tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

12.2.2. *Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna*

(337) Il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma kumulattivi. Jekk waħda minnhom ma tkunx issodisfata minn miżura li tkun qed tiġi vvalutata, tali miżura ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat.

(338) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 5 ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

(1) Il-finanzjament pubbliku mogħti mir-Rumanija lill-Maniġer tal-Ajruport tal-Ajruport ta' Târgu Mureș għall-perjodi 2007 - 2009, 2011 - 2014 u 2014- 2019 jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(a) Il-finanzjament pubbliku fil-perjodu 2007-2009 ingħata illegalment mir-Rumanija bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-għajnuna hija kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(b) Il-finanzjament pubbliku fil-perjodu 2011-2014 abbażi tal-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2011 huwa kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u kien eżentat mill-obbligu ta' notifika minn qabel previst fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(c) Il-finanzjament pubbliku fil-perjodu 2014-2019 abbażi tal-Inkarigu tas-SIEĠ tal-2014 ingħata illegalment mir-Rumanija bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-għajnuna hija kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-finanzjament pubbliku implimentat mir-Rumanija għall-infrastruttura tas-servizzi fuq l-art fl-Ajruport ta' Târgu Mureș fl-2011 jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u ngħata illegalment mir-Rumanija bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-għajnuna hija kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(3) L-imposti tal-ajruport applikabbli fl-Ajruport ta' Târgu Mureș mill-21 ta' Marzu 2013 sas-16 ta' Frar 2019 ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Frar 2025.

Għall-Kummissjoni
Teresa RIBERA
Viċi President Eżekuttiv